# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

21 ta' Diċembru 2021*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Deċiżjoni 2006/928/KE – Mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress li sar mir-Rumanija sabiex tikseb ċerti punti ta' riferiment speċifiċi fir-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni – Natura u effetti legali – Natura obbligatorja għar-Rumanija – Stat tad-dritt – Indipendenza ġudizzjarja – It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE – Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-korruzzjoni – Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni – Artikolu 325(1) TFUE – Konvenzjoni 'PIF' – Proċeduri kriminali – Sentenzi tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) dwar il-legalità tal-produzzjoni ta' ċerti provi u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni gravi – Obbligu għall-imħallfin nazzjonali li jagħtu effett sħiħ lid-deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) – Responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dawn id-deċiżjonijiet – Setgħa li jitħallew mhux applikati deċiżjonijiet tal-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali) li ma jikkonformawx mad-dritt tal-Unjoni – Prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni"

Fil-Kawżi magħquda C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19,

li għandha bħala suġġett ħames talbiet għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija), b'deċiżjonijiet tas-6 ta' Mejju 2019 (C-357/19), tat-13 ta' Mejju 2019 (C-547/19), tal-31 ta' Ottubru 2019 (C-811/19) u tad-19 ta' Novembru 2019 (C-840/19), li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja, rispettivament, fis-6 ta' Mejju, fil-15 ta' Lulju, fl-4 ta' Novembru u fid-19 ta' Novembru 2019, kif ukoll mit-Tribunalul Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor, ir-Rumanija), b'deċiżjoni tal-14 ta' Mejju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Mejju 2019 (C-379/19),

fil-proċeduri kriminali kontra

**PM** (C-357/19)

**RO** (C-357/19),

**SP** (C-357/19),

**TQ** (C-357/19),

**KI** (C-379/19),

**LJ** (C-379/19),

* Lingwa tal-proċedura: ir-Rumen.

**JH** (C-379/19),

**IG** (C-379/19),

**FQ** (C-811/19),

**GP** (C-811/19),

**HO** (C-811/19),

**IN** (C-811/19),

**NC** (C-840/19),

fil-preżenza tal-:

**Ministerul Public – Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție** (C-357/19, C-811/19 u C-840/19),

**QN** (C-357/19),

**UR** (C-357/19),

**VS** (C-357/19),

**WT** (C-357/19),

**Autoritatea Națională pentru Turism** (C-357/19),

**Agenția Națională de Administrare Fiscală** (C-357/19),

**SC Euro Box Promotion SRL** (C-357/19),

**Direcția Națională Anticorupție – Serviciul Teritorial Oradea** (C-379/19),

**JM** (C-811/19),

kif ukoll fil-proċedura

**CY,**

**Asociația "Forumul Judecătorilor din România"**

vs

**Inspecția Judiciară,**

**Consiliul Superior al Magistraturii,**

**Înalta Curte de Casație și Justiție** (C-547/19),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi-President, A. Arabadjiev, A. Prechal u K. Jürimäe, S. Rodin, Presidenti ta' Awla, M. Ilešič, T. von Danwitz (Relatur), M. Safjan, F. Biltgen u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal PM, minn V. Rădulescu u V. Tobă, avocați,
- għal RO, minn M. O. Țopa u R. Chiriță, avocați,
- għal TQ, minn M. Mareş, avukat,
- għal KI u LJ, minn R. Chiriță, F. Mircea u O. Chiriță, avocați,
- għal CY, minn P. Rusu, avukat, kif ukoll minn C. Bogdan,
- għall-Asociația "Forumul Judecătorilor din România", minn D. Călin, u L. Zaharia,
- għal FQ, minn A. Georgescu, avukat,
- għal NC, minn D. Lupaşcu u G. Thuan Dit Dieudonné, avukati,
- għall-Ministerul Public – Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație şi Justiție – Direcția Națională Anticorupție, minn C. Nistor u D. Ana, bħala aġenti,
- għad-Direcția Națională Anticorupție – Serviciul Teritorial Oradea, minn D. Ana, bħala aġent,
- għall-Inspecția Judiciară, minn L. Netejoru, bħala aġent,
- għall-Consiliul Superior al Magistraturii, minn L. Savonea, bħala aġent,
- għall-Gvern Rumen, inizjalment minn C.-R. Canțăr, S.-A. Purza, E. Gane, R. I. Hațieganu u L. Lițu, imbagħad minn S.-A. Purza, E. Gane, R. I. Hațieganu u L. Lițu bħala aġenti,
- għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn J. Baquero Cruz, I. Rogalski, P. Van Nuffel, M. Wasmeier u H. Krämer, imbagħad minn J. Baquero Cruz, I. Rogalski, P. Van Nuffel u M. Wasmeier, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw, essenzjalment, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, tal-Artikolu 325(1) TFUE, tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), tal-Artikolu 1(1) u tal-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta’ l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta’ l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fi Brussell fis-26 ta’ Lulju 1995 u annessa mal-Att tal-Kunsill tas-26 ta’ Lulju 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 8, p. 57, iktar ’il quddiem il-“Konvenzjoni PIF”), tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta’ Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta’ mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta’ riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ĠU 2007, L 142M, p. 825), kif ukoll tal-prinċipju ta’ supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest:

– tal-proċeduri kriminali kontra PM, RO, TQ u SP (C-357/19), KI, LJ, JH u IG (C-379/19), FQ, GP, HO u IN (C-811/19), u NC (C-840/19) għal reati b’mod partikolari ta’ korruzzjoni u ta’ evażjoni tat-taxxa relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT);

– ta’ tilwima bejn CY u l-Asociația “Forumul Judecătorilor din România” (iktar ’il quddiem il-“Forum tal-Imħallfin tar-Rumanija”) u l-Inspecția Judiciară (l-Ispettorat Ġudizzjarju, ir-Rumanija), il-Consiliul Superior al Magistraturii (il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, ir-Rumanija) u l-Înalta Curte ta’ Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija, iktar ’il quddiem il-“Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja”) dwar l-impożizzjoni ta’ sanzjoni dixxiplinari fuq CY (C-547/19).

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Il-Konvenzjoni PIF*

3 L-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni PIF jipprovdi dan li ġej:

“Għall-għanijiet ta’ din il-Konvenzjoni, frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej tikkonsisti fir-:

a) rigward l-infiq, kwalunkwe att jew omissjoni b’intenzjoni dwar:

– l-użu jew presentazzjoni ta’ stqarrijiet jew dokumenti mhux korretti jew mhux kompluti, li għandhom bħala effett il-misapproprjazzjoni jew iż-żamma mhux korretta ta’ fondi mill-bilanċ ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew bilanċi mħaddma minn, jew f’isem, il-Komunitajiet Ewropej,

– ma tkunx żvelata informazzjoni bi ksur ta' obbligu speċifiku, bl-istess effett,

– applikazzjoni ħażina ta' dawn il-fondi għall-għanijiet barra dawk li għalihom ingħataw oriġinarjament;

b) rigward dħul, kwalunkwe att jew omissjoni intenzjonali dwar:

– l-użu jew preżentazzjoni ta' stqarrijiet jew dokumenti foloz, mhux korretti jew mhux kompluti, li għandhom bħala effett it-tnaqqis illegali ta' fondi mill-bilanċ ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew bilanċi mħaddma minn, jew f'isem, il-Komunitajiet Ewropej,

[...]"

4 L-Artikolu 2(1) ta' din il-konvenzjoni jipprovdi:

"Kull Stat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li l-kondotta msemmija fl-Artikolu 1, u parteċipazzjoni f'instigazzjoni jew attentat tal-kondotta msemmija fl-Artikolu 1(1), huma puniti b'penalitajiet kriminali effettivi, proporzjonati u disważivi, inklużi, għal inqas f'każi ta' frodi serja, penalitajiet li jinvolvu depravazzjoni ta' libertà li tista' tagħti lok għal estradizzjoni, u jinftiehem li frodi serja titqies frodi li tinvolvi ammont minimu li għandu jkun stabbilit f'kull Stat Membru. Dan l-ammont minimu ma jistax ikun stabbilit għas-somma li taqbeż [EUR] 50 000."

5 Permezz ta' att tas-27 ta' Settembru 1996, il-Kunsill stabbilixxa l-Protokoll dwar il-Konvenzjoni fuq il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 19). Skont l-Artikoli 2 u 3 tiegħu, dan il-protokoll ikopri atti ta' korruzzjoni passiva u attiva.

*It-Trattat ta' Adeżjoni*

6 It-Trattat bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u Ir-Rumanija, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 11, iktar 'il quddiem it-"Trattat ta' Adeżjoni"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, jipprovdi, fl-Artikolu 2(2) u (3) tiegħu:

"2. Il-kondizzjonijiet ta' l-ammissjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni, li saru meħtieġa b' din l-ammissjoni, li se japplikaw mid-data ta' l-adeżjoni sad-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, qegħdin jiġu stabbiliti fl-Att anness ma' dan it-Trattat. Id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att għandhom jagħmlu parti integrali minn dan it-Trattat.

3. [...]

Atti adottati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll imsemmi fl-Artikolu 1(3) abbażi ta' dan it-Trattat jew l-Att imsemmi fil-paragrafu 2 għandhom jibqgħu fis-seħħ u l-effetti legali tagħhom għandhom jiġu preservati sakemm dawk l-atti jiġu emendati jew imħassra."

*L-att ta' Adeżjoni*

7 L-att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 203, iktar 'il quddiem l-"Att ta' Adeżjoni"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007, jipprovdi, fl-Artikolu 2 tiegħu:

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu lill-Bulgarija u lir-Rumanija u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati bil-kondizzjonijiet kif elenkati f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

8 L-Artikolu 37 ta' dan l-att jipprovdi dan li ġej:

"Jekk il-Bulgarija jew ir-Rumanija tkun naqset milli timplimenta l-impenji assunti fil-kuntest tan-negozjati dwar l-adeżjoni, u tikkawża ksur kontra l-funzjonament tas-suq intern, inklużi kwalunkwe impenji fil-politika settorjali kollha li tikkonċerna l-attivitajiet ekonomiċi b'effett transkonfinali, jew toħloq xi riskju imminenti ta' tali ksur, il-Kummissjoni tista', sa l-aħħar ta' perjodu ta' mhux akar minn tliet snin wara l-adeżjoni, fuq talba motivata ta' Stat Membru jew bl-inizjattiva tagħha stess, tieħu l-miżuri adatti.

Il-miżuri għandhom ikunu proporzjonati u għandha tingħata prijorità lil miżuri li l-anqas ifixklu l-funzjonament tas-suq intern u, fejn kunsiljabbli, lill-applikazzjoni ta' mekkaniżmi eżistenti ta' salvagwardja settorali. Tali miżuri ta' salvagwardja ma għandhomx jiġu invokati bħala mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ta' restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Il-klawsola ta' salvagwardja tista' tiġi invokata wkoll qabel l-adeżjoni abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-miżuri adottati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum ta' l-adeżjoni sakemm ma jipprovdux għal data aktar tard. Il-miżuri m'għandhomx jinżammu għal żmien aktar milli huwa strettament meħtieġ u, fi kwlunkwe każ, għandhom jitneħħew meta l-impenn rilevanti jiġi implementat. Madankollu jistgħu jiġu applikati lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm l-impenji rilevanti ma jkunux ġew imwettqa. Bi tweġiba għall-progress li jagħmel l-Istat Membru l-ġdid konċernat fit-twettiq ta' l-impenji tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadatta l-miżuri kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel tirrevoka l-miżuri ta' salvagwardja, u hija għandha tikkunsidra kif dovut kull osservazzjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward."

9 L-Artikolu 38 tal-Att ta' Adeżjoni jipprovdi:

"Jekk jeżistu nuqqasijiet serji jew xi riskji imminenti ta' tali nuqqasijiet fil-Bulgarija jew fir-Rumanija fit-trasposizzjoni, fl-istat ta' l-implimentazzjoni, jew fl-applikazzjoni tad-deċizjonijiet kwadru jew ta' kwalunkwe impenn pertinenti ieħor, ta' kwalunkwe strument ta' koperazzjoni u deċizjoni konnessa mar-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tal-liġi kriminali taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE u taħt id-Direttivi u r-Regolamenti dwar ir-rikonoxximent reċiproku f'materji ċivili taħt it-Titolu IV tat-Trattat KE, il-Kummissjoni tista', sa tmiem perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-adeżjoni, fuq it-talba motivata ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess u wara li tikkonsulta lill-Istati Membri, tieħu l-miżuri adatti u tispeċifika l-kondizzjonijiet u l-modalitajiet li taħthom dawn il-miżuri għandhom jiddaħħlu fis-seħħ.

Dawn il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' sospensjoni temporanja ta' l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet u deċiżjonijiet pertinenti fir-relazzjonijiet bejn il-Bulgarija jew ir-Rumanija u kwalunkwe wieħed jew aktar mill-Istati Membri oħra, mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni tal-koperazzjoni ġudizzjarja mill-qrib. Il-klawsola ta' salvagwardja tista' tiġi nvokata anki qabel l-adeżjoni abbażi tar-riżultati tal-monitoraġġ u l-miżuri adottati għandhom jidħlu fis-seħħ mill-ewwel jum ta' l-adeżjoni sakemm ma jipprovdux għal data iktar tard. Il-miżuri ma għandhomx jinżammu

għal aktar żmien minn dak strettament meħtieġ u, fi kwalunkwe każ, għandhom jitneħħew meta n-nuqqasijiet jiġu rimedjati. Madanakollu jistgħu jiġu applikati lil hinn mill-perjodu speċifikat fl-ewwel paragrafu sakemm dawn in-nuqqasijiet jippersistu. Bi tweġiba għall-progress li jagħmel l-Istat Membru l-ġdid konċernat fir-rettifika tan-nuqqasijiet identifikati, il-Kummissjoni tista' tadatta l-miżuri kif ikun adatt wara li tikkonsulta ma' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill fi żmien debitu qabel tirrevoka l-miżuri ta' salvagwardja, u hija għandha tikkunsidra kif dovut kwalunkwe osservazzjonijiet tal-Kunsill f'dan ir-rigward."

10 L-Artikolu 39(1) sa (3) tal-Att ta' Adeżjoni jipprovdi:

"1. Jekk, abbażi tal-monitoraġġ kontinwu tal-Kummissjoni ta' impenji meħuda mill-Bulgarija u mir-Rumanija fil-kuntest tan-negozjati ta' l-adeżjoni u b'mod partikolari r-rapporti ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni, hemm evidenza ċara li l-istat tat-tħejjijiet għall-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-acquis fil-Bulgarija u fir-Rumanija hu tali li hemm riskju serju li wieħed minn dawk l-Istati jinsab li huwa manifestament mhux ippreparat sabiex jilħaq il-ħtiġiet ta' sħubija sad-data ta' l-adeżjoni ta' l-1 ta' Jannar 2007 f'numru ta' oqsma importanti, il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jiddeċiedi li d-data ta' l-adeżjoni ta' dak l-Istat tiġi posposta b'sena waħda sa l-1 ta' Jannar 2008.

2. Minkejja l-paragrafu 1, il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata abbazi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tar-Rumanija jekk nuqqasijiet serji ġew osservati fit-twettiq mir-Rumanija ta' wieħed jew iżjed mill-impenji u l-ħtiġijiet elenkati fl-Anness IX, punt I.

3. Minkejja l-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 37, il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata abbazi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara valutazzjoni dettaljata li għandha ssir fil-ħarifa ta' l-2005 tal-progress magħmul mir-Rumanija fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni, jieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tar-Rumanija jekk nuqqasijiet serji ġew osservati fit-twettiq mir-Rumanija ta' l-obbligi assunti taħt il-Ftehim Ewropew jew ta' wieħed jew iżjed mill-impenji u ħtiġijiet elenkati fl-Anness IX, punt II."

11 L-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni, intitolat "Impenji speċifiċi assunti, u rekwiżiti aċċettati, mir-Rumanija fil-konklużjoni tan-negozjati dwar l-adeżjoni fl-14 ta' Diċembru 2004 (imsemmija fl-Artikolu 39 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni)", fih, fil-punt I tiegħu, is-silta li ġejja:

"Fir-rigward ta' l-Artikolu 39(2)

[...]

4) Sabiex tiġi intensifikata konsiderevolment il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u partikolarment kontra l-korruzzjoni fi gradi għolja billi jiġu żgurati l-infurzar rigoruż tal-leġislazzjoni ta' kontra l-korruzzjoni u l-indipendenza effettiva ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Prosekuturi Anti-Korruzzjoni (NAPO) u billi jiġi preżentat fuq bażi annwali, minn Novembru 2005, rendikont konvinċenti ta' servizz dwar l-attivitajiet tan-NAPO fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fi gradi għolja. In-NAPO għandu jingħata l-persunal, ir-riżorsi finanzjarji u ta' taħriġ, kif ukoll it-tagħmir meħtieġ sabiex iwettaq il-funzjoni vitali tiegħu.

5) […] [L-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni] għandha tinkludi l-impenn li tiġi riveduta sa tmiem l-2005 il-proċedura kriminali protratta sabiex jiġi żgurat li każijiet ta' korruzzjoni jiġu trattati rapidament u b'mod trasparenti, sabiex jiġu żgurati sanzjonijiet adegwati b'effett deterrenti; […]

[…]"

*Id-Deċiżjoni 2006/928*

12 Id-Deċiżjoni 2006/928 ġiet adottata, fil-kuntest tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea prevista għall-1 ta' Jannar 2007, fuq il-bażi, b'mod partikolari, tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni. Il-premessi 1 sa 6 u 9 ta' din id-deċiżjoni huma fformulati kif ġej:

"(1) L-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq l-istat ta' dritt, prinċipju komuni għall-Istati Membri kollha.

(2) Il-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u s-suq intern, maħluq mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, huma bbażati fuq il-fiduċja reċiproka li d-deċiżjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji u l-prattiċi ta' l-Istati Membri kollha jirrispettaw b'mod sħiħ l-istat ta' dritt.

(3) Dan jimplika għall-Istati Membri kollha l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja u amministrattiva imparzjali, indipendenti w effettiva mgħammra b'mod xieraq, *inter alia*, sabiex tiġġieled il-korruzzjoni.

(4) Fl-1 ta' Jannar 2007, ir-Rumanija se ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni, filwaqt li tinnota l-isforzi konsiderevoli sabiex jitlestu l-preparazzjonijiet tar-Rumanija għas-sħubija, identifikat kwistjonijiet pendenti fir-Rapport tagħha tas-26 ta' Settembru 2006, b'mod partikolari l-kontabilità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-entitajiet ta' l-infurzar tal-liġi, fejn hemm bżonn ta' aktar progress sabiex tiġi assigurata l-kapaċità tagħhom sabiex jimplimentaw u japplikaw il-miżuri adottati sabiex jiġu mwaqqafa s-suq intern u l-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(5) L-Artikolu 37 ta' l-Att ta' Adeżjoni jagħti setgħa lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri xierqa f'każ ta' riskju imminenti li r-Rumanija tikkawża ksur fil-funzjoni tas-suq intern b'nuqqas li jiġu implimentati l-impenji li ntrabtet bihom. L-Artikolu 38 ta' l-Att ta' Adeżjoni jagħti setgħa lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri xierqa f'każ imminenti ta' nuqqasijiet serji mir-Rumanija fit-traspożizzjoni, l-istat ta' implimentazzjoni, jew l-applikazzjoni ta' atti adottati taħt it-Titolu VI tat-Trattat ta' l-UE u ta' l-atti adottati taħt it-Titolu IV tat-Trattat tal-KE.

(6) Il-kwistjonijiet li għad fadal fil-kontabilità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja u l-entitajiet ta' l-infurzar jiġġustifikaw it-twaqqif ta' mekkaniżmu għal kooperazzjoni u verifika tal-progress tar-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

[…]

(9) Id-Deċiżjoni preżenti għandha tiġi emendata jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tkun indika bżonn ta' aġġustament fil-punti ta' riferiment. Id-Deċiżjoni preżenti għandha titħassar meta il-punti ta' riferiment kollha jiġu mwettqa b'mod sodisfaċenti."

13 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2006/928 jipprevedi:

"Ir-Rumanija għandha, sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, u għall-ewwel darba mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007, tirraporta lill-Kummissjoni dwar il-progress magħmul fl-indirizzar tal-punti ta' riferiment kollha pprovduti fl-Anness.

Il-Kummisjoni tistà, f'kull ħin, tipprovdi assistenza teknika permezz ta' attivitajiet differenti jew tiġbor u tpartat informazzjoni dwar il-punti ta' riferiment. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tistà, f'kull ħin, torganizza missjonijiet ta' l-esperti lejn ir-Rumanija għal dan l-iskop. L-awtoritajiet Rumeni għandhom jagħtu l-appoġġ neċessarju f'dan il-kuntest."

14 L-Artikolu 2 ta' din id-deċiżjoni jipprovdi:

"Il-Kummissjoni se tikkomunika lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill il-kummenti u r-riżultati tagħha dwar ir-rapport tar-Rumanija għall-ewwel darba f'Ġunju 2007.

Il-Kummissjoni se terġa tirraporta minn hemm 'il quddiem kif u meta jkun meħtieġ u mill-inqas kull sitt xhur."

15 L-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni jgħid:

"Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri kollha."

16 L-anness tal-istess deċiżjoni huwa fformulat kif ġej:

"Punti ta' riferiment li għandhom jiġu indirizzati mir-Rumanija, imsemmija f'Artikolu 1:

1) Tassigura proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti partikolarment billi jiġu mtejba l-kapaċità u l-kontabilità tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Tirraporta u tissorvelja l-impatt tal-kodiċi ġodda tal-proċeduri ċivili u penali.

2) Tistabbilixxi, kif previst, aġenzija ta' integrità b'responsabbiltajiet ta' verifikar ta' assi, inkompatibbiltajiet u kunflitti potenzjali ta' interess, u sabiex tagħti deċiżjonijiet mandatorji abbażi ta' liema jistgħu jingħataw sanzjonijiet ta' deterrent.

3) Tibni fuq il-progress li diġà sar, tkompli tagħmel investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġjani dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.

4) Tieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fi ħdan il-gvern lokali."

***Id-dritt Rumen***

*Il-Kostituzzjoni Rumena*

17 It-Titolu III tal-Costituția României (il-Kostituzzjoni Rumena), intitolat "L-awtoritajiet pubbliċi", jinkludi, b'mod partikolari, il-Kapitolu VI, li għandu x'jaqsam mal-"awtorità ġudizzjarja", li fih jidher l-Artikolu 126 ta' din il-kostituzzjoni. Dan l-artikolu jipprovdi:

"(1) Il-ġustizzja hija amministrata mill-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja u minn korpi ġudizzjarji oħra stabbiliti bil-liġi.

[...]

(3) Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tiżgura l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi mill-qrati l-oħra, skont il-ġurisdizzjoni tagħha.

(4) Il-kompożizzjoni tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja u r-regoli tal-funzjonament tagħha huma stabbiliti b'liġi organika.

[...]

(6) L-istħarriġ ġudizzjarju tal-atti amministrattivi tal-awtoritajiet pubbliċi permezz tal-kontenzjuż amministrattiv huwa żgurat, bl-eċċezzjoni tal-atti relatati mar-relazzjonijiet mal-Parlament kif ukoll atti ta' kmand militari. Il-qrati amministrattivi huma kompetenti biex jisimgħu rikorsi ppreżentati mill-persuni leżi, skont il-każ, b'digrieti jew bid-dispożizzjonijiet ta' digrieti ddikjarati inkostituzzjonali."

18 It-Titolu V tal-Kostituzzjoni Rumena, dwar il-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem il-"Qorti Kostituzzjonali", jinkludi l-Artikoli 142 sa 147 tagħha. L-Artikolu 142, innifsu msejjaħ "Struttura", jipprovdi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"(1) Il-Qorti Kostituzzjonali hija l-garanti tas-supremazija tal-Kostituzzjoni.

(2) Il-Qorti Kostituzzjonali hija komposta minn disa' mħallfin, maħtura għal mandat ta' disa' snin, li ma jistax jiġi estiż jew imġedded.

(3) Tliet imħallfin jinħatru mill-Camera Deputaților [(il-Kamra tad-Deputati)], tlieta mis-Senat [(is-Senat)] u tlieta mill-Președintele României [(il-President tar-Rumanija)]."

19 L-Artikolu 143 tal-Kostituzzjoni Rumena jgħid kif ġej:

"L-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali għandu jkollhom kwalifiki legali eċċellenti, livell għoli ta' kompetenza professjonali u mill-inqas 18-il sena ta' esperjenza fix-xogħol legali jew fl-edukazzjoni legali ogħla."

20 L-Artikolu 144 tal-Kostituzzjoni Rumena jipprovdi:

"Il-kariga ta' imħallef fil-Qorti Kostituzzjonali hija inkompatibbli ma' kwalunkwe kariga pubblika jew privata oħra, bl-eċċezzjoni tal-funzjonijiet pedagoġiċi ta' edukazzjoni legali għolja."

21 Skont l-Artikolu 145 tal-Kostituzzjoni Rumena:

"L-Imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali għandhom ikunu indipendenti fl-eżerċizzju tal-kariga tagħhom u għandhom ikunu irremovabbli tul il-mandat".

22 L-Artikolu 146 tal-Kostituzzjoni Rumena jipprevedi:

"Il-Qorti Kostituzzjonali għandha d-dmirijiet segwenti:

[...]

d) hija tiddeċiedi dwar eċċezzjonijiet fuq l-inkostituzzjonalità ta' liġijiet u digrieti, imqajma quddiem korpi ġudizzjarji jew ta' arbitraġġ kummerċjali; l-eċċezzjoni tal-inkostituzzjonalità tista' titqajjem direttament mill-Avukat tal-Poplu;

e) is-soluzzjoni ta' kunflitti legali ta' natura kostituzzjonali bejn awtoritajiet pubbliċi, fuq it-talba tal-President tar-Rumanija, wieħed mill-Presidenti taż-żewġt ikmamar, il-primului-ministru [(il-Prim Ministru)] jew il-President tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura;

[...]"

23 L-Artikolu 147 tal-Kostituzzjoni Rumena jgħid, fil-paragrafu 4 tiegħu:

"Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jiġu ppubblikati fil-*Monitorul Oficial al României* [(il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija)]). Mid-data tal-pubblikazzjoni, dawn id-deċiżjonijiet għandhom ikunu ġeneralment vinkolanti u jkollhom effett legali biss għall-futur."

24 L-Artikolu 148(2) sa (4) tal-Kostituzzjoni Rumena jgħid:

"(2) Wara l-adeżjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati kostituttivi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-regolamenti l-oħra vinkolanti tal-Komunità jieħdu preċedenza fuq id-dispożizzjonijiet kuntrarji tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Att ta' Adeżjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 japplikaw b'analoġija għall-adeżjoni għall-atti ta' reviżjoni tat-Trattati kostituttivi tal-Unjoni Ewropea.

(4) Il-Parlament, il-President tar-Rumanija, il-Gvern u l-awtorità ġudizzjarja jiggarantixxu l-osservanza tal-obbligi li jirriżultaw mill-Att ta' Adeżjoni u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2."

*Il-Kodiċi Kriminali*

25 L-Artikolu 154(1) tal-Codul penal (il-Kodiċi Kriminali) jipprovdi:

"It-termini ta' preskrizzjoni għal responsabbiltà kriminali huma kif ġej:

a) 15-il sena, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi bi priġunerija għall-għomor jew b'terminu ta' priġunerija ta' iktar minn 20 sena;

b) 10 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn 10 snin u mhux iktar minn 20 sena;

c) 8 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn 5 snin u mhux iktar minn 10 snin;

d) 5 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sena u mhux iktar minn 5 snin;

e) 3 snin, fejn ir-reat imwettaq huwa punibbli bil-liġi b'terminu ta' priġunerija ta' inqas minn sena jew b'multa."

26 L-Artikolu 155(4) ta' dan il-kodiċi jipprovdi:

"Jekk il-perijodi ta' preskrizzjoni stabbiliti fl-Artikolu 154 jinqabżu għal darba oħra, dawn għandhom jitqiesu li tlestew irrispettivament min-numru ta' interruzzjonijiet."

*Il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali*

27 L-Artikolu 40(1) tal-Codul de procedură penală (il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali) jipprovdi:

"Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tisma', fl-ewwel istanza, reati ta' tradiment għoli, u reati mwettqa mis-senaturi, id-deputati u l-membri Rumeni tal-Parlament Ewropew, il-membri tal-Gvern, l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali, il-membri tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, l-imħallfin tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja u l-prosekuturi tal-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja)]."

28 L-Artikolu 142(1) ta' dan il-kodiċi, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ qabel l-14 ta' Marzu 2016, kien ifformulat kif ġej:

"Il-prosekutur għandu jwettaq is-sorveljanza teknika jew jista' jordna li titwettaq mill-korp responsabbli mill-prosekuzzjonijiet kriminali, minn uffiċjali tal-pulizija speċjalizzati jew minn korpi oħra speċjalizzati tal-Istat."

29 Skont l-Artikolu 281(1) tal-kodiċi msemmi:

"Huwa dejjem ssanzjonat bin-nullità l-ksur tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw:

[...]

b) il-ġurisdizzjoni materjali u personali tal-qrati, meta tkun qorti ta' grad inferjuri għal qorti kompetenti li ddeċidiet il-kawża;

[...]"

30 L-Artikolu 342 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jgħid:

"L-għan tal-proċedura quddiem l-awla preliminari huwa li jiġu vverifikati, wara rinviju lil qorti, il-kompetenza u l-legalità tar-riferiment lill-qorti kif ukoll li tiġi vverifikata l-legalità tal-amministrazzjoni tal-provi u tat-twettiq tal-atti mill-korpi responsabbli mill-prosekuzzjonijiet kriminali."

31 L-Artikolu 426(1) ta' dan il-kodiċi jipprovdi:

"Jista' jiġi ppreżentat rimedju ġudizzjarju straordinarju għal annullament ta' deċiżjonijiet finali fi proċeduri kriminali fil-kawżi segwenti:

[...]

d) fejn il-kompożizzjoni tal-qorti tal-appell ma tkunx konformi mal-liġi jew fejn ikun hemm każ ta' inkompatibbiltà;

[...]"

32 L-Artikolu 428(1) tal-imsemmi kodiċi jipprovdi:

"Jista' jiġi ppreżentat rimedju ġudizzjarju straordinarju għal annullament għar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 426(a) u (c) sa (h) fi żmien 30 jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tal-qorti tal-appell."

*Il-Liġi Nru 47/1992*

33 L-Artikolu 3 tal-Legea nr. 47/1992 privind organizarea și funcționarea Curții Constituționale (il-Liġi Nru 47/1992 dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament tal-Qorti Kostituzzjonali) tat-18 ta' Mejju 1992 (ippubblikata mill-ġdid fil-*Monitorul Oficial al României*, parti I, Nru 807 tat-3 ta' Diċembru 2010), jipprevedi:

"1. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali hija dik stabbilita mill-Kostituzzjoni u minn din il-liġi.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha, il-Qorti Kostituzzjonali biss għandha d-dritt li tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha.

3. Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, stabbilita skont il-paragrafu 2, ma tista' tiġi kkontestata minn ebda awtorità pubblika."

34 L-Artikolu 34(1) ta' din il-liġi jgħid:

"Il-Qorti Kostituzzjonali tiddeċiedi dwar il-kunflitti legali ta' natura kostituzzjonali bejn awtoritajiet pubbliċi, fuq it-talba tal-President tar-Rumanija, tal-President ta' waħda miż-żewġ Awli, tal-Prim Ministru jew tal-President tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura."

*Il-Liġi Nru 78/2000*

35 L-Artikolu 5 tal-Legea nr. 78/2000 pentru prevenirea, descoperirea și sancționarea faptelor de corupție (il-Liġi Nru 78/2000 dwar il-Prevenzjoni, l-Iskoperta u r-Repressjoni ta' Atti ta' Korruzzjoni) tat-18 ta' Mejju 2000 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, nru 219 tat-18 ta' Mejju 2000, jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Għall-finijiet ta' din il-liġi, ir-reati previsti fl-Artikoli 289 sa 292 tal-Kodiċi Kriminali huma reati ta' korruzzjoni, inkluż meta jitwettqu mill-persuni previsti fl-Artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali."

36 L-artikoli tal-Kodiċi Kriminali msemmija fl-Artikolu 5(1) tal-Liġi Nru 78/2000 jikkonċernaw, rispettivament, ir-reati ta' korruzzjoni passiva (Artikolu 289), ta' korruzzjoni attiva (Artikolu 290), ta' abbuż mill-influwenza (Artikolu 291) u abbuż mill-influwenza taħt forma attiva (Artikolu 292).

37 L-Artikolu 29(1) ta' din il-liġi jipprovdi:

"Huma mwaqqfa kulleġġi ġudikanti speċjalizzati biex jiddeċiedu fl-ewwel istanza dwar ir-reati previsti minn din il-liġi."

*Il-Liġi Nru 303/2004*

38 L-Artikolu 99 tal-Legea nr. 303/2004 privind statul judecătorilor și procurorilor (il-Liġi Nru 303/2004 dwar ir-Regoli li Jirregolaw lill-Imħallfin u lill-Prosekuturi) tat-28 ta' Ġunju 2004 (ippubblikata mill-ġdid fil-*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 826 tat-13 ta' Settembru 2005), kif emendata bil-Legea Nr. 24/2012 (il-Liġi Nru 24/2012) tas-17 ta' Jannar 2012 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 51 tat-23 ta' Jannar 2012) (iktar 'il quddiem "il-Liġi Nru 303/2004"), jipprovdi:

"Jikkostitwixxi ksur dixxiplinari:

[...]

o) in-nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet relatati mal-assenjazzjoni każwali tal-kawżi;

[...]

ș) in-nuqqas ta' osservanza tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali [...];

[...]".

39 L-Artikolu 100 ta' din il-liġi jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Is-sanzjonijiet dixxiplinari li jistgħu jiġu imposti fuq l-imħallfin u fuq il-prosekuturi, fi proporzjon mas-serjetà tal-ksur, huma:

[...]

e) l-esklużjoni mill-maġistratura."

40 L-Artikolu 101 tal-imsemmija liġi jipprovdi:

"Is-sanzjonijiet dixxiplinarji previsti fl-Artikolu 100 huma imposti mis-sezzjonijiet tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, taħt il-kundizzjonijiet previsti fil-liġi organika tiegħu."

*Il-Liġi Nru 304/2004*

41 Il-Legea nr. 304/2004 privind organizarea judiciară (il-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja) tat-28 ta' Ġunju 2004 (ippubblikata mill-ġdid fil-*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 827 tat-13 ta' Settembru 2005) ġiet emendata, b'mod partikolari, minn:

– il-Legea nr. 202/2010 privind unele măsuri pentru accelerarea soluționării proceselor (il-Liġi Nru 202/2010 li Tipprevedi Miżuri għall-Aċċellerazzjoni tal-Ġudizzju tal-Proċeduri) tal-25 ta' Ottubru 2010 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 714 tas-26 ta' Ottubru 2010);

– il-Legea nr. 255/2013 pentru punerea în aplicare a Legii nr. 135/2010 privind Codul de procedura penală și pentru modificarea și completarea unor act normative care cuprind dispoziții procesual penale (il-Liġi Nru 255/2013 li Timplimenta l-Liġi Nru 135/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali u li Temenda u Tlesti Ċerti Atti Regolatorji li Jadottaw Dispożizzjonijiet Relatati mal-Proċedura Kriminali) tad-19 ta' Lulju 2013 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 515 tal-14 ta' Awwissu 2013);

– il-Legea nr. 207/2018 pentru modificarea și completarea Legii nr. 304/2004 privind organizarea judiciară (il-Liġi Nru 207/2018 li Temenda u Tissupplimenta l-Liġi Nru 304/2004 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ġudikatura) tal-20 ta' Lulju 2018 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 636 tal-20 ta' Lulju 2018);

42 L-Artikolu 19(3) tal-Liġi Nru 304/2004, kif l-aħħar emendata bil-Liġi Nru 207/2018 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 304/2004 kif emendata"), jipprovdi:

"Fil-bidu ta' kull sena, il-kulleġġ tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, fuq proposta tal-President jew tal-Viċi-President tagħha, jista' japprova l-kostituzzjoni ta' kulleġġi ġudikanti speċjalizzati fil-qafas tal-awli tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, skont in-numru u n-natura tal-kawżi, tal-volum ta' attività ta' kull awla, kif ukoll l-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin u l-ħtieġa li jużaw l-esperjenza professjonali tagħhom."

43 L-Artikolu 24(1) ta' din il-liġi jistabbilixxi:

"Il-kulleġġi ta' ħames imħallfin jisimgħu appelli mid-deċiżjonijiet mogħtija fl-ewwel istanza mis-sezzjoni kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, jiddeċiedu dwar l-appelli fil-kassazzjoni mid-deċiżjonijiet meħuda fl-appell mill-kulleġġi ta' ħames imħallfin wara l-ammissjoni minn qabel tagħhom, jittrattaw l-appelli mid-deċiżjonijiet mogħtija waqt il-proċess fl-ewwel istanza mis-sezzjoni kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, jiddeċiedu fuq kwistjonijiet dixxiplinari skont il-liġi u fuq kawżi oħrajn fil-qafas tal-ġurisdizzjoni li tagħtihom il-liġi."

44 L-Artikolu 29(1) tal-imsemmija liġi huwa fformulat kif ġej:

"Il-Kulleġġ tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għandu l-ġurisdizzjoni li ġejja:

a) japprova r-regolament dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament amministrattiv kif ukoll il-pjanijiet tal-istabbiliment u tal-persunal tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja;

[…]

f) jeżerċita l-ġurisdizzjoni l-oħra prevista fir-regolament dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament amministrattiv tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja."

45 L-Artikolu 31(1) tal-istess liġi jgħid:

"Fi kwistjonijiet kriminali, il-kulleġġi ġudikanti huma komposti kif ġej:

a) fil-kawżi mogħtija, skont il-liġi, lill-ġurisdizzjoni tal-ewwel istanza tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, il-kulleġġ ġudikanti hu kompost minn tliet imħallfin;

[…]"

46 L-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 kif emendata jistabbilixxi:

"(1) Fil-bidu ta' kull sena, fuq proposta tal-President jew tal-Viċi-Presidenti tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, il-Kunsill Governattiv għandu japprova n-numru tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin u l-kompożizzjoni ta' dawn il-kulleġġi.

[…]

(4) L-imħallfin fuq dawn il-kulleġġi għandhom jiġu maħtura billi jittellgħu bix-xorti waqt seduta pubblika, mill-President jew, fl-assenza tiegħu jew tagħha, minn wieħed miż-żewġ Viċi Presidenti tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja. Il-membri ta' kulleġġi li jkunu qegħdin jisimgħu l-kawżi jistgħu jiġu mibdula biss fuq bażi eċċezzjonali, fid-dawl tal-kriterji oġġettivi stabbiliti mir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

(5) Il-kulleġġi ta' ħames imħallfin għandhom jiġu ppresjeduti mill-President tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, minn wieħed miż-żewġ Viċi Presidenti, jew minn Presidenti tal-Awli jekk dawn ikunu ġew maħtura skont il-punt 4 sabiex joqogħdu fuq il-kulleġġ inkwistjoni.

(6) Jekk l-ebda minn dawn il-persuni ma jkun maħtur sabiex joqgħod fuq kulleġġ ta' ħames imħallfin, kull imħallef għandu jippresjedi kulleġġ fuq bażi ta' rotazzjoni, skont it-tul tas-servizz tagħhom fi ħdan il-maġistratura

(7) Il-kawżi li jaqgħu fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin jiġu allokati b'mod każwali bl-użu ta' sistema kkompjuterizzata."

47 Fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-Liġi Nru 202/2010, l-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 kien jipprovdi:

"(1) Fi kwistjonijiet kriminali, żewġ kulleġġi ta' ħames imħallfin li jikkonsistu biss minn membri tal-Awla Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għandhom jiġi kkostitwiti fil-bidu ta' kull sena.

[…]

(4) Il-kulleġġ tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja japprova l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin. L-imħallfin li jagħmlu parti minn dawn il-kulleġġi ġudikanti jinħatru mill-President jew, fin-nuqqas tiegħu, mill-Viċi-President tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja. Il-membri tal-kulleġġi ġudikanti jistgħu jinbidlu biss fuq bażi eċċezzjonali, skont kriterji oġġettivi stabbiliti fir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

(5) Il-kulleġġ ta' ħames imħallfin huwa ppresedut mill-President jew il-Viċi-President tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja. Fin-nuqqas tagħhom, il-kulleġġ ġudikanti jista' jkun ippresedut minn President ta' Awla maħtur għal dan l-għan mill-President jew, fin-nuqqas tiegħu, mill-Viċi-President tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

(6) Il-kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-kulleġġi ġudikanti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 huma assenjati b'mod każwali permezz ta' sistema kompjuterizzata."

48 Fil-verżjoni tagħhom li tirriżulta mil-Liġi Nru 255/2013, il-paragrafi 1 u 6 tal-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 kienu fformulati f'termini kważi identiċi ma' dawk tal-verżjoni msemmija fil-punt preċedenti, filwaqt li l-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-artikolu kienu jipprevedu:

"(4) Il-Kunsill Governattiv tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja japprova n-numru u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin, fuq proposta tal-President tal-Awla Kriminali. L-imħallfin li jagħmlu parti minn dawn il-kulleġġi ġudikanti jinħatru, bix-xorti, matul seduta pubblika, mill-President jew, fin-nuqqas tiegħu, mill-Viċi President tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja. Il-membri tal-kulleġġi ġudikanti jistgħu jiġu mibdula biss b'mod eċċezzjonali, fid-dawl tal-kriterji oġġettivi stabbiliti fir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

(5) Il-kulleġġ ta' ħames imħallfin hu ppresedut mill-President jew mill-Viċi-President tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, jekk dan ikun parti mill-kulleġġ ġudikanti, skont il-paragrafu 4, mill-President tal-Awla Kriminali jew mill-iktar membru anzjan, skont il-każ."

49 L-Artikolu 33 tal-Liġi 304/2004 kif emendata jaqra kif ġej:

"(1) Il-President jew, fl-assenza tiegħu, wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-Înalta Curte de Casație și Justiție [(il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja)] jippresjedi l-Awli Magħquda, il-kulleġġ kompetenti biex jisma' r-rikorsi ppreżentati fl-interess tal-liġi kif ukoll il-kulleġġ kompetenti biex jiddeċiedi fuq kwistjonijiet ta' dritt, il-kulleġġ ta' ħames imħallfin, u kwalunkwe kulleġġ fi ħdan l-awli, fejn huwa jipparteċipa fil-proċeduri.

[…]

(3) Il-Presidenti tal-awli jistgħu jippresjedu kwalunkwe kulleġġ ġudikanti tal-awla, filwaqt li l-imħallfin l-oħra jippresjedu fuq bażi ta' rotazzjoni."

50 L-Artikolu 33(1) tal-Liġi Nru 304/2004, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-Liġi Nru 202/2010, kien jipprovdi:

"Il-President jew, fl-assenza tiegħu, il-Viċi-President tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għandu jippresjedi l-Awli Magħquda, il-kulleġġ ta' ħames imħallfin, u kwalunkwe kulleġġ fi ħdan l-awli, fejn huwa jipparteċipa fil-proċeduri."

51 Skont dan l-Artikolu 33(1) tal-Liġi Nru 304/2004, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mil-Liġi Nru 255/2013:

"Il-President jew, fin-nuqqas tiegħu, wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja jippresjedi l-Awli Magħquda, il-kulleġġ kompetenti biex jisma' r-rikorsi ppreżentati fl-interess tal-liġi kif ukoll il-kulleġġ kompetenti biex tingħata deċiżjoni fuq kwistjonijiet ta' dritt, il-kulleġġ ta' ħames imħallfin u kull kulleġġ ġudikanti fil-qafas tal-awli, meta jipparteċipa fis-sentenza."

*Ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja*

52 L-Artikolu 28 tar-Regulamentul privind organizarea și funcționarea administrativă a Înaltei Curți de Casație și Justiție (ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) tal-21 ta' Settembru 2004 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv"), kif emendat bil-Hotărârea nr. 3/2014 pentru modificarea și completarea Regulamentului privind organizarea și funcționarea administrativă a Înaltei Curți de Casație și Justiție (id-Deċiżjoni Nru 3/2014 li Temenda u Tissupplimenta r-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv) tat-28 ta' Jannar 2014, (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 75 tat-30 ta' Jannar 2014) kien jipprovdi:

"1. Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tikkonsisti f'kulleġġi ta' ħames imħallfin li l-ġurisdizzjoni tagħhom hija stabbilita bil-liġi.

[…]

4. Il-kulleġġi ta' ħames imħallfin għandhom jiġu ppresjeduti, kif xieraq, mill-President, mill-Viċi Presidenti, mill-President tal-Awla Kriminali jew mill-ixjeħ membru."

53 L-Artikolu 29(1) ta' dan ir-regolament kien jipprovdi:

"Bl-għan li jiġu stabbiliti kulleġġi ta' ħames imħallfin fi kwistjonijiet kriminali, il-President jew, fl-assenza tiegħu jew tagħha, wieħed mill-Viċi-Presidenti tal-Qorti Għolja tal- Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għandhom jaħtru annwalment, billi jtellgħu bix-xorti, waqt seduta pubblika, erba' jew, fejn xieraq, ħames imħallfin mill-Awla Kriminali Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għal kull kulleġġ."

**Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari**

***Elementi komuni għall-kawżi prinċipali***

54 Il-kawżi prinċipali jagħmlu parti mill-kontinwazzjoni ta' riforma kbira fil-qasam tal-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija. Din ir-riforma ilha tiġi segwita fil-livell tal-Unjoni mill-2007 bis-saħħa tal-mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/928 fl-okkażjoni tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"MKV").

55 Dawn il-kawżi jikkonċernaw proċeduri kriminali li fil-kuntest tagħhom il-qrati tar-rinviju jistaqsu jekk jistgħux, taħt id-dritt tal-Unjoni, iħallu mhux applikati ċerti sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali bejn is-snin 2016 u 2019, jiġifieri s-sentenzi Nru 51/2016 tas-16 ta' Frar 2016 (Kawża C-379/19), Nru 302/2017 tal-4 ta' Mejju 2017 (Kawża C-379/19), Nru 685/2018 tas-7 ta' Novembru 2018 (Kawżi C-357/19, C-547/19 u C-840/19), Nru 26/2019 tas-16 ta' Jannar 2019 (Kawża C-379/19), kif ukoll Nru 417/2019 tat-3 ta' Lulju 2019 (Kawżi C-811/19 u C-840/19).

56 Il-qrati tar-rinviju josservaw li, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali huma vinkolanti b'mod ġenerali u li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom mill-maġistrati jikkostitwixxi, skont l-Artikolu 99(ș) tal-Liġi Nru 303/2004, ksur dixxiplinari. Issa, kif jidher mill-Kostituzzjoni Rumena, il-Qorti Kostituzzjonali ma hijiex parti mis-sistema ġudizzjarja Rumena u għandha n-natura ta' korp politiku-ġudizzjarju. Barra minn hekk, il-Qorti Kostituzzjonali, meta tat is-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, qabżet il-kompetenzi li tattribwilha l-Kostituzzjoni Rumena u indaħlet fuq dawk tal-qrati ordinarji u ppreġudikat l-indipendenza ta' dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, is-sentenzi Nri 685/2018 u 417/2019 ikollhom riskju sistemiku ta' impunità fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

57 F'dan il-kuntest, il-qrati tar-rinviju jirreferu b'mod partikolari għar-rapporti tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika tas-27 ta' Jannar 2016 (COM (2016) 41 finali) tat-13 ta' Novembru 2018 (COM (2018) 851 finali), iktar 'il quddiem ir-"rapport MKV ta' Novembru 2018") u tat-22 ta' Ottubru 2019 (COM (2019) 499 finali).

58 Fl-aħħar nett, l-imsemmija qrati jirreferu wkoll għas-sentenza Nru 104/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali li minnha jirriżulta li d-dritt tal-Unjoni ma jieħux preċedenza fuq l-ordni kostituzzjonali Rumen u li d-Deċiżjoni 2006/928 ma tistax tikkostitwixxi standard ta' riferiment fil-kuntest ta' stħarriġ ta' kostituzzjonalità taħt l-Artikolu 148 tal-Kostituzzjoni Rumena.

### *Kawża C-357/19*

59 Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Marzu 2017 mogħtija minn awla kriminali komposta minn tliet imħallfin, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja kkundannat, fost oħrajn, lil PM, Ministru fiż-żmien tal-fatti kkontestati, RO, TQ u SP talli wettqu, bejn is-snin 2010 u 2012, reati ta' korruzzjoni u abbuż ta' kariga b'rabta mal-ġestjoni ta' fondi Ewropej kif ukoll evażjoni tat-taxxa relatata mal-VAT. L-appelli ppreżentati minn din is-sentenza mill-partijiet ikkonċernati kif ukoll mill-Ministerul Public – Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție – Direcția Națională Anticorupție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku – l-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja – Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, ir-Rumanija) (iktar 'il quddiem id-"DNK"), ġew miċħuda b'sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018 tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, mogħtija permezz ta' kulleġġ ġudikanti ta' ħames imħallfin. Dan il-kulleġġ ta' ħames imħallfin kien magħmul mill-President tal-Awla Kriminali u erba' mħallfin oħra maħtura bix-xorti, skont il-prattika tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja matul il-perijodu kkonċernat, ibbażata fuq ir-Regolament dwar l-Organizzazzjoni u l-Funzjonament Amministrattiv ta' din l-istess qorti. Is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018 saret finali.

60 Permezz tas-sentenza Nru 685/2018, mogħtija fis-7 ta' Novembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali, adita mill-Prim Ministru skont l-Artikolu 146(e) tal-Kostituzzjoni Rumena, l-ewwel nett ikkonstatat kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali bejn il-Parlament u l- Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, iġġenerat mid-deċiżjonijiet meħuda mill-kulleġġ ta' din tal-aħħar li jikkonsisti, skont il-prattika imsemmija, f'li jinħatru bix-xorti erbgħa biss mill-ħames membri tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin li jiddeċiedu fl-appell, u mhux it-totalità tagħhom, bi ksur tal-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 kif emendata, imbagħad, qieset li s-sentenza ta' kawża fl-appell minn kulleġġ hekk ikkostitwit illegalment kienet issanzjonata bin-nullità assoluta tad-deċiżjoni mogħtija u, fl-aħħar nett, indikat li, skont l-Artikolu 147(4) tal-Kostituzzjoni Rumena, din is-sentenza kienet applikabbli mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha għall-kawżi li

huma pendenti għal sentenza, għall-kawżi li kienu ġew deċiżi, sa fejn il-partijiet fil-kawża kienu għadhom fit-terminu tal-eżerċizzju tar-rimedji straordinarji xierqa, kif ukoll għas-sitwazzjonijiet futuri.

61 Wara l-pubblikazzjoni tas-sentenza Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali, PM, RO, TQ u SP kif ukoll id-DNK ppreżentaw, skont l-Artikolu 426(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, rikorsi straordinarji quddiem il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, fejn talbu l-annullament tas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018 u l-ftuħ ta' proċedura ġdida għas-smigħ tal-appelli. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, huma sostnew li s-sentenza Nru 685/2018 kienet obbligatorja u kellha effetti ta' dritt fuq is-sentenza tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2018, peress li l-kulleġġ ta' ħames imħallfin li kien iddeċieda dawn l-appelli ma kienx ġie kompost skont il-liġi, kif interpretata mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-qorti tar-rinviju ġġudikat dawn ir-rikorsi straordinarji ammissibbli, minħabba b'mod partikolari li dawn kienu ġew ippreżentati fit-terminu legali ta' 30 jum min-notifika ta' din is-sentenza, u ddeċidiet li tissospendi l-eżekuzzjoni tas-sentenzi ta' priġunerija fl-istennija tal-eżitu ta' dawn ir-rikorsi.

62 Din il-qorti tistaqsi b'mod partikolari jekk l-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE kif ukoll l-Artikolu 1(1)(a) u (b), u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF jipprekludux applikazzjoni tas-sentenza Nru 685/2018 fil-kawża prinċipali, li għandha bħala konsegwenza l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-qorti li saru finali qabel l-għoti ta' din is-sentenza u l-ftuħ ta' proċedura ġdida ta' appell f'kawżi ta' frodi u ta' korruzzjoni gravi.

63 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jagħtu effett sħiħ, bir-rispett dovut għad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u l-prinċipji ġenerali tad-dritt, lill-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 325(1) TFUE u li jħallu mhux applikati dispożizzjonijiet tad-dritt intern li jipprevjenu l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi fi kwistjonijiet ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, tqum il-kwistjoni jekk l-obbligu tal-Istati Membri li jirriżulta mill-Artikolu 325(1) TFUE kif ukoll mill-Artikolu 1(1)(a) u (b), u mill-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF ikoprix wkoll l-eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet kriminali diġà applikati. Tqum ukoll il-mistoqsija jekk il-kliem "u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni", li jidher fl-Artikolu 325(1) TFUE jinkludix mhux biss atti ta' korruzzjoni fis-sens proprju, iżda wkoll l-attentat ta' frodi mwettqa fil-kuntest ta' kuntratt pubbliku mogħti b'mod frawdolenti li kien iddestinat li jiġi ffinanzjat minn fondi Ewropej iżda li, wara r-rifjut ta' finanzjament mill-awtorità ta' ġestjoni ta' dawn il-fondi, kien kompletament tħallas mill-baġit nazzjonali. F'dan il-kuntest, f'dan il-każ, kien ikun hemm riskju ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għalkemm tali riskju ma seħħx.

64 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li, skont l-Artikoli 2 u 19 TUE, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-korpi ġudizzjarji li jaqgħu taħt is-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tiegħu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' indipendenza sabiex jiggarantixxu lill-partijiet fil-kawża protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Il-garanzija ta' indipendenza tippreżupponi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-imħallfin ikunu jistgħu jeżerċitaw il-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom f'awtonomija sħiħa, mingħajr ma jkunu suġġetti għal ebda rabta ġerarkika, sabiex ikunu protetti minn interventi u pressjonijiet esterni li jistgħu jdgħajfu l-indipendenza tagħhom u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom.

65 Barra minn hekk, fid-dawl b'mod partikolari tal-importanza tal-prinċipju ta' legalità, li jeħtieġ li l-liġi tkun prevedibbli, preċiża u mhux retroattiva, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-kunċett ta' "qorti stabbilita minn qabel bil-liġi" fl-Artikolu 47(2) tal-Karta jipprekludix l-interpretazzjoni

mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali dwar in-natura illegali tal-kompożizzjoni tal-awli tagħha ta' ħames imħallfin. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta mis-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105), u tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u MB (C-42/17, EU:C:2017:936), il-qrati nazzjonali, meta jkollhom jiddeċiedu li jħallu mhux applikati dispożizzjonijiet tad-dritt kriminali sostantiv, ikunu meħtieġa li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-persuni akkużati li wettqu reat kriminali jkunu rrispettati filwaqt li jkunu jistgħu japplikaw standards nazzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, sakemm din l-applikazzjoni ma tikkompromettix la l-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas is-supremazija, l-unità jew l-effettività tad-dritt tal-Unjoni.

66 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi b'mod partikolari l-applikazzjoni tas-sentenza Nru 685/2018, peress li din is-sentenza jkollha l-effett li tannulla d-deċiżjonijiet finali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja mogħtija f'kulleġġ ta' ħames imħallfin u ċċaħħad min-natura effettiva u dissważiva tagħhom il-pieni imposti f'numru konsiderevoli ta' kawżi ta' frodi serja li jaffettwaw l-interessi tal-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni. Dan ikun joħloq dehra ta' impunità u saħansitra jġorr riskju sistemiku ta' impunità billi sseħħ il-preskrizzjoni, minħabba l-kumplessità u t-tul tal-proċeduri qabel l-għoti ta' sentenza finali wara eżami mill-ġdid tal-kawżi kkonċernati. Barra minn hekk, il-prinċipji ta' indipendenza ġudizzjarja u ta' ċertezza legali jipprevjenu s-sentenza Nru 685/2018 milli jkollha effetti legali vinkolanti fuq deċiżjonijiet kriminali li saru finali fid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, fin-nuqqas ta' raġunijiet serji ta' natura li jitfgħu dubju fuq ir-rispett tad-dritt għal smigħ xieraq fil-kawżi msemmija, li jidher ikkonfermat mir-rapport MKV ta' Novembru 2018.

67 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tindika li jeżisti riskju serju li r-risposti tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula ma jkollhom ebda effetti fid-dritt intern, wara li tiġi kkunsidrata l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fil-punt 58 ta' din is-sentenza.

68 Huwa taħt dawn il-kundizzjonijiet li l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Artikolu 1(1)(a) u (b), u l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni [PIF], kif ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu deċiżjoni adottata minn korp li ma għandux kompetenza ġudizzjarja, il-[Qorti Kostituzzjonali], li tiddeċiedi dwar il-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti u toħloq il-kundizzjonijiet għal rimedji ġudizzjarji straordinarji kontra s-sentenzi definittivi adottati matul perijodu partikolari?

2) It-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-[Karta] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-konstatazzjoni, vinkolanti taħt id-dritt nazzjonali, minn korp li ma għandux kompetenza ġudizzjarja, ta' nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità ta' kulleġġ ġudikanti li jifforma parti minnu Imħallef li jokkupa pożizzjoni superviżorja li ma nħatarx b'mod każwali iżda abbażi ta' regola trasparenti, magħrufa u mhux ikkontestata mill-partijiet, liema regola tapplika għall-kawżi kollha attribwiti lil dan il-kulleġġ ġudikanti?

3) Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lil qorti nazzjonali li ma tapplikax deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, adottata f'kawża dwar kunflitt kostituzzjonali, li hija vinkolanti taħt id-dritt nazzjonali?"

***Kawża C-379/19***

69 Fit-22 ta' Awwissu 2016, id-Directia Națională Anticorupție – Serviciul Teritorial Oradea (is-Servizz Territorjali tad-DNK ta' Oradea, ir-Rumanija) fetaħ proċeduri kriminali quddiem it-Tribunal Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor, ir-Rumanija) kontra KI, LJ, JH u IG, akkużati li kienu wettqu reati ta' xiri ta' influwenza, ta' abbuż mill-influwenza, ta' korruzzjoni attiva, ta' korruzzjoni passiva kif ukoll reati ta' kompliċità f'f'xiri ta' influwenza u ta' kompliċità fil-korruzzjoni attiva.

70 Fil-kuntest ta' din il-proċedura, KI u LJ talbu, skont l-Artikolu 342 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, li jiġu esklużi minnha mezzi ta' prova kkostitwiti minn proċessi verbali ta' traskrizzjoni ta' interċettazzjonijiet magħmula mis-Serviciul Român de Informații (is-Servizz tal-Intelligence Rumen) (iktar 'il quddiem is-"SRI"). Insostenn ta' din it-talba, il-persuni kkonċernati invokaw is-sentenza Nru 51/2016, li permezz tagħha l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-Artikolu 142(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali bħala inkostituzzjonali, sa fejn dan kien jawtorizza l-eżekuzzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza, fi ħdan il-qafas ta' proċeduri kriminali, minn "korpi speċjalizzati oħra tal-Istat" u, b'mod partikolari, mis-SRI.

71 B'digriet tas-27 ta' Jannar 2017, l-awla preliminari tat-Tribunal Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor) ċaħdet it-talbiet ta' KI u ta' LJ għar-raġuni b'mod partikolari li, peress li s-sentenza Nru 51/2016 kienet tipproduċi effetti biss għall-futur, l-amministrazzjoni tal-provi kienet legali u fetħet il-proċedura għal sentenza kontra KI, LJ, JH u IG. Ir-rikors ippreżentat kontra dan id-digriet ġie miċħud mill-Curtea de Apel Oradea (il-Qorti tal-Appell ta' Oradea, ir-Rumanija), li qieset ukoll li s-sentenza Nru 51/2016 kienet inapplikabbli għall-miżuri ta' sorveljanza teknika ordnati fil-każ peress li din is-sentenza, li kienet ġiet ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României* tal-14 ta' Marzu 2016, kienet tipproduċi, skont l-Artikolu 147(4) tal-Kostituzzjoni Rumena, effetti għall-futur biss.

72 Waqt il-proċeduri kriminali quddiem il-qorti tar-rinviju, IG, KI, LJ u JH essenzjalment talbu li l-proċessi verbali tat-traskrizzjonijiet tal-interċettazzjoni jkunu assolutament annullati jekk is-SRI jkun ipparteċipa fl-eżekuzzjoni tal-mandati ta' sorveljanza. Minbarra s-sentenza Nru 51/2016, il-persuna kkonċernati rreferew f'dan ir-rigward għas-sentenzi Nri 302/2017 u 26/2019, li permezz tagħhom il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat inkostituzzjonali l-Artikolu 281(1)(b) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, fis-sens li dan ma kienx jissanzjona b'nullità assoluta l-ksur tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni materjali u personali tal-korp responsabbli mill-proċeduri kriminali (sentenza Nru 302/2017), u kkonstatat l-eżistenza ta' kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali bejn b'mod partikolari l-Parlament u l-Parchetul de pe lângă Înalta Curte de Casație și Justiție (l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku fil-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja), li jirriżulta mill-fatt li żewġ protokolli ta' kooperazzjoni konklużi bejn id-DNK u s-SRI matul is-snin 2009 u 2016, bi ksur tal-kompetenza kostituzzjonali tad-DNK, kellhom l-effett ta' ksur tad-dritt proċedurali li jirregola l-eżerċizzju tal-prosekuzzjonijiet kriminali (sentenza Nru 26/2019).

73 Wara verifika li saret mill-qorti tar-rinviju mad-DNK, irriżulta li disa' mandati ta' sorveljanza kienu ġew implimentati bl-appoġġ tekniku tas-SRI u tnejn, wara l-pubblikazzjoni tas-sentenza Nru 51/2016, mingħajr l-intervent ta' dan is-servizz.

74 Il-qorti tar-rinviju tosserva li hija obbligata tiddeċiedi, bi prijorità, fuq it-talba għall-esklużjoni tal-mezzi ta' prova u tistaqsi, b'mod partikolari, jekk għandhiex tapplika s-sentenzi Nri 51/2016, 302/2017 u 26/2019. Fil-fatt, bl-effett ikkombinat ta' dawn it-tliet sentenzi, ikun

biżżejjed li l-qorti tikkonstata l-parteċipazzjoni tas-SRI fl-eżekuzzjoni ta' mandat ta' sorveljanza sabiex jitlaqtu b'nullità assoluta l-miżuri għall-ġbir tal-provi u li l-mezzi ta' provi korrispondenti jkunu esklużi.

75 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza, madankollu, li, skont ir-regoli nazzjonali li għadhom fis-seħħ, l-ammissibbiltà ta' talba għall-esklużjoni ta' mezzi ta' provi hija suġġetta għall-kundizzjoni li din it-talba tkun saret qabel l-għeluq tal-fażi quddiem l-awla preliminari. Barra minn hekk, ir-regoli kostituzzjonali jagħtu biss effett *ex nunc* lis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Din tal-aħħar għalhekk stabbilixxiet, bil-ġurisprudenza, l-applikazzjoni tas-sentenzi tagħha f' kawżi pendenti, u għalhekk imponiet fuq il-qrati l-obbligu li jissanzjonaw l-atti proċedurali kollha jew il-mezzi ta' prova inkwistjoni, mingħajr ma jkun hemm il-possibbiltà li ssir evalwazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ, anki meta dawn l-atti jkunu twettqu, bħal fil-każ preżenti, fuq il-bażi ta' regoli li jibbenefikaw fiż-żmien tal-applikazzjoni tagħhom minn preżunzjoni ta' kostituzzjonalità.

76 Issa, minn naħa, ir-Rumanija hija obbligata tiġġieled kontra l-korruzzjoni u l-Kummissjoni kkonstatat, fir-rapport MKV ta' Novembru 2018, li dan l-Istat Membru kellu jkompli jimplimenta l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'osservanza tat-termini stabbiliti mill-Gvern fix-xahar ta' Awwissu 2016. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Kostituzzjonali għandha, skont l-Artikolu 146 tal-Kostituzzjoni Rumena, tillimita ruħha biex tistħarreġ l-konformità tal-liġi mal-Kostituzzjoni Rumena, u mhux tgħaddi biex tinterpreta l-liġi, tapplikaha u tistabbilixxi regoli retroattivi tad-dritt. Barra minn hekk, it-tħassib tal-Qorti Kostituzzjonali li tiggarantixxi direttament, permezz tal-effett tas-sentenzi tagħha, ir-rispett tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali jidher eċċessiv fid-dawl tal-mekkaniżmi disponibbli għall-Istat Rumen f'dan ir-rigward, bħall-Protokoll Nru 16 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2018 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Barra minn hekk, fil-ġurisprudenza tagħha li tirriżulta mis-sentenza tas-26 ta' Frar 2013 Melloni (C-399/11, EU:C:2013:107), il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat li tirrikonoxxi limitu għas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni fuq id-drittijiet fundamentali nazzjonali iktar favorevoli.

77 Fir-rigward tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju tqis li hija għandha rabta mill-qrib biżżejjed mad-dritt tal-Unjoni, sa fejn tikkonċerna l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha, skont il-prinċipji tal-Istat tad-dritt u ta' indipendenza ġudizzjarja, u li hija tqajjem mistoqsijiet relatati man-natura u mal-effetti tal-MKV kif ukoll mas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Din tal-aħħar illimitat il-ġurisdizzjoni, li tirriżulta mill-Kostituzzjoni Rumena u mid-dritt tal-Unjoni, tal-qrati Rumeni li jamministraw il-ġustizzja, billi ddeċidiet, fis-sentenza Nru 104/2018, imsemmija fil-paragrafu 58 ta' din is-sentenza, li d-Deċiżjoni 2006/928 ma tistax tikkostitwixxi punt ta' riferiment fil-kuntest ta' stħarriġ kostituzzjonali taħt l-Artikolu 148 tal-Kostituzzjoni Rumena.

78 Għalhekk, ikun meħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika jekk il-MKV huwiex ta' natura obbligatorja u, jekk iva, jekk din in-natura għandhiex tiġi rrikonoxxuta mhux biss lill-miżuri espressament irrakkomandati fir-rapporti mfassla fil-qafas tal-imsemmi mekkaniżmu, iżda wkoll fil-konstatazzjonijiet kollha li jinsabu f'dawn ir-rapporti, b'mod partikolari dawk relatati mal-miżuri nazzjonali kuntrarji għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) u tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO). Barra minn hekk, fid-dawl tal-prinċipji tal-Istat tad-dritt u tal-indipendenza ġudizzjarja, tqum il-kwistjoni jekk l-imħallef nazzjonali jistax, mingħajr ma

jirriskja li jkun suġġett għal sanzjonijiet dixxiplinari espressament previsti mil-liġi, iwarrab, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tiegħu, l-effetti tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, fil-każ li din tal-aħħar teċċedi l-limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha.

79 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunalul Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor, ir-Rumanija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-[MKV], stabbilit permezz tad-Deċiżjoni [2006/928], u r-rekwiżiti fformulati fir-rapporti elaborati konformement mal-imsemmi mekkaniżmu huma vinkolanti għar-Rumanija?

2) L-Artikolu 2 [TUE] moqri flimkien mal-Artikolu 4(3) [TUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-obbligu, għar-Rumanija, li tosserva r-rekwiżiti imposti mir-rapporti elaborati konformement mal-[MKV], stabbilit permezz tad-Deċiżjoni [2006/928], jagħmel parti mill-obbligu tal-Istat Membru li josserva l-prinċipji tal-Istat tad-dritt, anki fir-rigward tal-astensjoni ta' Qorti Kostituzzjonali, istituzzjoni politiko-ġudizzjarja, milli tintervjeni bil-għan li tinterpreta l-liġi u li tistabbilixxi l-modalitajiet konkreti u obbligatorji li skonthom il-liġi għandha tiġi applikata min-naħa tal-organi ġudizzjarji, li hija kompetenza esklużiva attribwita lill-awtorità ġudizzjarja, u bil-għan li tintroduċi dispożizzjonijiet leġiżlattivi ġodda, li hija kompetenza esklużiva attribwita lill-awtorità leġiżlattiva? Id-dritt tal-Unjoni jeżiġi t-tneħħija tal-effetti ta' tali deċiżjoni adottata minn Qorti Kostituzzjonali? Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola r-responsabbiltà dixxiplinari tal-membru tal-ġudikatura li ma japplikax id-deċiżjoni tal-[Qorti Kostituzzjonali], fil-kuntest tal-kwistjoni mqajma?

3) Il-prinċipju tal-indipendenza tal-qrati, stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u fl-Artikolu 47 tal-[Karta], hekk kif interpretat mill-[Qorti tal-Ġustizzja] (sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117), jipprekludi li l-kompetenzi tal-qrati jiġu ssostitwiti bid-deċiżjonijiet tal-[Qorti Kostituzzjonali] [Deċiżjoni Nru 51/2016, Deċiżjoni Nru 302/2017 u Deċiżjoni Nru 26/2019]), bil-konsegwenza li l-proċeduri kriminali jsiru imprevedibbli (applikazzjoni retroattiva) u l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi għall-każ speċifiku jsiru impossibbli? Id-dritt tal-Unjoni Ewropea jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola r-responsabbiltà dixxiplinari tal-membru tal-ġudikatura li ma japplikax id-deċiżjoni tal-[Qorti Kostituzzjonali] fil-kuntest tal-kwistjoni mqajma?"

80 B'ittra tas-27 ta' Ġunju 2019, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Lulju 2019, it-Tribunal Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor) informat lil din tal-aħħar li, b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2019, il-Curtea de Apel de Oradea (il-Qorti tal-Appell ta' Oradea, ir-Rumanija) kienet, fuq talba tad-DNK, annullat id-deċiżjoni ta' sospensjoni tal-proċeduri u ordnat il-kontinwazzjoni tas-smigħ tal-kawża fir-rigward tal-kwistjonijiet minbarra dawk koperti mit-talba għal deċiżjoni preliminari. Meta mistoqsija mill-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunalul Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor), b'ittra tas-26 ta' Lulju 2019, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Awwissu 2019, iċċarat li risposta minn din tal-aħħar għad-domandi magħmula kienet għadha meħtieġa. Fil-fatt, il-proċeduri quddiemha kienu tkomplew mingħajr ma setgħu jiġu prodotti l-provi miksuba permezz ta' mandati ta' sorveljanza msemmija fid-domandi preliminari. Barra minn hekk, it-Tribunalul Bihor (il-Qorti tal-Kontea ta' Bihor) osservat li l-Ispettorat Ġudizzjarju kien fetaħ investigazzjoni dixxiplinari kontra l-imħallef tar-rinviju minħabba nuqqas ta' osservanza tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, imsemmija fid-domandi preliminari.

***Kawża C-547/19***

81 L-Ispettorat Ġudizzjarju fetaħ proċedura dixxiplinari kontra CY, imħallef fil-Curtea de Apel București (il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, ir-Rumanija), quddiem is-sezzjoni dixxiplinari għall-imħallfin tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, għar-raġuni li CY kien wettaq il-ksur dixxiplinari previst fl-Artikolu 99(o) tal-Liġi Nru 303/2004.

82 B'digriet tat-28 ta' Marzu 2018, is-sezzjoni dixxiplinari għall-imħallfin tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura ċaħdet bħala inammissibbli talba għal intervent inċidentali insostenn ta' CY ippreżentata mill-Forum tal-Imħallfin tar-Rumanija. Dan tal-aħħar u CY appellaw minn dan id-digriet quddiem il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

83 B'deċiżjoni tat-2 ta' April 2018, is-sezzjoni dixxiplinari għall-imħallfin tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura imponiet fuq CY is-sanzjoni dixxiplinari ta' esklużjoni mill-maġistratura, prevista fl-Artikolu 100(e) tal-Liġi Nru 303/2004. CY appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

84 Dawn iż-żewġ kawżi ġew assenjati b'mod każwali lil kulleġġ ġudikanti ta' ħames imħallfin minn din il-qorti u mbagħad ingħaqdu minħabba l-konnessjoni tagħhom. Il-kompożizzjoni ta' dan il-kulleġġ ġudikanti kienet ġiet iddeterminata bix-xorti li sar fit-30 ta' Ottubru 2017.

85 Fit-8 ta' Novembru 2018, il-kulleġġ tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, wara li ngħatat is-sentenza Nru 685/2018 msemmija fil-punt 60 ta' din is-sentenza, adotta deċiżjoni dwar it-tlugħ bix-xorti tal-membri tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin. Fix-xahar ta' Diċembru 2018, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura adotta żewġ deċiżjonijiet li jistabbilixxu regoli sabiex jiżguraw il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti fformulati f'din is-sentenza. Biex tikkonforma ma' dawn id-deċiżjonijiet, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja reġgħet ipproċediet bit-tlugħ bix-xorti għal kulleġġi ġudikanti ġodda għas-sena 2018, bl-inklużjoni tal-kawżi diġà assenjati li fihom ma kienet ġiet ordnata ebda miżura sal-aħħar ta' din is-sena, inklużi l-kawżi magħquda inkwistjoni fil-kawżi prinċipali.

86 Quddiem il-kulleġġ ġudikanti ġdid, CY, fost l-oħrajn, qajjem eċċezzjoni bbażata fuq l-illegalità tal-kompożizzjoni ta' dan il-kulleġġ, billi kkontesta, b'mod partikolari, il-kompatibbiltà mal-Artikolu 2 TUE tas-sentenza Nru 685/2018 u tad-deċiżjonijiet konsekuttivi tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. F'dan ir-rigward, CY innota li l-Qorti Kostituzzjonali u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura kienu qabżu l-kompetenzi tagħhom u żied jgħid li, kieku dawn iż-żewġ awtoritajiet ma kinux intervjenew fl-attività tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, il-prinċipju tal-kontinwità tal-kulleġġ ġudikanti ma kienx jinkiser u l-kawża kienet tiġi assenjata korrettament lil wieħed mill-kulleġġi ta' ħames imħallfin.

87 Sabiex tkun tista' tiddeċiedi fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità mqajma minn CY, il-qorti tar-rinviju tixtieq tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk intervent mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kuntest tal-ġustizzja, bħal dak li jirriżulta mis-sentenza Nru 685/2018, huwiex kompatibbli mal-Istat tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 2 TUE kif ukoll mal-indipendenza ġudizzjarja ggarantita fl-Artikolu 19 TUE u fl-Artikolu 47 tal-Karta.

88 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tenfasizza, fl-ewwel lok, id-dimensjoni politika tal-ħatra tal-membri tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll il-pożizzjoni partikolari tagħha fl-arkitettura tal-awtoritajiet tal-Istat.

89 Fit-tieni lok, il-proċedura għall-konstatazzjoni ta' kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali bejn l-awtoritajiet pubbliċi, prevista fl-Artikolu 146(e) tal-Kostituzzjoni Rumena, hija problematika bħala tali, peress li, skont din l-istess dispożizzjoni, korpi politiċi għandhom is-setgħa li jibdew din il-proċedura. Barra minn hekk, il-limitu bejn l-illegalità ta' att u l-eżistenza ta' kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali jkun partikolarment żgħir u jippermetti li ċirku ristrett ta' suġġetti tad-dritt jeżerċita rimedji paralleli ma' dawk organizzati quddiem il-qrati ordinarji. Dan, flimkien mad-dimensjoni politika tal-ħatra tal-membri tal-Qorti Kostituzzjonali, jippermetti lil dawn tal-aħħar jintervjenu fil-kors tal-ġustizzja għal skopijiet politiċi jew fl-interess ta' persuni politikament influwenti.

90 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tqis li l-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Nru 685/2018 tal-eżistenza ta' kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali bejn is-setgħa ġudizzjarja u s-setgħa leġiżlattiva hija problematika. F'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kkuntrastat l-interpretazzjoni tagħha stess ta' dispożizzjonijiet ambigwi ta' natura infrakostituzzjonali, jiġifieri l-Artikoli 32 u 33 tal-Liġi Nru 304/2004 kif emendata, ma' dik adottata mill-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha u ilmentat li din l-aħħar qorti sistematikament injorat ir-rieda tal-leġiżlatur, sabiex tkun tista' tikkonstata l-eżistenza ta' tali kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali.

91 Skont il-qorti tar-rinviju, għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk l-Artikoli 2 u 19 TUE kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta jipprekludux, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-ġurisprudenza tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tista' tiġi kkontrollata u ssanzjonata b'intervent mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-qorti tar-rinviju tqis li intervent arbitrarju ta' din tal-aħħar, fil-forma ta' stħarriġ tal-legalità tal-attività tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, li jieħu post il-proċeduri ġudizzjarji, bħar-rikors kontenzjuż amministrattiv jew l-eċċezzjonijiet proċedurali mqajma fil-kuntest tal-azzjonijiet ġudizzjarji, jista' jkollu impatt negattiv fuq l-indipendenza ġudizzjarja u fuq il-pedamenti stess tal-Istat tad-dritt imsemmi fl-Artikolu 2 TUE, peress li l-Qorti Kostituzzjonali ma hijiex parti mis-sistema ġudizzjarja u ma hijiex vestita b'setgħat ta' ġudizzju.

92 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 2 [TUE], l-Artikolu 19(1) [TUE]u l-Artikolu 47 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-intervent ta' Qorti Kostituzzjonali (organu li skont id-dritt nazzjonali ma huwiex istituzzjoni ġudizzjarja) fir-rigward tal-mod kif il-qorti suprema interpretat u applikat il-leġiżlazzjoni infrakostituzzjonali fl-attività ta' ħatra tal-kulleġġi ġudikanti?"

### *Kawża C-811/19*

93 Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Frar 2018 mogħtija fl-ewwel istanza minn kulleġġ ta' tliet imħallfin, l-Awla Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja kkundannat lil FQ, GP, HO, IN u JM għal pieni ta' sentejn sa tmien snin priġunerija għal reati ta' korruzzjoni u ta' ħasil tal-flus kif ukoll għal reati assimilati mar-reati ta' korruzzjoni, imwettqa bejn is-snin 2009 u 2013, b'rabta ma' kuntratti pubbliċi mogħtija bħala parti minn proġett iffinanzjat prinċipalment minn fondi tal-Unjoni mhux rimborsabbli. Erba' mill-akkużati, fosthom persuna li suċċessivament kienet sindku, senatur u ministru, kif ukoll id-DNK appellaw minn din is-sentenza.

94 Waqt il-proċedura tal-appell, l-appellanti talbu lill-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata n-nullità tas-sentenza tat-8 ta' Frar 2018, għar-raġuni li din kienet ingħatat minn kulleġġ ġudikanti li ma kienx, bi ksur tar-rekwiżiti legali, speċjalizzat fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni.

95 F'dan ir-rigward, l-appellanti invokaw is-sentenza Nru 417/2019, mogħtija fit-3 ta' Lulju 2019 wara riferiment mill-President tal-Kamra tad-Deputati, li dak iż-żmien kien huwa stess is-suġġett ta' proċeduri kriminali għal fatti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi Nru 78/2000 quddiem kulleġġ ta' ħames imħallfin tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja bħala qorti tal-appell. B'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kienet, l-ewwel, ikkonstatat l-eżistenza ta' kunflitt legali ta' natura kostituzzjonali bejn il-Parlament u l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, iġġenerat mill-fatt li din tal-aħħar ma kinitx waqqfet il-kulleġġi ġudikanti speċjalizzati fis-sentenza fl-ewwel istanza tar-reati previsti fl-Artikolu 29(1) tal-Liġi Nru 78/2000, imbagħad ikkunsidrat li s-sentenza ta' kawża minn kulleġġ mhux speċjalizzat kienet tinvolvi n-nullità assoluta tad-deċiżjoni mogħtija u, finalment, ordnat li l-kawżi kollha li dwarhom il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet fl-ewwel istanza qabel it-23 ta' Jannar 2019 u li ma kinux saru finali jiġu eżaminati mill-ġdid minn kulleġġi speċjalizzati mwaqqfa skont din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali qieset li, minkejja li f'din id-data tat-23 ta' Jannar 2019, il-kulleġġ tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja kien adotta deċiżjoni li permezz tagħha l-kulleġġi ġudikanti kollha ta' tliet imħallfin tagħha kellhom jitqiesu bħala speċjalizzati biex jisimgħu kawżi ta' korruzzjoni, din id-deċiżjoni kienet ta' natura li tevita l-inkostituzzjonalità biss mid-data tal-adozzjoni tagħha, mhux għall-passat.

96 Insostenn tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tirrileva li r-reati inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bħar-reati ta' korruzzjoni mwettqa fil-kuntest ta' proċeduri ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi ffinanzjati prinċipalment minn fondi Ewropej, kif ukoll ir-reati ta' ħasil tal-flus, jagħmlu ħsara jew jistgħu jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

97 Skont din il-qorti, fl-ewwel lok, tqum il-kwistjoni jekk l-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU 2017, L 198, p. 29), u l-Artikolu 58 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU 2015, L 141, p. 73), għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu lil qorti nazzjonali milli tapplika deċiżjoni mogħtija minn awtorità li ma hijiex parti mis-sistema ġudizzjarja, bħas-sentenza Nru 417/2019 tal-Qorti Kostituzzjonali, li ddeċidiet fuq il-fondatezza ta' rimedju ordinarju billi talbet ir-rinviju ta' kawżi, bil-konsegwenza li tpoġġi f'dubju l-prosekuzzjonijiet fil-proċeduri kriminali billi nfetħet proċedura ġdida għas-smigħ fl-ewwel istanza. Fil-fatt, l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu miżuri effettivi u dissważivi biex jiġġieldu l-attivitajiet illegali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

98 F'dan il-kuntest, għandu jiġi stabbilit ukoll jekk l-espressjoni "u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni" fl-Artikolu 325(1) TFUE tkoprix reati ta' korruzzjoni bħala tali, b'mod partikolari sa fejn l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2017/1371 jiddefinixxi r-reati ta' "korruzzjoni passiva" u "korruzzjoni attiva". Din il-kjarifika hija meħtieġa peress li

wieħed mill-akkużati fil-kawża prinċipali kien eżerċita, fil-kwalità tiegħu ta' senatur u ministru, influwenza fuq uffiċjali pubbliċi, kien iħeġġiġhom jaġixxu bi ksur tas-setgħat tagħhom u kiseb perċentwali mdaqqsa tal-valur tal-kuntratti pubbliċi ffinanzjati l-iktar minn fondi Ewropej.

99 Skont il-qorti tar-rinviju, bħal fil-Kawża C-357/19, Eurobox Promotion *et*, tqum ukoll il-kwistjoni dwar jekk il-prinċipju tal-Istat tad-dritt sanċit fl-Artikolu 2 TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, jipprekludix li l-kors tal-ġustizzja jiġi affettwat minn intervent bħal dak li jirriżulta mis-sentenza Nru 417/2019. Bis-sentenza msemmija, il-Qorti Kostituzzjonali, mingħajr ma kellha setgħat ġudizzjarji, implimentat miżuri vinkolanti li jinvolvu l-ftuħ ta' proċeduri ġodda ta' smigħ minħabba l-allegat nuqqas ta' speċjalizzazzjoni f'reati ta' korruzzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fl-Awla Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, filwaqt li l-imħallfin kollha ta' din l-awla kriminali kienu jissodisfaw, bil-kwalità tagħhom stess ta' maġistrat ta' din il-qorti, din il-kundizzjoni ta' speċjalizzazzjoni.

100 Fit-tieni lok, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll tal-importanza tal-prinċipju ta' legalità, ikun xieraq li tiġi ċċarata t-tifsira tal-kunċett ta' "qorti […] stabbilita minn qabel bil-liġi.", li jidher fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, sabiex jiġi ddeterminat jekk din id-dispożizzjoni tipprekludix l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali dwar in-natura illegali tal-kompożizzjoni tal-qorti.

101 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-qorti nazzjonali hijiex obbligata tħalli s-sentenza Nru 417/2019 mhux applikata sabiex tiżgura l-effett sħiħ tar-regoli tal-Unjoni. B'mod iktar ġenerali, għandu jiġi kkunsidrat ukoll jekk huwiex xieraq li jiġu esklużi l-effetti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali li jiksru l-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja f'kawżi rregolati biss mid-dritt nazzjonali. Dawn il-mistoqsijiet iqumu b'mod partikolari minħabba l-fatt li s-sistema dixxiplinari Rumena tipprevedi l-applikazzjoni ta' sanzjoni dixxiplinari fuq imħallef meta dan tal-aħħar jiċħad l-effetti tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali.

102 Il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li s-sentenza Nru 417/2019, li l-effett tagħha huwa li tannulla s-sentenzi mogħtija fl-ewwel istanza qabel it-23 ta' Jannar 2019 mill-kulleġġi ta' tliet imħallfin tal-Awla Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, tikser il-prinċipju ta' effettività tas-sanzjonijiet kriminali fil-każ ta' attivitajiet illegali gravi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fil-fatt, l-imsemmija sentenza toħloq, minn naħa, dehra ta' impunità u, min-naħa l-oħra, tinvolvi riskju sistemiku ta' impunità fi kwistjonijiet ta' ksur serju minħabba r-regoli nazzjonali dwar il-preskrizzjoni tal-prosekuzzjonijiet, minħabba l-kumplessità u t-tul tal-proċedura li tippreċedi l-għoti ta' sentenza finali wara eżami mill-ġdid tal-kawżi kkonċernati. Għalhekk, fil-kawża prinċipali, il-proċeduri ġudizzjarji, minħabba l-kumplessità tagħhom, diġà damu madwar erba' snin għall-fażi tal-ewwel istanza. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tqis li l-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja sanċit fid-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-istituzzjoni, b'deċiżjoni ta' korp ġudizzjarju barra mill-ġudikatura, ta' miżuri proċedurali li jeħtieġu l-eżami mill-ġdid fl-ewwel istanza ta' ċerti kawżi, bl-effett ta' kontestazzjoni tal-prosekuzzjonijiet, fin-nuqqas ta' raġunijiet serji li jpoġġu f'dubju r-rispett tad-dritt tal-akkużati għal smigħ xieraq. Issa, f'dan il-każ, il-fatt li l-kulleġġi tal-Awla Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja huma komposti minn imħallfin li, mal-ħatra tagħhom fi ħdan din il-qorti, kienu speċjalizzati fil-kawżi kriminali ma jistax jitqies li jikser id-dritt għal smigħ xieraq u d-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja.

103 Huwa f'dawn il-kundizzjonijiet li l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Artikolu 58 tad-Direttiva [2015/849] [kif ukoll] l-Artikolu 4 tad-Direttiva [2017/1371], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-adozzjoni ta' deċiżjoni minn korp, li ma għandux kompetenza ġudizzjarja, il-Qorti Kostituzzjonali], li qed tiddeċiedi dwar eċċezzjoni proċedurali li tirrigwarda kompożizzjoni illegali eventwali tal-kulleġġi ġudikanti, b'rabta mal-prinċipju ta' speċjalizzazzjoni tal-imħallfin fil-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja (la ma huwiex previst mill- Kostituzzjoni Rumena) u li tobbliga lil qorti tibgħat lura kawżi fl-istadju tal-appell (rimedju ġudizzjarju b'effett devoluttiv), għal eżami mill-ġdid fil-kuntest tal-ewwel fażi tal-proċedura quddiem l-istess qorti?

2) L-Artikolu 2 TUE u l-Artikolu 47(2) tal-[Karta] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-konstatazzjoni minn korp, li ma għandux kompetenza ġudizzjarja, tal-kompożizzjoni illegali tal-kulleġġi ġudikanti ta' awla tal-qorti suprema (kulleġġi komposti minn imħallfin fil-kariga, li fil-mument tal-promozzjoni, kienu wkoll jissodisfaw ir-rekwiżit ta' speċjalizzazzjoni meħtieġ għall-promozzjoni fl-awla kriminali tal-qorti suprema)?

3) Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-qorti nazzjonali li ma tapplikax deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, li tinterpreta regola inferjuri għall-Kostituzzjoni, li torganizza l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, inkluża fil-liġi nazzjonali dwar il-prevenzjoni, il-konstatazzjoni u s-sanzjonar ta' atti ta' korruzzjoni, regola li ġiet interpretata b'mod kostanti, f'dan l-istess sens, minn qorti għal sittax-il sena?

4) Konformement mal-Artikolu 47 tal-[Karta], il-prinċipju ta' aċċess liberu għall-ġustizzja jinkludi l-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin u t-twaqqif ta' kulleġġi ġudikanti speċjalizzati f'qorti suprema?"

### *Kawża C-840/19*

104 Permezz ta' sentenza tas-26 ta' Mejju 2017 mogħtija minn kulleġġ ta' tliet imħallfin, l-Awla Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja kkundannat lil NC, fost l-oħrajn, għal piena ta' erba' snin priġunerija talli wettaq, fil-funzjonijiet parlamentari u ministerjali tiegħu, ir-reat ta' abbuż mill-influwenza, previst fl-Artikolu 291(1) tal-Kodiċi Kriminali, moqri flimkien mal-Artikolu 6 u l-Artikolu 7(a) tal-Liġi Nru 78/2000, fir-rigward tal-għoti ta' kuntratt pubbliku ffinanzjat fil-biċċa l-kbira minn fondi Ewropej. Wara li d-DNK u NC appellaw minn din is-sentenza, l-Awla Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, b'sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018 mogħtija minn kulleġġ ta' ħames imħallfin, ikkonfermat il-kundanna u ċaħdet l-appell. Din is-sentenza saret finali.

105 Wara l-pubblikazzjoni tas-sentenza Nru 685/2018 imsemmija fil-punt 60 ta' din is-sentenza, NC u d-DNK ippreżentaw rikorsi straordinarji għal annullament, fejn invokaw, essenzjalment, l-irregolarità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġ ta' ħames imħallfin tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja li ddeċidiet fuq l-appelli mis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2017, billi erbgħa biss mill-ħames membri ta' din il-formazzjoni kienu ntgħażlu bix-xorti.

106 Permezz ta' sentenzi tal-25 ta' Frar u tal-20 ta' Mejju 2019, mogħtija minn kulleġġ ta' ħames imħallfin, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, fid-dawl tas-sentenza Nru 685/2018, laqgħet ir-rikorsi straordinarji, ħassret il-kundanna ta' NC u rrinvijat għall-eżami mill-ġdid l-appelli ppreżentati minn dan tal-aħħar u d-DNK.

107 Filwaqt li l-proċedura tal-appell kienet għadha taħt eżami mill-ġdid quddiem il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, sedenti bħala kulleġġ ta' ħames imħallfin, il-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha Nru 417/2019 imsemmija fil-punt 95 ta' din is-sentenza.

108 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk din is-sentenza hijiex kompatibbli mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 19(1)TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE, l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2017/1371. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 325 TFUE, il-qorti tar-rinviju tinvoka, essenzjalment, l-istess raġunijiet bħal dawk ifformulati fil-Kawża C-811/19. L-imsemmija qorti żżid tgħid li, fil-kawża prinċipali, il-proċeduri ġudizzjarji damu madwar erba' snin u li, bħala riżultat tal-applikazzjoni tas-sentenza Nru 685/2018, il-kawża tinsab fl-istadju ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid tal-appell. L-applikazzjoni tas-sentenza Nru 417/2019 ikollha wkoll l-effett li terġa' tiftaħ proċeduri għas-smigħ fuq il-mertu tal-kawża fl-ewwel istanza, bil-konsegwenza li l-istess kawża ssir darbtejn fl-ewwel istanza u tliet darbiet fl-appell.

109 Il-qorti tar-rinviju tosserva li s-sentenza Nru 417/2019 daħħlet fis-seħħ miżuri proċedurali vinkolanti li jirrikjedu l-ftuħ ta' proċeduri ġodda ta' smigħ minħabba n-nuqqas ta' speċjalizzazzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fl-ewwel istanza fir-rigward tar-reati previsti mil-Liġi Nru 78/2000. Bħala riżultat ta' din is-sentenza, hemm għalhekk riskju ta' impunità f'numru kunsiderevoli ta' kawżi li jinvolvu reati serji. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rekwiżit ta' effettività msemmi fl-Artikolu 325 TFUE u d-dritt fundamentali tal-akkużat li jiġi pproċessat fi żmien raġonevoli jiġi ppreġudikat.

110 Bl-istess mod, il-qorti tar-rinviju tqis li, bħal fil-Kawżi C-357/19, C-547/19 u C-811/19, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi mistoqsija dwar il-kompatibbiltà tal-intervent tal-Qorti Kostituzzjonali mal-prinċipju tal-Istat tad-dritt. Filwaqt li tisħaq fuq l-importanza tal-osservanza tas-sentenzi tal-imsemmija qorti, il-qorti tar-rinviju tispeċifika li d-domanda tagħha ma tirrigwardax il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali b'mod ġenerali iżda biss is-sentenza Nru 417/2019. F'din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kkuntrastat l-interpretazzjoni tagħha stess ma' dik tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja fuq id-dispożizzjonijiet diverġenti rispettivi li jinsabu fil-Liġi Nru 78/2000 u fil-Liġi Nru 304/2004 kif emendata, dwar l-istabbiliment ta' kulleġġi speċjalizzati, u indaħlet fil-kompetenzi ta' din l-aħħar qorti billi ordnat l-eżami mill-ġdid ta' ċerti kawżi.

111 Huwa f'dawn il-kundizzjonijiet li l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin.

"1) L-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE u l-Artikolu 4 tad-Direttiva [2017/1371], adottata abbażi tal-Artikolu 83(2) TFUE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu deċiżjoni meħuda minn korp estern għall-poter ġudizzjarju, [il-Qorti Kostituzzjonali], li timponi l-eżami mill-ġdid ta' kawżi ta' korruzzjoni li ġew deċiżi matul perijodu speċifiku u li jinsabu fl-istadju tal-appell, minħabba li l-kulleġġi ġudikanti li jispeċjalizzaw f'dan il-qasam ma kinux ikkostitwiti fil-livell tal-qorti suprema, minkejja li l-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin li kienu jagħmlu parti minn [dawn il-kulleġġi ġudikanti] hija rikonoxxuta [minn din id-deċiżjoni]?

2) L-Artikolu 2 TUE u [t-tieni paragrafu ta]l-Artikolu 47 tal-[Karta] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-konstatazzjoni, minn korp estern għall-poter ġudizzjarju, tal-illegalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti ta' awla tal-qorti suprema (kulleġġi komposti minn imħallfin fil-kariga li, fil-mument tal-promozzjoni tagħhom, kienu jissodisfaw b'mod partikolari r-rekwiżit ta' speċjalizzazzjoni meħtieġ għall-promozzjoni fil-qorti suprema)?

3) Is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-qorti nazzjonali tħalli mhux applikata deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, mogħtija f'kawża relatata ma' tilwima kostituzzjonali, li hija vinkolanti taħt id-dritt nazzjonali?"

**Fuq il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

***Fuq it-tgħaqqid***

112 Permezz ta' deċiżjonijiet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Frar 2020, il-Kawżi C-357/19 u C-547/19, minn naħa, u l-Kawżi C-811/19 u C-840/19, min-naħa l-oħra, ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura kif ukoll tas-sentenza. B'deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Mejju 2021, dawn il-kawżi kif ukoll il-Kawża C-379/19, fid-dawl tal-konnessjoni tagħhom, ġew magħquda għall-finijiet tas-sentenza.

***Fuq it-talbiet għal proċedura mħaffa u t-trattament prijoritarju***

113 Il-qrati tar-rinviju fil-Kawżi C-357/19, C-379/19, C-811/19 u C-840/19 talbu lill-Qorti tal-Ġustizzja li r-rinviji għal deċiżjoni preliminari f'dawn il-kawżi jkunu suġġetti għal proċedura mħaffa bis-saħħa tal-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

114 Insostenn tat-talbiet tagħhom, il-qrati tar-rinviju essenzjalment sostnew li s-sitwazzjoni tal-persuni involuti fil-qafas tal-kawżi prinċipali kienet teħtieġ reazzjoni rapida. B'mod iktar partikolari fir-rigward tal-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19, huma argumentaw ukoll li l-mogħdija taż-żmien setgħet tipperikola l-eżekuzzjoni eventwali tal-piena.

115 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li, fuq talba tal-qorti tar-rinviju jew, eċċezzjonalment, *ex officio*, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista' jiddeċiedi, wara li jisma' lill-imħallef relatur u lill-Avukat Ġenerali, li jissottometti rinviju għal deċiżjoni preliminari għal proċedura mħaffa b'deroga mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli meta n-natura tal-kawża teħtieġ it-trattament tagħha malajr kemm jista' jkun.

116 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li tali proċedura mħaffa tikkostitwixxi strument proċedurali intiż biex iwieġeb għal sitwazzjoni ta' urġenza straordinarja. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-proċedura mħaffa tista' ma tiġix applikata meta n-natura sensittiva u kumplessa tal-problemi legali maħluqa minn kawża tagħmilha diffiċli li tiġi applikata din il-proċedura, b'mod partikolari meta ma jidhirx xieraq li titqassar il-fażi bil-miktub tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

117 F'dan il-każ, fir-rigward tal-Kawżi C-357/19 u C-379/19, b'deċiżjonijiet tat-23 ta' Mejju u tas-17 ta' Ġunju 2019 rispettivament, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, wara li sema' lill-imħallef relatur u lill-Avukat Ġenerali, li t-talbiet għal proċedura mħaffa kellhom jiġu miċħuda. Fil-fatt, minn naħa, ir-raġuni bbażata fuq il-fatt li dawn it-talbiet kienu jikkonċernaw proċeduri kriminali u, għalhekk, kienu jeħtieġu tweġiba rapida sabiex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni legali tal-persuni involuti fil-proċeduri fil-qafas tal-kawżi prinċipali ma setgħetx fiha nfisha tkun biżżejjed biex tiġġustifika li dawn il-kawżi jiġu sottomessi għall-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura, b'tali ċirkustanzi ma jkunux ta' natura li joħolqu sitwazzjoni ta' urġenza straordinarja kif imsemmi fil-punt 116 ta' din is-sentenza (ara, b'analoġija, id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2018, Minister for Justice and Equality, C-508/18 u C-509/18, mhux ippubblikat, EU:C:2018:766, punt 11 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

118 Min-naħa l-oħra, għalkemm id-domandi magħmula, li jirrigwardaw dispożizzjonijiet fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, jistgħu *a priori* jkunu ta' importanza kbira għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, li għaliha l-indipendenza tal-qrati nazzjonali hija essenzjali, in-natura sensittiva u kumplessa ta' dawn id-domandi jagħmluha diffiċli li tiġi applikata l-proċedura mħaffa (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 105 kif ukoll tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 34).

119 Madankollu, fid-dawl tan-natura tad-domandi magħmula, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Settembru 2019, ta trattament prijoritarju lill-kawżi C-357/19 u C-379/19, bis-saħħa tal-Artikolu 53(3) tar-Regoli ta' Proċedura.

120 Fir-rigward tal-kawżi C-811/19 u C-840/19, għandu jiġi rrilevat li dawn il-kawżi, ikkunsidrati flimkien mal-kawżi C-357/19 u C-379/19, juru li teżisti inċertezza fi ħdan il-qrati Rumeni fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'numru kbir ta' kawżi relatati mad-dritt kriminali li fihom hemm involuti l-iskadenza tal-perijodu ta' preskrizzjoni u, għalhekk, ir-riskju ta' impunità. F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' progress attwali fil-Kawżi C-357/19, C-379/19 u C-547/19, li jqajmu kwistjonijiet simili ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2019, iddeċieda li jissottometti l-Kawżi C-811/19 u C-840/19 għal proċedura mħaffa.

### *Fuq it-talba biex terġa' tinfetaħ il-proċedura orali*

121 Is-seduta għas-sottomissjonijiet orali konġunti prevista għall-kawżi preżenti kienet, minħabba l-kriżi tas-saħħa marbuta mal-pandemija tal-coronavirus, posposta tliet darbiet u mbagħad finalment imħassra b'deċiżjoni tat-3 ta' Settembru 2020. Skont l-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tikkonverti f'mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub il-mistoqsijiet li, għas-smigħ għas-sottomissjonijiet orali, ġew ikkomunikati lill-partijiet u lill-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. CY, PM, RO, KI, LJ, NC, FQ, il-Forum tal-Imħallfin tar-Rumanija, id-DNK, is-servizz territorjali ta' Oradea tad-DNK, il-Gvern Rumen kif ukoll il-Kummissjoni bagħtu lill-Qorti tal-Ġustizzja t-tweġibiet tagħhom għal dawn il-mistoqsijiet fit-termini mogħtija.

122 B'att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' April 2021, PM talab li jiġi ordnat l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċeduri. Insostenn tat-talba tiegħu, PM sostna, essenzjalment, billi rrefera għall-Artikoli 19, 20, 31 u 32 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-Artikoli 64, 65, 80 u 81 tar-Regoli tal-Proċedura, li n-nuqqas ta' smigħ tas-sottomissjonijiet orali kien jikser id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u l-prinċipju tal-kontradittorju.

123 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dritt għal smigħ, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, ma jimponix obbligu assolut li ssir seduta pubblika fil-proċeduri kollha. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-kawża ma tqajjimx kwistjonijiet ta' fatt jew ta' dritt li ma jistgħux jiġu solvuti b'mod adegwat fuq il-bażi tal-proċess u tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Sacko, C-348/16, EU:C:2017:591, punt 40 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

124 Għalhekk, fir-rigward tal-fażi orali tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li l-Qorti tal-Ġustizzja tista', fuq proposta tal-imħallef relatur, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi li ma żżommx seduta għas-sottomissjonijiet orali jekk tqis, wara li taqra n-noti jew l-osservazzjonijiet ippreżentati matul il-fażi bil-miktub tal-proċedura, li hija informata biżżejjed biex tagħti deċiżjoni. Skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu 76, din id-dispożizzjoni ma hijiex, madankollu, applikabbli meta tkun tressqet talba għal seduta għas-sottomissjonijiet orali, b'mod immotivat, minn parti kkonċernata msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li ma pparteċipatx fil-fażi bil-miktub tal-proċedura. F'dan il-każ, madankollu, ma saret l-ebda talba f'dan is-sens minn tali parti kkonċernata.

125 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tiddeċiedi, skont l-Artikolu 76(2) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura, mingħajr ma tinjora r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 47 tal-Karta, li ma tagħmilx seduta f'dawn il-kawżi. Barra minn hekk, kif ġie indikat fil-punt 121 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet lill-partijiet u lill-partijiet ikkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub, u għalhekk ippermettitilhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali lill-Qorti tal-Ġustizzja, fakultà li eżerċita b'mod partikolari PM.

126 Huwa minnu li, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, wara li tisma' lill-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari fejn parti ressqet, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew meta l-kawża trid tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma jkunx ġie diskuss bejn il-partijiet ikkonċernati.

127 Issa, it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura li għalhekk ifformula PM wara li ġew ippreżentati l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma tiżvela ebda fatt ġdid li jista' jinfluwenza d-deċiżjoni li hija mitluba tagħti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li hija għandha, fi tmiem il-proċedura li saret quddiemha, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiddeċiedi t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-357/19.

128 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, ma għandhiex tintlaqa' t-talba ta' PM sabiex jiġi ordnat l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-kawża.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja*

129 Il-partijiet fil-kawża prinċipali PM, RO, TQ, KI, LJ u NC kif ukoll il-Gvern Pollakk jesprimu dubji dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tirrispondi għal ċerti domandi magħmula mill-qrati tar-rinviju.

130 Il-mistoqsijiet mqajma, f'dan ir-rigward, minn PM, RO u TQ jikkonċernaw id-domandi magħmula fil-Kawża C-357/19, dawk li saru minn KI u LJ, id-domandi magħmula fil-Kawża C-379/19, u dawk li saru minn NC d-domandi magħmula fil-Kawża C-840/19. Il-Gvern Pollakk iqiegħed fid-dubju l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti risposta għad-domandi magħmula fil-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19 kif ukoll it-tielet domanda magħmula fil-Kawża C-379/19.

131 Dawn il-partijiet fil-kawżi prinċipali u l-Gvern Pollakk iressqu tliet sensiela ta' argumenti. L-ewwel nett, id-domandi mqajma mill-qrati tar-rinviju dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jirrigwardaw l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja, qasam li fih l-Unjoni ma għandha l-ebda kompetenza. Imbagħad, peress li d-dritt tal-Unjoni ma fih ebda standard dwar il-portata u l-effetti tas-sentenzi mogħtija minn Qorti Kostituzzjonali nazzjonali, tali domandi ma jikkonċernawx id-dritt tal-Unjoni iżda d-dritt nazzjonali. Fl-aħħar nett, il-qrati tar-rinviju, fir-realtà, jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi dwar il-legalità ta' dawn is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali kif ukoll dwar ċerti elementi fattwali aċċettati minn din tal-aħħar, li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

132 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kemm jekk huma dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, b'mod partikolari l-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325 TFUE kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta, jew ta' dispożizzjonijiet tad-dritt sekondarju, b'mod partikolari d-Deċiżjoni 2006/928. Dawn it-talbiet jirrigwardaw ukoll Konvenzjoni stabbilita fuq il-bażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni li tinterpreta, jiġifieri l-Konvenzjoni PIF.

133 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri taqa' taħt il-kompetenza ta' dawn tal-aħħar, dawn huma madankollu obbligati, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, li josservaw l-obbligi li, għalihom, joħorġu mid-dritt tal-Unjoni (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 111 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). L-istess japplika fil-qasam tar-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin immotivata min-nuqqas ta' osservanza tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali.

134 Fir-rigward tal-argument li t-talbiet għal deċiżjoni preliminari essenzjalment jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa l-portata, l-effetti u l-legalità tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali u tiddeċiedi fuq ċerti fatti kkonstatati minn din tal-aħħar, għandu jitfakkar, minn naħa waħda, li, għalkemm, fil-kuntest ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali biss għandha ġurisdizzjoni biex tikkonstata u tevalwa l-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali kif ukoll biex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali, hija min-naħa l-oħra l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tipprovdi lill-qorti nazzjonali li ressqitilha talba

għal deċiżjoni preliminari bl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tista' tkun meħtieġa għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, filwaqt li titqies l-informazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni tar-rinviju fir-rigward tad-dritt nazzjonali applikabbli għall-imsemmija tilwima u għall-fatti li jikkaratterizzaw lil din tal-aħħar (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla tal-Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 78 u ġurisprudenza ċċitata).

135 Min-naħa l-oħra, għalkemm ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest ta' tali deċiżjoni preliminari, dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet jew ta' prattika tad-dritt nazzjonali mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, min-naħa l-oħra, ġurisdizzjoni sabiex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jaqgħu taħt dan l-aħħar dritt li jistgħu jippermettulha tevalwa tali konformità għad-deċiżjoni tal-kawża li biha hija adita (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla tal-Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 79 u ġurisprudenza ċċitata)).

136 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni biex tirrispondi għad-domandi magħmula f'dawn il-kawżi, inklużi dawk imsemmija fil-punt 130 ta' din is-sentenza.

### *Fuq l-ammissibbiltà*

*Kawża C-379/19*

137 KI jeċċepixxi l-inammissibbiltà ta' kull waħda mit-tliet domandi preliminari fil-Kawża C-379/19. Fir-rigward tal-ewwel domanda, huwa jsostni li r-risposta għaliha hija ovvja, filwaqt li jenfasizza li la d-Deċiżjoni 2006/928 u lanqas ir-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti tal-Kummissjoni adottati fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni ma ġew invokati fil-qafas tal-kawża prinċipali. Fir-rigward tat-tieni u t-tielet domandi, KI jqis li l-mistoqsijiet li huma jqajmu ma għandhom l-ebda rabta mas-suġġett tal-kawża prinċipali, billi l-qorti tar-rinviju trid biss, fir-realtà, li teħles mill-obbligu tagħha li tapplika, bil-konsegwenza li toħloq ir-responsabbiltà dixxiplinari fuq il-membri tagħha, il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

138 Dwar dan, fir-rigward taċ-ċirkustanza li l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni tkun meħtieġa, f'dan il-każ, b'tali prova li ma tkun tħalli ebda lok għal dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jitfakkar li, għalkemm ċirkustanza bħal din, meta sseħħ, tista' twassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi permezz ta' digriet skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura, din l-istess ċirkustanza ma tistax, madankollu, tipprevjeni lill-qorti nazzjonali milli tagħmel domanda preliminari u lanqas ikollha l-effett li tagħmel id-domanda b'hekk inammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punt 96).

139 Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li d-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-qafas regolatorju u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, u li dwar dan ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza tagħhom, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Iċ-ċaħda mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' talba ppreżentata minn qorti nazzjonali hija possibbli biss jekk jidher b'mod ċar li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha l-ebda relazzjoni mar-realtà jew

mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex l-elementi ta' fatt u ta' dritt meħtieġa biex tipprovdi risposta utli għad-domandi li jsirulha (sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 116, kif ukoll tat-2 ta' Settembru 2021, INPS (Allowances ta' twelid u maternità għal detenturi ta' permess uniku), C-350/20, EU:C:2021:659, punt 39 u ġurisprudenza ċċitata).

140 F'dan il-każ, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-qorti tar-rinviju ġiet adita, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali relatati b'mod partikolari ma' reati ta' korruzzjoni, b'talba tal-persuni implikati sabiex jiġu esklużi mill-proċedura, skont diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali, mezzi ta' prova li jikkonsistu fi proċessi verbali ta' traskrizzjoni ta' interċettazzjonijiet. Issa, huwa preċiżament minħabba d-dubji li għandha dwar il-kompatibbiltà ta' dawn is-sentenzi, fejn in-nuqqas ta' osservanza tagħhom minn qorti nazzjonali jista' barra minn hekk joħloq ir-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin li ħadu sehem fid-deċiżjoni fi ħdan din il-qorti, mar-rekwiżit tal-indipendenza tal-qrati, li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li l-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, fil-qafas tat-tieni u t-tielet domandi preliminari, b'mod partikolari dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Fir-rigward tad-Deċiżjoni 2006/928 imsemmija fl-ewwel domanda preliminari, għandu jiġi rrilevat li, fid-dawl tal-premessa 3 ta' din id-deċiżjoni li għaliha tirreferi t-talba għal deċiżjoni preliminari, dan ir-rekwiżit ta' indipendenza jiġi espress b'mod konkret mill-punti ta' riferiment stabbiliti fl-anness ta' din id-deċiżjoni u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti tal-Kummissjoni adottati fuq il-bażi tagħha. Ir-rabta bejn il-kawża prinċipali u t-tliet domandi preliminari magħmula għalhekk tirriżulta ċara mit-talba għal deċiżjoni preliminari.

141 Jirriżulta minn dak li ntqal li d-domandi preliminari magħmula fil-Kawża C-379/19 huma ammissibbli.

*Kawża C-547/19*

142 L-Ispettorat Ġudizzjarju jikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari minħabba l-inapplikabbiltà għall-kawża prinċipali tal-Artikoli 2 u 19 TUE kif ukoll tal-Artikolu 47 tal-Karta, li l-interpretazzjoni tagħhom hija mitluba mill-qorti tar-rinviju.

143 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-tilwima fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-547/19 tirrigwarda rikors ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju minn imħallef kontra s-sanzjoni dixxiplinari tal-esklużjoni mill-maġistratura li ġiet imposta fuqu, rikors li fil-kuntest tiegħu l-parti kkonċernata tikkontesta l-legalità tal-kompożizzjoni ta' din il-qorti, ikkostitwita skont ir-rekwiżiti stabbiliti mis-sentenza Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju qiegħda tintalab tiddeċiedi fuq din l-eċċezzjoni proċedurali u, f'dan il-kuntest, tiddeċiedi fuq il-legalità tal-kompożizzjoni tagħha stess, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza li tirriżulta minn din is-sentenza li, skont hi, hija ta' natura li tpoġġi fid-dubju l-indipendenza tagħha.

144 Issa, il-qorti tar-rinviju hija korp ġudizzjarju li tista' tiddeċiedi, bħala qorti, fuq kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, konsegwentement, li jaqgħu taħt oqsma koperti minn dan id-dritt. F'dan il-każ, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa għalhekk intiż li japplika fir-rigward tal-qorti tar-rinviju, li hija obbligata tiżgura, bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, li s-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin tal-qrati nazzjonali fis-sistema nazzjonali ta' rimedji fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni tosserva l-prinċipju ta' indipendenza ġudizzjarja, b'mod partikolari billi tiżgura li

d-deċiżjonijiet mogħtija fil-kuntest tal-proċeduri dixxiplinari miġjuba kontrihom ikunu mistħarrġa minn korp li huwa stess jissodisfa l-garanziji inerenti fi protezzjoni ġudizzjarja effettiva inkluża dik tal-indipendenza (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-Imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-kuntest tal-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, għandhom jitqiesu kemm l-Artikolu 2 TUE kif ukoll l-Artikolu 47 tal-Karta.

145 Minn dan isegwi li t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-547/19 hija ammissibbli.

*Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19*

146 Fir-rigward tal-Kawża C-357/19, PM, RO u TQ kif ukoll il-Gvern Pollakk isostnu li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli. L-ewwel nett, PM u RO josservaw li s-sitwazzjoni legali personali tagħhom ma għandha l-ebda konnessjoni ma' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, għalhekk, mal-Artikolu 325(1) TFUE. Imbagħad, RO u TQ jindikaw li, billi ddikjarat ir-rikorsi straordinarji ammissibbli, il-qorti tar-rinviju diġà ddeċidiet fuq il-kwistjoni tal-applikabbiltà tas-sentenza Nru 685/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali, b'mod li, skont dawn, ma huwiex iktar meħtieġ li tiġi ċċarata din il-kwistjoni għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawżi prinċipali. Fl-aħħar nett, il-Gvern Pollakk iqis li l-Kawża C-357/19 taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, għalhekk, tal-Karta.

147 Fir-rigward tal-Kawża C-811/19, il-Gvern Pollakk jikkontesta wkoll l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, billi jsostni li l-imsemmija kawża lanqas ma taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li, għaldaqstant, ma hemmx lok li tiġi applikata l-Karta.

148 Fir-rigward tal-Kawża C-840/19, NC jsostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli. Fir-rigward tal-ewwel domanda, huwa jqis li l-Artikolu 325 TFUE ma huwiex applikabbli għal din il-kawża, għar-raġuni li l-ksur inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jaffettwax l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Fir-rigward tat-tielet domanda, NC jargumenta li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, ir-risposta għal din id-domanda ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli. B'mod iktar ġenerali, minbarra li jikkunsidra li s-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali ma tiddependix mir-risposta għad-domandi magħmula, NC jsostni li l-informazzjoni u l-evalwazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju dwar il-Qorti Kostituzzjonali, b'mod partikolari s-sentenza Nru 417/2019 tagħha, huma inkompleti u parzjalment żbaljati. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Pollakk iqis, għall-istess raġunijiet bħal dawk invokati fil-Kawża C-811/19, li t-talba għal deċiżjoni preliminari fil-Kawża C-840/19 hija inammissibbli.

149 Fir-rigward ta' dawn id-diversi aspetti, diġà tfakkar fil-punt 139 ta' din is-sentenza li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-qafas regolatorju u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, u li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza tagħhom, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza.

150 Fir-rigward tal-Kawża C-357/19, mill-informazzjoni li tidher fit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li din toriġina minn proċeduri kriminali mibdija kontra diversi persuni mħarrka għal reati ta' korruzzjoni b'rabta mal-ġestjoni ta' fondi Ewropej u reati ta' evażjoni tat-taxxa li jirrigwardaw il-VAT. Fir-rigward tal-Kawżi C-811/19 u C-840/19, il-qorti tar-rinviju indikat li l-proċeduri kriminali inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jirrigwardaw reati ta' korruzzjoni marbuta mal-għoti ta' kuntratti pubbliċi mogħtija fil-kuntest ta' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej.

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza tagħhom, jidher li l-proċeduri fil-kawżi prinċipali għandhom jitqiesu li jirrigwardaw, parzjalment, frodi fil-qasam tal-VAT li tista' tagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni u li għalhekk jaqgħu taħt l-Artikolu 325(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B., C-42/17, EU:C:2017:936, punti 31 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Fir-rigward tar-reati ta' korruzzjoni fil-kuntest tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi mogħtija fil-qafas ta' proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej, il-qrati tar-rinviju qegħdin jistaqsu b'mod partikolari jekk l-Artikolu 325(1) TFUE għandux japplika għal tali reati, b'tali mod li l-argument ibbażat fuq l-inapplikabbiltà possibbli ta' din id-dispożizzjoni ma jistax ipoġġi f'dubju l-ammissibbiltà tad-domandi magħmula f'dan ir-rigward.

151 Barra minn hekk, peress li l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi Nri 685/2018 u 417/2019 tista' tippreġudika l-indipendenza ġudizzjarja u tfixkel il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-qorti tar-rinviju fil-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19 tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni, b'mod partikolari, tal-Artikolu 325(1) TFUE u tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni sabiex tkun tista' tiddeċiedi jekk għandhiex tapplika jew, għall-kuntrarju, tħalli s-sentenzi msemmija mhux applikati. L-applikabbiltà ta' dawn is-sentenzi, skont l-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, ikollha bħala konsegwenza li l-appell jintlaqa' jew inkella tinfetaħ mill-ġdid proċedura għas-smigħ fuq il-mertu. F'dawn il-kundizzjonijiet, ma jistax jiġi kkunsidrat li l-interpretazzjoni mitluba tal-Artikolu 325 TFUE, tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta li għalihom jirreferu t-talbiet għal deċiżjoni preliminari tidher b'mod manifest mhux relatata mal-eżami tal-kawżi prinċipali.

152 Fir-rigward taċ-ċirkustanza li r-risposta għat-tielet domanda fil-Kawża C-840/19 ma tħalli lok għal ebda dubju, ċirkustanza ta' din in-natura ma tistax, kif jirriżulta mill-punt 138 ta' din is-sentenza, tipprevjeni lil qorti nazzjonali milli tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas ikollha l-effett li d-domanda preliminari magħmula ssir inammissibbli.

153 Għaldaqstant, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari fil-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19 huma ammissibbli.

### *Fuq il-mertu*

154 Bit-talbiet tagħhom għal deċiżjoni preliminari, il-qrati tar-rinviju jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni ta' diversi prinċipji u dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, fosthom l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, tal-Artikolu 325(1) TFUE, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928. Id-domandi li huma jqajmu, f'dan ir-rigward, jirrigwardaw essenzjalment:

– il-kwistjoni dwar jekk id-Deċiżjoni 2006/928 kif ukoll ir-rapporti mfassla fuq il-bażi ta' din id-deċiżjoni humiex vinkolanti għar-Rumanija (l-ewwel domanda fil-Kawża C-379/19);

– il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF, ta' leġiżlazzjoni jew ta' prattika nazzjonali fejn is-sentenzi fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT li ma ngħatawx, fl-ewwel istanza, minn kulleġġi ġudikanti speċjalizzati f'din il-kwistjoni jew, f'appell, minn kulleġġi ġudikanti li l-membri kollha tagħhom inħatru bix-xorti, huma assolutament nulli b'mod li il-każijiet ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT ikkonċernati għandhom, fejn ikun il-każ wara rikors straordinarju kontra sentenzi finali fl-appell, jiġu eżaminati mill-ġdid fl-ewwel u/jew fit-tieni

istanza (l-ewwel domanda fil-Kawżi C-357/19 u C-840/19 kif ukoll l-ewwel u r-raba' domandi fil-Kawża C-811/19), u

– fuq il-konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, minn naħa, mal-Artikolu 2 u mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll mad-Deċiżjoni 2006/928 u, min-naħa l-oħra, mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, ta' leġiżlazzjoni jew ta' prattika nazzjonali fejn il-qrati ordinarji nazzjonali huma marbuta b'deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' ċerti provi u l-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti li jiddeċiedu fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni, ta' frodi tal-VAT u d-dixxiplina tal-maġistrati, u ma jistgħux, għalhekk, u bil-konsegwenza ta' ksur dixxiplinari, iħallu mhux applikata, bl-awtorità tagħhom stess, il-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn id-deċiżjonijiet, filwaqt li jqisu li din il-ġurisprudenza tmur kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni (it-tieni u t-tielet domandi fil-kawżi C-357/19, C-379/19, C-811/19 u C-840/19 kif ukoll id-domanda unika fil-Kawża C-547/19).

*Fuq l-ewwel domanda fil-Kawża C-379/19*

155 Permezz tal-ewwel domanda tagħha fil-Kawża C-379/19, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf, essenzjalment, jekk id-Deċiżjoni 2006/928 kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti tal-Kummissjoni adottati abbażi ta' din id-deċiżjoni humiex obbligatorji għar-Rumanija.

156 L-ewwel nett għandu jitfakkar li d-Deċiżjoni 2006/928 hija att adottat minn istituzzjoni tal-Unjoni, jiġifieri l-Kummissjoni, abbażi tal-Att ta' Adeżjoni, li jaqa' taħt id-dritt primarju tal-Unjoni, u b'mod iktar partikolari hija tikkostitwixxi deċiżjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE. Fir-rigward tar-rapporti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, imfassla taħt il-MKV stabbilit b'din id-deċiżjoni, dawn għandhom jitqiesu wkoll bħala atti adottati minn istituzzjoni tal-Unjoni, li għandhom id-dritt tal-Unjoni bħala bażi legali, jiġifieri l-Artikolu 2 tad-deċiżjoni msemmija (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 149).

157 Kif jirriżulta mill-premessi 4 u 5 tagħha, id-Deċiżjoni 2006/928 ġiet adottata fil-kuntest tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, li seħħet fl-1 ta' Jannar 2007, fuq il-bażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni, li taw is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri xierqa fil-każ, rispettivament, ta' riskju imminenti ta' disfunzjoni gravi tas-suq intern marbut man-nuqqas ta' osservanza, mir-Rumanija, ta' impenji meħuda fil-qafas tan-negozjati ta' adeżjoni u riskju imminenti ta' ksur serju mir-Rumanija fir-rigward tal-osservanza tad-dritt tal-Unjoni relatat mal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

158 Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2006/928 ġiet adottata minħabba l-eżistenza ta' riskji imminenti tan-natura ta' dawk imsemmija fl-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni. Fil-fatt, kif jirriżulta mir-Rapport ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2006, dwar l-istat ta' preparazzjoni għall-adeżjoni fl-UE tal-Bulgarija u r-Rumanija [KUMM/2006/549 finali], li għalih tirreferi l-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2006/928, din l-istituzzjoni nnotat il-persistenza fir-Rumanija ta' nuqqasijiet, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ġustizzja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u pproponiet lill-Kunsill li jissuġġetta l-adeżjoni minn dan l-Istat mal-Unjoni għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u verifika biex jiġu ttrattati dawn in-nuqqasijiet. Għal dan l-għan, din id-deċiżjoni, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessi 4 u 6 tagħha, stabbilixxiet l-MKV u ħarġet, f'termini ta' riforma tas-sistema ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-punti ta'

riferiment imsemmija fl-Artikolu 1 u stabbiliti fl-anness tal-istess deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 157 u 158).

159 F'dan ir-rigward, u kif jiddikjaraw il-premessi 2 u 3 tad-Deċiżjoni 2006/928, l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u s-suq intern huma bbażati fuq il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li d-deċiżjonijiet tagħhom u l-prattiki amministrattivi u ġudizzjarji tagħhom josservaw bis-sħiħ l-Istat tad-dritt, b'din il-kundizzjoni timplika l-eżistenza, fl-Istati Membri kollha, ta' sistema ġudizzjarja u amministrattiva imparzjali, indipendenti u effiċjenti, mogħnija b'mezzi suffiċjenti, fost l-oħrajn, għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 159).

160 Issa, l-Artikolu 49 TUE, li jipprevedi l-possibbiltà għal kull Stat Ewropew li japplika biex isir membru tal-Unjoni, jispeċifika li din tal-aħħar tiġbor flimkien Stati li liberament u volontarjament aderixxew mal-valuri komuni attwalment imsemmija fl-Artikolu 2 TEU, li josservaw dawn il-valuri u jimpenjaw ruħhom li jippromwovuhom. B'mod partikolari, mill-Artikolu 2 TUE jirriżulta li l-Unjoni hija bbażata fuq valuri, bħall-Istat tad-dritt, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà kkaratterizzata, b'mod partikolari, mill-ġustizzja. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u, b'mod partikolari, il-qrati tagħhom hija bbażata fuq il-premessa fundamentali li l-Istati Membri jikkondividu sensiela ta' valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif huwa ppreċiżat f'dan l-artikolu (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 160 u l-ġurisprudenza ċċitata).

161 Għalhekk, l-osservanza tal-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE tikkostitwixxi prekundizzjoni għall-adeżjoni mal-Unjoni ta' kull Stat Ewropew li japplika biex isir membru tal-Unjoni. Huwa f'dan il-kuntest li l-MKV ġie stabbilit bid-Deċiżjoni 2006/928 sabiex jiġi żgurat l-ħarsien tal-valur tal-Istat tad-dritt fir-Rumanija (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 161).

162 Barra minn hekk, l-osservanza minn Stat Membru tal-valuri sanċiti fl-Artikolu 2 TUE tikkostitwixxi kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati għal dan l-Istat Membru. Stat Membru għalhekk ma jistax jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu b'tali mod li jwassal għal rigressjoni tal-ħarsien tal-valur tal-Istat tad-dritt, valur li huwa kkonkretizzat, b'mod partikolari, mill-Artikolu 19 TUE. L-Istati Membri huma għaldaqstant meħtieġa li jiżguraw li jevitaw kwalunkwe rigressjoni, fir-rigward ta' dan il-valur, tal-leġiżlazzjoni tagħhom dwar l-organizzazzjoni tal-ġustizzja, billi jastjenu milli jadottaw regoli li jdgħajfu l-indipendenza ġudizzjarja (sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 162 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja, C-791/19, EU:C:2021:596, punt 51).

163 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-atti adottati, qabel l-adeżjoni, mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li fosthom hemm id-Deċiżjoni 2006/928, ilhom jorbtu lir-Rumanija mid-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni, bis-saħħa tal-Artikolu 2 tal-Att ta' Adeżjoni, u għandhom jibqgħu

fis-seħħ, skont l-Artikolu 2(3) tat-Trattat ta' Adeżjoni, sakemm jitħassru (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 163).

164 Fir-rigward b'mod iktar speċifiku tal-miżuri adottati abbażi tal-Artikoli 37 u 38 tal-Att ta' Adeżjoni, filwaqt li huwa minnu li l-ewwel paragrafu ta' kull wieħed minn dawn l-artikoli awtorizza lill-Kummissjoni biex tadotta l-miżuri li huma intiżi "sa tmiem perjodu ta' mhux aktar minn tliet snin wara l-adeżjoni", it-tieni paragrafu ta' kull wieħed mill-artikoli msemmija espressament ipprovda, madankollu, li l-miżuri hekk adottati setgħu jiġu applikati lil hinn mill-perijodu imsemmi sakemm l-impenji korrispondenti ma jkunux ġew issodisfatti jew li l-ksur ikkonstat jippersisti, u li l-imsemmija miżuri jitneħħew biss jekk l-impenn korrispondenti jiġi ssodisfat jew il-ksur inkwistjoni jiġi kkoreġut. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni 2006/928 nnifisha tispeċifika, fil-premessa 9 tagħha, li din "għandha titħassar meta il-punti ta' riferiment kollha jiġu mwettqa b'mod sodisfaċenti".

165 Għalhekk, id-Deċiżjoni 2006/928 jibqa' jkollha l-effetti tagħha lil hinn mid-data tal-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni sakemm din id-deċiżjoni ma tkunx tħassret (ara, f'dan is-sens, sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 165).

166 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk u sa liema punt id-Deċiżjoni 2006/928 torbotx lir-Rumanija, għandu jitfakkar li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE jipprovdi, bħar-raba' paragrafu tal-Artikolu 249 KE, li deċiżjoni "għandha torbot fl-intier tagħha" lil min hija indirizzata.

167 Skont l-Artikolu 4 tagħha, id-Deċiżjoni 2006/928 hija indirizzata lill-Istati Membri kollha, li tinkludi r-Rumanija mid-data tal-adeżjoni tagħha. Din id-deċiżjoni hija għalhekk vinkolanti fl-aspetti kollha tagħha għal dan l-Istat Membru sa mill-adeżjoni tiegħu fl-Unjoni. Għalhekk, id-deċiżjoni msemmija timponi fuq ir-Rumanija l-obbligu li tilħaq il-punti ta' riferiment stabbiliti fl-anness tagħha u li tirrapporta kull sena, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tagħha, lill-Kummissjoni dwar il-progress li sar f'dan ir-rigward (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 167 u 168).

168 Fir-rigward, b'mod partikolari, ta' dawn il-punti ta' riferiment, għandu jiżdied li dawn ġew iddefiniti, kif jirriżulta mill-punti 157 sa 162 ta' din is-sentenza, minħabba n-nuqqasijiet ikkonstatati mill-Kummissjoni qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni fl-oqsma, b'mod partikolari, tar-riformi ġudizzjarji u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u li għandhom l-għan li jiżguraw li dan l-Istat Membru jħares il-valur tal-Istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 TUE, kundizzjoni għat-tgawdija tad-drittijiet kollha li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati lill-imsemmi Stat Membru. Barra minn hekk, il-punti ta' riferiment msemmija jagħtu espressjoni konkreta lill-impenji speċifiċi li daħlet għalihom ir-Rumanija u r-rekwiżiti aċċettati minnha meta n-negozjati tal-adeżjoni ngħalqu fl-14 ta' Diċembru 2004, li jidhru fl-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni, dwar, b'mod partikolari, l-oqsma tal-ġustizzja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Għalhekk, kif jirriżulta mill-premessi 4 u 6 tad-Deċiżjoni 2006/928, l-istabbiliment tal-MKV u l-iffissar tal-punti ta' riferiment kienu intiżi biex jiffinalizzaw l-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni, sabiex jirrimedjaw in-nuqqasijiet ikkonstatati mill-Kummissjoni qabel din l-adeżjoni f'dawn l-oqsma (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 169 sa 171).

169 Minn dan isegwi li l-punti ta' riferiment huma vinkolanti għar-Rumanija, b'tali mod li dan l-Istat Membru huwa suġġett għall-obbligu speċifiku li jilħaq dawn l-għanijiet u li jieħu l-miżuri xierqa sabiex jintlaħqu kemm jista' jkun malajr. Bl-istess mod, l-imsemmi Stat Membru huwa obbligat li jżomm lura milli jimplimenta kwalunkwe miżura li tista' tipperikola l-kisba ta' dawn l-istess għanijiet (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 172).

170 Fir-rigward tar-rapporti mfassla mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2006/928, għandu jitfakkar li, sabiex jiġi ddeterminat jekk att tal-Unjoni jipproduċix forza vinkolanti, huwa meħtieġ li wieħed jiffoka fuq is-sustanza tiegħu u jevalwa l-effetti tiegħu fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut ta' dan l-att, wara li jitqiesu, fejn xieraq, il-kuntest tal-adozzjoni tiegħu kif ukoll is-setgħat tal-istituzzjoni li hi awtriċi tiegħu (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 173 u l-ġurisprudenza ċċitata).

171 F'dan il-każ, huwa minnu li r-rapporti mfassla fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2006/928 huma, bis-saħħa tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tagħha, indirizzati mhux lir-Rumanija iżda lill-Parlament u lill-Kunsill. Barra minn hekk, filwaqt li dawn ir-rapporti jinkludu analiżi tas-sitwazzjoni fir-Rumanija u jifformulaw rekwiżiti fir-rigward ta' dan l-Istat Membru, il-konklużjonijiet li jinsabu fihom jagħmlu "rakkomandazzjonijiet" lill-imsemmi Stat Membru bbażati fuq dawn ir-rekwiżiti.

172 Madankollu, kif jirriżulta minn qari konġunt tal-Artikoli 1 u 2 tal-imsemmija deċiżjoni, dawn ir-rapporti huma intiżi sabiex janalizzaw u jevalwaw il-progress li twettaq mir-Rumanija fir-rigward tal-punti ta' riferiment li dan l-Istat Membru għandu jilħaq. Fir-rigward b'mod partikolari tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-rapporti, dawn huma fformulati bil-ħsieb li jintlaħqu dawn l-għanijiet u sabiex jiggwidaw ir-riformi tal-Istat Membru msemmi f'dan ir-rigward (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 175).

173 Fuq dan il-punt, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, sanċit fl-Artikolu 4(3) TUE, jirriżulta li l-Istati Membri huma obbligati li jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiġu ggarantiti l-portata u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll li jħassru l-konsegwenzi illegali ta' ksur ta' din il-liġi, u li tali obbligu jaqa', fil-qafas tas-setgħat tiegħu, fuq kull korp tal-Istat Membru kkonċernat (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 176 u l-ġurisprudenza ċċitata).

174 F'dawn il-kundizzjonijiet, sabiex tikkonforma mal-punti ta' riferiment stabbiliti fl-anness tad-Deċiżjoni 2006/928, ir-Rumanija għandha tieħu debitament inkunsiderazzjoni ir-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti mfassla mill-Kummissjoni taħt din id-deċiżjoni. B'mod partikolari, dan l-Istat Membru ma jistax jadotta jew iżomm miżuri fl-oqsma koperti mill-punti ta' riferiment li jipperikolaw li jikkompromettu r-riżultat li jippreskrivu. Fil-każ li l-Kummissjoni, f'tali rapport, tesprimi dubji dwar il-kompatibbiltà ta' miżura nazzjonali ma' wieħed mill-punti ta' riferiment, hija r-Rumanija li għandha tikkollabora bil-*bona fide* ma' din l-istituzzjoni sabiex tegħleb, filwaqt li tosserva bis-sħiħ dawn il-punti ta' riferiment u d-dispożizzjonijiet tat-Trattati, id-diffikultajiet li jitfaċċaw fir-rigward tat-twettiq tal-punti ta' riferiment imsemmija (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 177).

175 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawża C-379/19 għandha tkun li d-Deċiżjoni 2006/928 għandha, sakemm ma tkunx tħassret, torbot fl-intier tagħha għar-Rumanija. Il-punti ta' riferiment stabbiliti fl-anness tagħha għandhom l-għan li jiżguraw li dan l-Istat Membru jħares il-valur tal-Istat tad-dritt iddikjarat fl-Artikolu 2 TUE u għandhom natura vinkolanti għall-imsemmi Stat Membru, fis-sens li dan tal-aħħar huwa meħtieġ li jieħu l-miżuri xierqa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, filwaqt li jitqiesu debitament, taħt il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-deċiżjoni msemmija, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti msemmija.

*Fuq l-ewwel domanda fil-Kawżi C-357/19 u C-840/19 kif ukoll l-ewwel u r-raba' domandi fil-Kawża C-811/19*

176 Permezz tal-ewwel domanda fil-Kawżi C-357/19 u C-840/19 kif ukoll l-ewwel u r-raba' domandi fil-Kawża C-811/19, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn is-sentenzi fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT, li ma jkunux ngħataw, fl-ewwel istanza, minn kulleġġi ġudikanti speċjalizzati f'din il-kwistjoni jew, fl-appell, mill-kulleġġi ġudikanti li l-membri kollha tagħhom intgħażlu bix-xorti, huma assolutament nulli b'mod li l-kawżi ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT ikkonċernati għandhom, jekk meħtieġ wara rikors straordinarju kontra sentenzi finali, jiġu eżaminati mill-ġdid fl-ewwel u/jew fit-tieni istanza.

177 Preliminarjament, ta' min jinnota li l-qorti tar-rinviju f'dawn il-kawżi tenfasizza l-importanza tal-effetti li l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li toħroġ mis-sentenzi Nri 685/2018 u 417/2019, dwar il-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, jista' jkollha fuq l-effettività tal-prosekuzzjonijiet, tas-sanzjonijiet kif ukoll tal-eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet fi kwistjonijiet ta' reati ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT bħal dawk li għalihom huma suġġetti l-akkużati, li fosthom hemm persuni li kellhom l-ogħla pożizzjonijiet fl-Istat Rumen fiż-żmien tar-reati allegati. Għalhekk hija tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar il-kompatibbiltà ta' tali ġurisprudenza mad-dritt tal-Unjoni.

178 Għalkemm id-domandi li hija tagħmel f'dan ir-rigward formalment jirrigwardaw l-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF, mingħajr ma jirreferu għad-Deċiżjoni 2006/928, din l-aħħar deċiżjoni kif ukoll li l-punti ta' riferiment li jidhru fl-anness tagħha huma rilevanti għall-finijiet tar-risposta għal dawn id-domandi. Min-naħa l-oħra, għalkemm il-qorti tar-rinviju tirreferi wkoll, fid-domandi tagħha, għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u għad-Direttivi 2015/849 u 2017/1371, eżami li jkun jirrigwarda, barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar ma jidhirx meħtieġ għall-finijiet li jiġu ssodisfatti l-kwistjonijiet imqajma mid-domandi msemmija. Fir-rigward ta' dawn id-direttivi, għandu, barra minn hekk, jiġi rrilevat li l-perijodu rilevanti fil-kawżi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jiġi qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom.

179 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmija domandi għandhom jingħataw risposta fid-dawl kemm tal-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF, kif ukoll tad-Deċiżjoni 2006/928.

180 F'dan ir-rigward, kif tfakkar fil-punt 133 ta' din is-sentenza, fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, dan id-dritt ma jipprevedix regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri u, b'mod partikolari, il-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni u ta'

frodi. Għalhekk, dawn ir-regoli jaqgħu, bħala prinċipju, fil-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, dawn l-Istati huma meħtieġa, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, li josservaw l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni.

181 Fir-rigward tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 325(1) TFUE, din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri jiġġieldu l-frodi u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri dissważivi u effettivi (sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et*, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et*, C-310/16, EU:C:2019:30, punt 25).

182 F'dan il-kuntest, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, huma, b'mod partikolari, l-Istati Membri li għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw il-ġbir effettiv u sħiħ tar-riżorsi proprji, li huma d-dħul mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-bażi armonizzata tal-VAT (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2017, MAS u MB, C-42/17, EU:C:2017:936, punti 31 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et*, C-612/15, EU:C:2018:392, punti 51 u 52). Bl-istess mod, l-Istati Membri huma meħtieġa jadottaw miżuri effettivi biex jirkupraw is-somom imħallsa indebitament lill-benefiċjarju ta' sussidju iffinanzjat parzjalment mill-baġit tal-Unjoni (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2020, Úrad špeciálnej prokuratúry, C-603/19, EU:C:2020:774, punt 55).

183 Għalhekk, kif sostna l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punti 94 u 95 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawżi C-357/19 u C-547/19, il-kunċett ta' "interessi finanzjarji" tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 325(1) TFUE, jinkludi mhux biss id-dħul magħmul disponibbli għall-baġit tal-Unjoni iżda wkoll in-nefqa koperta minn dan il-baġit. Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji [tal-Unjoni]", li tidher fl-Artikolu 1(1)(a) u (b) tal-Konvenzjoni PIF u li tirrigwarda diversi atti jew ommissjonijiet intenzjonali kemm f'termini ta' nefqa kif ukoll ta' dħul.

184 Barra minn hekk, fir-rigward tal-espressjoni "attivitajiet illegali oħra", li tidher fl-Artikolu 325(1) TFUE, għandu jitfakkar li t-termini "attività illegali" normalment jindikaw imġiba li tmur kontra l-liġi filwaqt li d-determinant "oħra" jindika li din l-imġiba kollha, indifferentement, hija fil-mira. Barra minn hekk, fid-dawl tal-importanza li għandha tingħata lill-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li tikkostitwixxi għan ta' din tal-aħħar, dan il-kunċett ta' "attività illegali" ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv (sentenza tat-2 ta' Mejju 2018, Scialdone, C-574/15, EU:C:2018:295, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

185 Għalhekk, kif sostna l-Avukat Ġenerali, essenzjalment, fil-punt 100 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawżi C-357/19 u C-547/19, l-imsemmi kunċett ta' "attività illegali" ikopri b'mod partikolari kull att ta' korruzzjoni minn uffiċjali jew kull abbuż minnhom ta' servizz pubbliku, li jista' jagħmel ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, fil-forma, pereżempju, ta' ġbir indebitu tal-fondi tagħha. F'dan il-kuntest, ma jimpurtax li l-atti ta' korruzzjoni jirriżultaw f'att jew f'ommissjoni tal-uffiċjal ikkonċernat, inkunsiderazzjoni tal-fatt li ommissjoni tista' tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni daqs att u tkun intrinsikament marbuta ma' tali att, bħalma huma, pereżempju, l-ommissjoni ta' uffiċjal milli jwettaq il-kontrolli u l-verifiki meħtieġa għal nefqa koperta mill-baġit tal-Unjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' nefqa mhux xierqa jew skorretta tal-fondi tal-Unjoni.

186 Iċ-ċirkustanza li l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni PIF, moqri flimkien mal-Artikolu 1(1) ta' din il-konvenzjoni, jirreferi biss għall-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ma hijiex tali li tinvalida din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE, li t-termini tiegħu jirreferu

espressament għal "frodi u l-attivitajiet illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni". Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(a) tal-imsemmija konvenzjoni, il-miżapproprjazzjoni ta' fondi mill-baġit tal-Unjoni għal għanijiet oħra għajr dawk li għalihom inizjalment ingħataw tikkostitwixxi frodi, filwaqt li tali miżapproprjazzjoni tista' tkun ukoll l-oriġini jew ir-riżultat ta' att ta' korruzzjoni. Dan juri li atti ta' korruzzjoni jistgħu jkunu marbuta ma' każijiet ta' frodi u, bil-maqlub, it-twettiq ta' frodi jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' atti ta' korruzzjoni, sabiex dannu possibbli lill-interessi finanzjarji jista' jirriżulta, f'ċerti każijiet, mill-konġunzjoni ta' frodi tal-VAT u ta' atti ta' korruzzjoni. Kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 98 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawżi C-357/19 u C-547/19, l-eżistenza possibbli ta' tali rabta hija kkonfermata mill-Protokoll għall-Konvenzjoni PIF, li jkopri, taħt l-Artikoli 2 u 3 tiegħu, l-atti ta' korruzzjoni passiva u attiva.

187 Għandu jitfakkar ukoll li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li anki irregolaritajiet li ma għandhomx impatt finanzjarju preċiż jistgħu jaffettwaw serjament l-interessi finanzjarji tal-Unjoni (sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Chambre de commerce et d'industrie de l'Indre, C-465/10, EU:C:2011:867, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata). Konsegwentement, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 103 tal-konklużjonijiet tiegħu fil-Kawżi C-357/19 u C-547/19, l-Artikolu 325(1) TFUE jista' jkopri mhux biss atti li effettivament jikkawżaw telf ta' riżorsi proprji iżda wkoll it-tentattiv li jitwettqu tali atti.

188 F'dan il-kuntest, għandu jiżdied li, fir-rigward tar-Rumanija, l-obbligu li tiġi miġġielda l-korruzzjoni li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 325(1) TFUE, huwa ssupplimentat mill-impenji speċifiċi li dan l-Istat Membru aċċetta meta n-negozjati ta' adeżjoni ngħalqu fl-14 ta' Diċembru 2004. Fil-fatt, skont il-punt (4) tat-Taqsima I tal-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni, l-imsemmi Stat Membru impenja ruħu b'mod partikolari li "tiġi intensifikata konsiderevolment il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u partikolarment kontra l-korruzzjoni fi gradi għolja billi jiġu żgurati l-infurzar rigoruż tal-leġislazzjoni ta' kontra l-korruzzjoni". Dan l-impenn speċifiku ġie sussegwentement ikkonkretizzat bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2006/928, li stabbilixxiet punti ta' riferiment għall-fini li jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet ikkonstatati mill-Kummissjoni qabel l-adeżjoni tar-Rumanija fl-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Għalhekk, l-anness ta' din id-deċiżjoni, li fih huma stabbiliti dawn il-punti ta' riferiment, jimmira, fil-punt (3) tiegħu, lejn l-għan li "[t]ibni fuq il-progress li diġà sar, tkompli tagħmel investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġjani dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli", u fil-punt (4) tiegħu, l-għan li "[t]ieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fi ħdan il-gvern lokali".

189 Kif tfakkar fil-punt 169 ta' din is-sentenza, il-punti ta' riferiment li r-Rumanija għalhekk impenjat ruħha li tilħaq huma vinkolanti fuq dan l-Istat Membru, fis-sens li huwa suġġett għall-obbligu speċifiku li jilħaq dawn l-għanijiet u li jieħu l-miżuri xierqa biex jilħaqhom kemm jista' jkun malajr. Bl-istess mod, dan l-Istat Membru huwa obbligat li jastjeni milli jimplimenta kwalunkwe miżura li tista' tikkomprometti l-kisba ta' dawn l-istess għanijiet. Madankollu, l-obbligu li tiġi miġġielda b'mod effettiv il-korruzzjoni u, b'mod partikolari, il-korruzzjoni ta' livell għoli, li ġej mill-punti ta' riferiment stabbiliti fl-anness tad-Deċiżjoni 2006/928, moqrija flimkien mal-impenji speċifiċi tar-Rumanija, ma huwiex limitat biss għal każijiet ta' korruzzjoni li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

190 Barra minn hekk, minn naħa, mir-rekwiżiti tal-Artikolu 325(1) TFUE, li jirrikjedu l-ġlieda kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, minn dawk tad-Deċiżjoni 2006/928, li jeħtieġu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod

ġenerali, jirriżulta li r-Rumanija għandha tipprovdi għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi fil-każ ta' tali reati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et*, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 53).

191 F'dan ir-rigward, għalkemm dan l-Istat Membru għandu l-libertà li jagħżel is-sanzjonijiet applikabbli, li jistgħu jieħdu l-forma ta' sanzjonijiet amministrattivi, ta' sanzjonijiet kriminali jew taħlita tat-tnejn, huwa madankollu meħtieġ, skont l-Artikolu 325(1) TFUE, li jiżgura li r-reati ta' frodi serja u ta' korruzzjoni serja li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu punibbli b'sanzjonijiet kriminali ta' natura effettiva u dissważiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et*, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et*, C-310/16, EU:C:2019:30, punt 27). Barra minn hekk, fir-rigward tar-reati ta' korruzzjoni b'mod ġenerali, l-obbligu li jiġu previsti sanzjonijiet kriminali ta' natura effettiva u dissważiva jirriżulta, għar-Rumanija, mid-Deċiżjoni 2006/928, sa fejn, kif ġie rrilevat fil-punt 189 ta' din is-sentenza, din id-deċiżjoni tobbliga lill-imsemmi Stat Membru jiġġieled, b'mod effettiv u indipendentement minn kwalunkwe ħsara eventwali lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kontra l-korruzzjoni u, b'mod partikolari, kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli.

192 Hija wkoll ir-Rumanija li għandha tiżgura li r-regoli tagħha ta' dritt kriminali u ta' proċedura kriminali jippermettu repressjoni effettiva tar-reati ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u ta' korruzzjoni b'mod ġenerali. Għalhekk, għalkemm is-sanzjonijiet previsti u l-proċeduri kriminali istitwiti biex jiġu miġġielda dawn ir-reati jaqgħu taħt il-kompetenza ta' dan l-Istat Membru, din il-kompetenza hija limitata mhux biss mill-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ekwivalenza, imma wkoll mill-prinċipju ta' effettività, li jimponi li l-imsemmija sanzjonijiet ikunu effettivi u dissważivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Mejju 2018, Scialdone, C-574/15, EU:C:2018:295, punt 29, kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et*, C-310/16, EU:C:2019:30, punti 29 u 30). Dan ir-rekwiżit ta' effettività jestendi neċessarjament kemm għall-prosekuzzjoni u għas-sanzjonijiet tar-reati ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u ta' korruzzjoni b'mod ġenerali kif ukoll għall-applikazzjoni tal-pieni imposti, sa fejn, minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni effettiva tas-sanzjonijiet, dawn ma jistgħux ikunu ta' natura effettiva u dissważiva.

193 F'dan il-kuntest, hija primarjament ir-responsabbiltà tal-leġiżlatur nazzjonali li jieħu l-miżuri meħtieġa. Huwa għandu, jekk ikun meħtieġ, jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu u jiggarantixxi li s-sistema proċedurali applikabbli għall-prosekuzzjoni u għas-sanzjoni tar-reati ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif ukoll reati ta' korruzzjoni b'mod ġenerali ma tkunx imfassla b'tali mod li tippreżenta, għal raġunijiet inerenti għalih, riskju sistemiku ta' impunità għall-fatti li jikkostitwixxu tali reati, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni akkużati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et*, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 65, kif ukoll tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et*, C-310/16, EU:C:2019:30, punt 31).

194 Fir-rigward tal-qrati nazzjonali, huwa l-obbligu tagħhom li jagħtu effett sħiħ lill-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 325(1) TFUE kif ukoll mid-Deċiżjoni 2006/928 u li jħallu mhux applikati dispożizzjonijiet interni li, fil-kuntest ta' proċedura li tikkonċerna reati serji ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew reati ta' korruzzjoni b'mod ġenerali, jipprevjenu l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi għall-ġlieda kontra tali reati (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B., C-42/17, EU:C:2017:936, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata; tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et*, C-310/16, EU:C:2019:30, punt 32, kif ukoll tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 176, punti 249 u 251).

195 F'dan il-każ, mill-indikazzjonijiet mogħtija fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari fil-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19, miġbura fil-qosor fil-punti 60, 95 u 107 ta' din is-sentenza, jirriżulta li, bis-sentenza Nru 417/2019 tagħha mogħtija fit-3 ta' Lulju 2019 fuq riferiment tal-President tal-Kamra tad-Deputati, il-Qorti Kostituzzjonali ordnat li l-kawżi kollha li dwarhom il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet fl-ewwel istanza qabel it-23 ta' Jannar 2019 u li fihom id-deċiżjonijiet mogħtija mill-imsemmija qorti ma kinux saru finali fid-data ta' din is-sentenza jiġu eżaminati mill-ġdid minn kulleġġi speċjalizzati fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ikkostitwiti skont l-Artikolu 29(1) tal-Liġi Nru 78/2000, kif interpretata mill-Qorti Kostituzzjonali. Skont dawn l-istess indikazzjonijiet, it-tagħlim mis-sentenza Nru 417/2019 jimplika eżami mill-ġdid fl-ewwel istanza, b'mod partikolari, tal-kawżi kollha li kienu, fit-23 ta' Jannar 2019, pendenti fl-appell jew li fihom is-sentenza tal-appell setgħet, f'din l-istess data, xorta tkun is-suġġett ta' rikors straordinarju. Jirriżulta wkoll mill-imsemmija indikazzjonijiet li, fis-sentenza Nru 685/2018 tagħha, mogħtija fis-7 ta' Novembru 2018 b'riferiment mill-Prim Ministru, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-ħatra bix-xorti ta' erbgħa biss mill-ħames membri tal-kulleġġi ta' ħames imħallfin tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja li ddeċidiet fl-appell, kienet tmur kontra l-Artikolu 32 tal-Liġi Nru 304/2004 kif emendata, filwaqt li speċifikat li, mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha, din is-sentenza kienet applikabbli, b'mod partikolari, għall-kawżi pendenti għas-sentenza u għall-kawżi li dwarhom kienet iddeċidiet, sa fejn il-partijiet fil-kawża kienu għadhom fit-terminu għall-eżerċizzju tar-rimedji ġudizzjarji straordinarji xierqa, u li l-ġurisprudenza li tirriżulta minn din is-sentenza teħtieġ li dawn il-kawżi kollha ikunu s-suġġett ta' eżami mill-ġdid fl-appell minn kulleġġ ġudikanti fejn il-membri kollha tiegħu jiġu ddeterminati bix-xorti.

196 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 108 ta' din is-sentenza, il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi msemmija fil-punt preċedenti tista' tiġi applikata suċċessivament, li jista' jimplika, fir-rigward ta' akkużat f'sitwazzjoni bħal dik ta' NC, il-ħtieġa ta' eżami doppju tal-kawża fl-ewwel istanza u, eventwalment, eżami triplu fl-appell.

197 Għalhekk, il-ħtieġa li tirriżulta minn din il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li jiġu eżaminati mill-ġdid il-kawżi ta' korruzzjoni kkonċernati neċessarjament għandha neċessarjament l-effett li jiġu mtawla l-proċeduri kriminali korrispondenti. Issa, minbarra l-fatt li r-Rumanija kienet impenjat ruħha, kif jirriżulta mill-punt (5) tat-Taqsima I tal-Anness IX tal-Att ta' Adeżjoni, li "tiġi riveduta sa tmiem l-2005 il-proċedura kriminali protratta sabiex jiġi żgurat li każijiet ta' korruzzjoni jiġu trattati rapidament u b'mod trasparenti, sabiex jiġu żgurati sanzjonijiet adegwati b'effett deterrenti", il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, inkunsiderazzjoni tal-obbligi speċifiċi li jaqgħu fuq dan l-Istat Membru bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2006/928 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali f'din il-kwistjoni ma jistgħux ikollhom il-konsegwenza li jtawwlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reati ta' korruzzjoni jew li jdgħajfu b'xi mod ieħor il-ġlieda kontra l-korruzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 214).

198 Għandu jingħad ukoll li l-qorti tar-rinviju fil-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19 rreferiet mhux biss għall-kumplessità u għat-tul ta' tali eżami mill-ġdid quddiem il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja iżda wkoll għar-regoli nazzjonali ta' preskrizzjoni, b'mod partikolari għal dik stabbilita fl-Artikolu 155(4) tal-Kodiċi Kriminali, li tgħid li l-preskrizzjoni tinkiseb, irrispettivament min-numru ta' interruzzjonijiet, mhux iktar tard mill-jum li fih ikun għadda terminu ugwali għad-doppju tat-terminu legali ta' preskrizzjoni kkonċernat. Għalhekk hija tqis li l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi

Nri 685/2018 u 417/2019 tista', f'numru kunsiderevoli ta' każijiet, twassal għall-preskrizzjoni tar-reati, b'tali mod li tinvolvi riskju sistemiku ta' impunità għal reati serji ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ta' korruzzjoni b'mod ġenerali.

199 Fl-aħħar nett, skont l-indikazzjonijiet li jinsabu fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva biex tisma' kull reat ta' frodi li jista' jaffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u ta' korruzzjoni b'mod ġenerali, imwettaq minn persuni li jokkupaw l-ogħla pożizzjonijiet tal-Istat Rumen, fil-qafas tas-setgħat eżekuttivi, leġiżlattivi u ġudizzjarji.

200 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li riskju sistemiku ta' impunità ma jistax jiġi eskluż meta l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi Nri 685/2018 u 417/2019, flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-preskrizzjoni, għandha l-effett li tipprevjeni sanzjoni effettiva u dissważiva milli tiġi imposta fuq kategorija ddefinita sew ta' persuni, f'dan il-każ dawk li jokkupaw l-ogħla pożizzjonijiet fl-Istat Rumen u li jkunu nstabu ħatja li wettqu, fil-qadi ta' dmirijiethom, atti ta' frodi u/jew korruzzjoni serja b'sentenza fl-ewwel istanza u/jew fl-appell mill-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, b'din is-sentenza, madankollu, tkun is-suġġett ta' appell u/jew ta' rikors straordinarju quddiem l-istess qorti.

201 Fil-fatt, għalkemm limitati *ratione temporis*, dawn is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali huma partikolarment suxxettibbli li jkollhom impatt dirett u ġeneralizzat fuq din il-kategorija ta' persuni, peress li, billi jagħmlu tali sentenza ta' kundanna tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja assolutament nulla u billi jeżiġu eżami mill-ġdid tal-kawżi ta' frodi u/jew ta' korruzzjoni kkonċernati, is-sentenzi msemmija jista' jkollhom l-effett li jtawlu l-proċeduri kriminali korrispondenti lil hinn mit-termini ta' preskrizzjoni applikabbli, bir-riskju ta' impunità isir għalhekk sistemiku fir-rigward tal-kategorija ta' persuni msemmija.

202 Issa, tali riskju jpoġġi fid-dubju l-għan imfittex kemm mill-Artikolu 325(1) TFUE kif ukoll mid-Deċiżjoni 2006/928, li jikkonsisti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli permezz ta' sanzjonijiet effettivi u dissważivi.

203 Minn dan isegwi li, fil-każ li l-qorti tar-rinviju fil-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19 tasal għall-konklużjoni li l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi Nri 685/2018 u 417/2019, flimkien mal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-preskrizzjoni u b'mod partikolari t-terminu ta' preskrizzjoni assolut previst fl-Artikolu 155(4) tal-Kodiċi Kriminali, tinvolvi riskju sistemiku ta' impunità għal atti li jikkostitwixxu reati serji ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ta' korruzzjoni b'mod ġenerali, is-sanzjonijiet previsti mid-dritt nazzjonali biex jiġu miġġielda tali reati ma jkunux jistgħu jitqiesu li huma effettivi u dissważivi, ħaġa li hi inkompatibbli mal-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF, kif ukoll mad-Deċiżjoni 2006/928.

204 F'dan ir-rigward, sa fejn il-proċeduri kriminali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jikkostitwixxu implimentazzjoni tal-Artikolu 325(1) TFUE u/jew tad-Deċiżjoni 2006/928 u, għalhekk, tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, din il-qorti tar-rinviju għandha wkoll tiżgura li d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta lill-persuni kkonċernati fil-kawżi prinċipali, b'mod partikolari dawk iggarantiti fl-Artikolu 47 tagħha, jiġu rrispettati. Fil-qasam kriminali, ir-rispett ta' dawn id-drittijiet għandu jkun iggarantit mhux biss matul il-fażi tal-investigazzjoni preliminari, mill-mument li l-persuna kkonċernata tiġi akkużata, iżda wkoll waqt il-proċeduri

kriminali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2018, Kolev *et*, C-612/15, EU:C:2018:392, punt 68 u 71 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et*, C-310/16, EU:C:2019:30, punt 33) u fil-qasam tal-eżekuzzjoni tal-pieni.

205 F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tistabbilixxi d-dritt ta' kull persuna li jkollha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Billi teħtieġ li l-qorti tiġi "stabbilita minn qabel bil-liġi", din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiżgura li l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja tkun irregolata minn liġi adottata mis-setgħa leġiżlattiva b'mod konsistenti mar-regoli li jirregolaw l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha, sabiex jiġi evitat li din l-organizzazzjoni titħalla għad-diskrezzjoni tas-setgħa eżekuttiva. Dan ir-rekwiżit japplika għall-bażi legali tal-eżistenza stess tal-qorti kif ukoll għal kull dispożizzjoni oħra tad-dritt intern li n-nuqqas ta' osservanza tagħhom jagħmel irregolari l-parteċipazzjoni ta' imħallef wieħed jew iktar fl-eżami tal-kawża inkwistjoni, bħad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti (ara, b'analoġija, b'riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u HG vs Il-Kummissjoni, C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 73, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla tal-Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 129)).

206 Issa, għandu jiġi osservat li irregolarità mwettqa matul il-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti tikkostitwixxi ksur tal-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, b'mod partikolari meta din l-irregolarità tkun ta' natura u ta' gravità tali li toħloq riskju reali li fergħat oħra tal-poter, b'mod partikolari l-eżekuttiv, ikunu jistgħu jeżerċitaw setgħa diskrezzjonali mhux xierqa, li jipperikola l-integrità tar-riżultat li jwassal għalih il-proċess ta' kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti u għalhekk jitfgħu dubju leġittimu, fil-ħsieb ta' partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallef jew l-imħallfin ikkonċernati, li huwa l-każ meta jkunu inkwistjoni regoli fundamentali li jiffurmaw parti integrali mill-istabbiliment u l-funzjonament ta' din is-sistema ġudizzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u HG vs Il-Kummissjoni, C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 75, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla tal-Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 130).

207 F'din il-kawża, għalkemm il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet, fis-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li l-prattika preċedenti tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ibbażata b'mod partikolari fuq ir-regolament dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament amministrattiv, dwar l-ispeċjalizzazzjoni u l-kompożizzjoni tal-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni, ma kinitx konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, ma jidhirx li din il-prattika kienet ivvizzjata bi ksur manifest ta' regola fundamentali tas-sistema ġudizzjarja tar-Rumanija ta' natura li tpoġġi f'dubju n-natura tal-qorti "stabbilita minn qabel bil-liġi" tal-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, kif ikkostitwiti skont il-prassi msemmija qabel dawn is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali.

208 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 95 ta' din is-sentenza, fit-23 ta' Jannar 2019, il-kulleġġ tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja adotta deċiżjoni fejn il-kulleġġi ġudikanti kollha ta' tliet imħallfin ta' din tal-aħħar kienu speċjalizzati biex jisimgħu kawżi ta' korruzzjoni, deċiżjoni li, skont il-Qorti Kostituzzjonali, kienet tali li tevita l-inkostituzzjonalità biss mid-data tal-adozzjoni tagħha, iżda mhux għall-passat. Din id-deċiżjoni, kif interpretata mill-Qorti Kostituzzjonali, tindika li l-prattika preċedenti tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja dwar l-ispeċjalizzazzjoni ma tikkostitwixxix ksur manifest ta' regola fundamentali tas-sistema

ġudizzjarja tar-Rumanija, peress li r-rekwiżit ta' speċjalizzazzjoni li jirriżulta mis-sentenza Nru 417/2019 tal-Qorti Kostituzzjonali kien ikkunsidrat bħala ssodisfatt bis-sempliċi adozzjoni ta' att formali, bħad-deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2019, li sempliċement tikkonferma li l-imħallfin tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja li kienu parti mill-kulleġġi ġudikanti fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni kienu speċjalizzati f'dan il-qasam.

209 Barra minn hekk, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-Kawżi C-357/19, C-840/19 u C-811/19 minn dik li tat lok għas-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B (C-42/17, EU:C:2017:936), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, jekk il-qorti nazzjonali tikkunsidra li l-obbligu li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jitħallew mhux applikati jmur kontra l-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni, kif stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta, hija ma tkunx obbligata tosserva dan l-obbligu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2017, MAS u MB, C-42/17, EU:C:2017:936, punt 61). Min-naħa l-oħra, ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta ma jipprekludux li ma tiġix applikata l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi Nri 685/2018 u 417/2019 fil-Kawżi C-357/19 , C-840/19 u C-811/19.

210 Fir-risposta tagħha għal domanda magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-357/19, PM sostna li r-rekwiżit li s-sentenzi ta' appell fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni għandhom jingħataw minn kulleġġi ġudikanti fejn il-membri kollha jintgħażlu bix-xorti jikkostitwixxi standard nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Min-naħa tagħhom, il-Gvern Rumen u l-Kummissjoni jqisu, madankollu, li tali klassifikazzjoni hija żbaljata kemm fir-rigward ta' dan ir-rekwiżit kif ukoll ta' dak relatat mal-istabbiliment ta' kulleġġi speċjalizzat f'reati ta' korruzzjoni.

211 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, anki jekk wieħed jassumi li dawn ir-rekwiżiti jikkostitwixxu tali standard nazzjonali ta' protezzjoni, jibqa' l-fatt li, meta qorti ta' Stat Membru tintalab tivverifika l-konformità mad-drittijiet fundamentali ta' dispożizzjoni jew ta' miżura nazzjonali li, f'sitwazzjoni li fiha l-azzjoni tal-Istati Membri ma tkunx iddeterminata kompletament mid-dritt tal-Unjoni, timplimenta dan id-dritt fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, l-Artikolu 53 tal-Karta jikkonferma li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali jistgħu japplikaw standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, sakemm tali applikazzjoni ma tikkompromettix il-livell ta' protezzjoni previst mill-Karta, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, u lanqas is-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 29; tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60, kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2019, Pelham *et*, C-476/17, EU:C:2019:624, punt 80).

212 Issa, fil-każ li l-qorti tar-rinviju fil-Kawżi C-357/19, C-811/19 u C-840/19 tasal għall-konklużjoni msemmija fil-punt 203 ta' din is-sentenza, l-applikazzjoni tal-istandard nazzjonali ta' protezzjoni invokat minn PM, jekk wieħed jassumi li seħħ, tkun ta' natura li tikkomprometti s-supremazija, l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF, kif ukoll tad-Deċiżjoni 2006/928. Fil-fatt, f'din l-ipoteżi, l-applikazzjoni ta' dan l-istandard nazzjonali ta' protezzjoni tkun tinvolvi riskju sistemiku ta' impunità tal-fatti li jikkostitwixxu reati serji ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ta' korruzzjoni b'mod ġenerali, bi ksur tar-rekwiżit, li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet, li jiġu previsti sanzjonijiet effettivi u dissważivi sabiex jiġu miġġielda r-reati ta' din in-natura.

213 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda fil-Kawżi C-357/19 u C-840/19 kif ukoll għall-ewwel u r-raba' domandi fil-Kawża C-811/19 għandha tkun li l-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni PIF, kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali, skont liema s-sentenzi fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT li ma jkunux ngħataw, fl-ewwel istanza, minn kulleġġi ġudikanti speċjalizzati f'din il-materja jew, fl-appell, minn kulleġġi ġudikanti li l-membri kollha tagħhom inħatru bix-xorti, huma assolutament nulli b'mod li l-kawżi ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT ikkonċernati għandhom, jekk meħtieġ wara rikors straordinarju kontra sentenzi finali, jiġu eżaminati mill-ġdid fl-ewwel u/jew fit-tieni istanza, sa fejn l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni jew ta' din il-prattika nazzjonali hija ta' natura li toħloq riskju sistemiku ta' impunità għal fatti li jikkostitwixxu reati serji ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ta' korruzzjoni b'mod ġenerali. L-obbligu li jiġi żgurat li tali reati jkunu s-suġġett ta' sanzjonijiet kriminali ta' natura effettiva u dissważiva ma jeżentax lill-qorti tar-rinviju milli tivverifika r-rispett meħtieġ tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikolu 47 tal-Karta, mingħajr ma din il-qorti tkun tista' tapplika standard nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li jinvolvi tali riskju sistemiku ta' impunità.

*Fuq it-tieni u t-tielet domandi fil-Kawżi C-357/19, C-379/19, C-811/19 u C-840/19 kif ukoll id-domanda unika fil-Kawża C-547/19*

214 Permezz tat-tieni u t-tielet domandi fil-Kawżi C-357/19, C-379/19, C-811/19 u C-840/19 kif ukoll permezz tad-domanda unika fil-Kawża C-547/19, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qrati tar-rinviju jistaqsu, essenzjalment, jekk, minn naħa, l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928 u, min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni flimkien mal-imsemmija dispożizzjonijiet u l-Artikolu 325(1) TFUE, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn il-qrati ordinarji huma marbuta bid-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali u ma jistgħux, għalhekk u bil-konsegwenza ta' twettiq ta' ksur dixxiplinari, iħallu mhux applikata, bl-awtorità tagħhom stess, il-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn id-deċiżjonijiet, filwaqt li huma jqisu, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din il-ġurisprudenza hija kuntrarja għall-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

– *Fuq il-garanzija tal-indipendenza ġudizzjarja*

215 Il-qrati tar-rinviju jqisu li l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali tista' tpoġġi fid-dubju l-indipendenza tagħhom u hija, għalhekk, inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-garanziji previsti fl-Artikolu 2 u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll fl-Artikolu 47 tal-Karta u mad-Deċiżjoni 2006/928. F'dan ir-rigward, huma jqisu li l-Qorti Kostituzzjonali, li ma hijiex parti mis-sistema ġudizzjarja Rumena, qabżet il-kompetenzi tagħha meta tat is-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali u indaħlet f'dawk tal-qrati ordinarji, li huwa li jinterpretaw u japplikaw leġiżlazzjoni infrakostituzzjonali. Il-qrati tar-rinviju jindikaw ukoll li n-nuqqas ta' osservanza tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali jikkostitwixxi fid-dritt Rumen ksur dixxiplinari, b'tali mod li jistaqsu, essenzjalment, dwar jekk jistgħux, taħt id-dritt tal-Unjoni, iħallu mhux applikati dawn is-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali mingħajr il-biża' li jkunu s-suġġett ta' proċeduri dixxiplinari.

216 F'dan ir-rigward, kif tfakkar fil-punt 133 ta' din is-sentenza, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri, inkluż it-twaqqif, il-kompożizzjoni u l-funzjonament ta' qorti kostituzzjonali, taqa' taħt il-kompetenza ta' dawn tal-aħħar, madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, huma marbuta li josservaw l-obbligi li jirriżultaw, għalihom, mid-dritt tal-Unjoni.

217 L-Artikolu 19 TUE, li jikkonkretizza l-valur tal-Istat tad-dritt affermat fl-Artikolu 2 TUE, jafda lill-qrati nazzjonali u lill-Qorti tal-Ġustizzja bil-kompitu li jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja li l-partijiet fil-kawża jisiltu minn dan id-dritt (sentenzi tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji), C-192/18, EU:C:2019:924, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra ta' Mħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punt 108).

218 B'mod partikolari, kif ikkonfermat mill-premessa 3 tad-Deċiżjoni 2006/928, il-valur tal-Istat tad-dritt "jimplika għall-Istati Membri kollha l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja u amministrattiva imparzjali, indipendenti w effettiva mgħammra b'mod xieraq, *inter alia*, sabiex tiġġieled il-korruzzjoni".

219 L-eżistenza stess ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv intiż sabiex jiżgura l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni hija inerenti fi Stat tad-dritt. Bħala tali, u kif iddikjarat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, huma l-Istati Membri li għandhom jipprovdu għal sistema ta' rimedji u proċeduri ġudizzjarji li jiżguraw lill-partijiet fil-kawża r-rispett tad-dritt tagħhom għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, li għalih jirreferi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, li ġie sanċit fl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB u li issa huwa affermat fl-Artikolu 47 tal-Karta (sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 189 u 190 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

220 Minn dan isegwi li, bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-korpi li huma msejħa, bħala "qorti" fis-sens iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, jiddeċiedu fuq kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan id-dritt u li għalhekk jaqgħu fis-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tiegħu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, filwaqt li jiġi speċifikat li din id-dispożizzjoni tkopri "oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni", irrispettivament mis-sitwazzjoni li fiha l-Istati Membri jimplimentaw dan id-dritt, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji), C-192/18, EU:C:2019:924, punti 101 u 103 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-20 ta' April 2021, Repubblika, C-896/19, EU:C:2021:311, punti 36 u 37, kif ukoll is-sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 191 u 192).

221 Issa, sabiex jiġi ggarantit li korpi li jistgħu jintalbu jiddeċiedu dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkunu f'pożizzjoni li jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva meħtieġa mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-preservazzjoni tal-indipendenza tagħhom hija essenzjali, kif ikkonfermat mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jsemmi l-aċċess għal qorti "indipendenti" fost ir-rekwiżiti marbuta mad-dritt fundamentali għal rimedju effettiv (sentenzi tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra ta'

Mħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 194)).

222 Dan ir-rekwiżit ta' indipendenza ġudizzjarja, li huwa inerenti għall-kompitu ta' għoti ta' deċiżjoni, jaqa' taħt il-kontenut essenzjali tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li huwa ta' importanza kardinali bħala garanti tal-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi fil-kawża jieħdu mid-dritt tal-Unjoni u mill-preservazzjoni tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari l-valur tal-istat tad-dritt (sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra ta' Mħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punt 116 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

223 Bl-istess mod, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 3 tad-Deċiżjoni 2006/928 u mill-punti ta' riferiment imsemmija fil-punti (1) sa (3) tal-anness ta' din id-deċiżjoni, l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja imparzjali, indipendenti u effiċjenti għandha importanza partikolari fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, speċjalment korruzzjoni ta' livell għoli.

224 Issa, ir-rekwiżit ta' indipendenza ġudizzjarja, li jirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, għandu żewġ aspetti. L-ewwel aspett, ta' natura esterna, jeħtieġ li l-korp ikkonċernat jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu f'awtonomija sħiħa, mingħajr ma jkun suġġett għal ebda rabta ġerarkika jew subordinazzjoni fir-rigward ta' xi ħadd u mingħajr ma jirċievi ordnijiet jew struzzjonijiet minn kwalunkwe oriġini, u għalhekk ikun protett mill-interventi jew il-pressjonijiet esterni li jistgħu jimminaw l-indipendenza tal-ġudizzju tal-membri tiegħu u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom. It-tieni aspett, ta' natura interna, jorbot mal-kunċett ta' imparzjalità u jfittex distanza ugwali mill-partijiet fit-tilwima u l-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett tat-tilwima. Dan l-aħħar aspett jirrikjedi l-osservanza tal-oġġettività u n-nuqqas ta' kull interess fis-soluzzjoni tat-tilwima apparti l-applikazzjoni stretta tar-regola tad-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 121 u 122 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

225 Dawn il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità meħtieġa mid-dritt tal-Unjoni jeħtieġu l-eżistenza ta' regoli li jippermettu li jitneħħa kull dubju leġittimu, fil-ħsieb tal-partijiet fil-kawża, dwar l-impermeabilità tal-proċeduri involuti fir-rigward ta' elementi esterni u n-newtralità tagħha fir-rigward ta' interessi konkorrenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson, C-506/04, EU:C:2006:587, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 196, kif ukoll tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

226 F'dan ir-rigward, huwa importanti li l-imħallfin ikunu ħielsa minn indħil jew minn pressjonijiet esterni li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tagħhom. Ir-regoli applikabbli għall-istatus tal-imħallfin u għall-eżerċizzju minnhom tal-funzjonijiet tagħhom għandhom, b'mod partikolari, jippermettu li tiġi eskluża mhux biss kull influwenza diretta, fil-forma ta' struzzjonijiet, iżda wkoll il-forom iktar indiretti ta' influwenza li jistgħu jorjentaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati, u għalhekk jiġi eliminat in-nuqqas ta' dehra ta' indipendenza jew ta' imparzjalità ta' dawn tal-aħħar li x'aktarx idgħajjef il-fiduċja li l-ġustizzja trid tispira fil-partijiet fil-kawżi f'soċjetà

demokratika u fi Stat tad-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra ta' Mħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punti 119 u 139 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

227 B'mod iktar partikolari fir-rigward tar-regoli li jirregolaw is-sistema dixxiplinari, ir-rekwiżit ta' indipendenza jeħtieġ, skont ġurisprudenza stabbilita, li din is-sistema jkollha l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li tali sistema tintuża bħala waħda ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Għal dan l-għan, jidher essenzjali li l-fatt li deċiżjoni ġudizzjarja jkun fiha żball eventwali fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, jew fil-kunsiderazzjoni tal-fatti u fl-evalwazzjoni tal-provi, ma jistax, fih innifsu, iwassal għar-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallef ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 198 u 234, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punti 134 u 138)). Il-fatt li huma ma jkunux esposti għal proċeduri jew sanzjonijiet dixxiplinari talli jkunu eżerċitaw il-fakultà li jadixxu l-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE jikkostitwixxi wkoll garanzija inerenti tal-indipendenza ġudizzjarja nazzjonali, liema fakultà taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov, C-614/14, EU:C:2016:514, punti 17 u 25; tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny, C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 59 kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punt 91).

228 Barra minn hekk, skont il-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri li jikkaratterizza l-funzjonament ta' Stat tad-dritt, l-indipendenza ġudizzjarja għandha b'mod partikolari tiġi ggarantita fir-rigward tas-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi (sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 124 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra ta' Mħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punt 118).

229 Issa, għalkemm la l-Artikolu 2, la t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, u lanqas kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni ma jimponu fuq l-Istati Membri mudell kostituzzjonali preċiż li jirregola r-relazzjonijiet u l-interazzjoni bejn id-diversi setgħat tal-Istat, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni u d-delimitazzjoni tal-kompetenzi tagħhom, dawn l-Istati Membri għandhom madankollu josservaw, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti tal-indipendenza ġudizzjarja li jirriżultaw minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-KEDB, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 130).

230 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928 ma jipprekludux leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li skont din id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jorbtu lill-qrati ordinarji, sakemm id-dritt nazzjonali jiggarantixxi l-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fir-rigward b'mod partikolari tas-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi, kif jeħtiġilha minn dawn id-dispożizzjonijiet. Min-naħa l-oħra, jekk id-dritt nazzjonali ma jiggarantixxix din l-indipendenza, dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jipprekludu tali leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali, peress li tali Qorti Kostituzzjonali ma tkunx tista' tiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva meħtieġa mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.

231 F'dan il-każ, id-domandi mqajma mill-qrati tar-rinviju fir-rigward tar-rekwiżit ta' indipendenza ġudizzjarja li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jirrigwardaw, minn naħa, sensiela ta' aspetti relatati mal-istatut, il-kompożizzjoni u l-funzjonament tal-Qorti Kostituzzjonali li tat is-sentenzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali. B'mod partikolari, dawn il-qrati jirrilevaw li, skont il-Kostituzzjoni Rumena, din ma hijiex parti mis-sistema ġudizzjarja, li l-membri tagħha huma maħtura minn korpi li jaqgħu taħt is-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi li huma awtorizzati wkoll li jadixxuha, jew ukoll li kienet eċċediet il-kompetenzi tagħha u tat interpretazzjoni arbitrarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

232 Fir-rigward taċ-ċirkustanza li, skont il-Kostituzzjoni Rumena, il-Qorti Kostituzzjonali ma tifformax parti mis-sistema ġudizzjarja, ġie mfakkar fil-punt 229 ta' din is-sentenza li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq l-Istati Membri mudell kostituzzjonali preċiż li jirregola r-relazzjonijiet u l-interazzjoni bejn id-diversi setgħat tal-Istat, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni u d-delimitazzjoni tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi speċifikat li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix it-twaqqif ta' Qorti Kostituzzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha jorbtu lill-qrati ordinarji, sakemm din tosserva r-rekwiżiti ta' indipendenza msemmija fil-punti 224 sa 230 ta' din is-sentenza. Issa, ma toħroġ ebda prova mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari li tissuġġerixxi li l-Qorti Kostituzzjonali, li għandha r-rwol, b'mod partikolari, li tistħarreġ il-kostituzzjonalità tal-liġijiet u tad-digrieti kif ukoll li tiddeċiedi dwar il-kunflitti legali ta' natura kostituzzjonali bejn l-awtoritajiet pubbliċi, skont l-Artikolu 146(d) u (e) tal-Kostituzzjoni Rumena, ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

233 Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ħatra tal-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li s-sempliċi fatt li l-imħallfin ikkonċernati huma, kif inhu l-każ tal-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali taħt l-Artikolu 142(3) tal-Kostituzzjoni Rumena, maħtura mis-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi, ma huwiex tali li joħloq dipendenza ta' dawn l-imħallfin fir-rigward tal-imsemmija setgħat u lanqas li jagħti lok għal dubji dwar l-imparzjalità tagħhom, jekk, ladarba jinħatru, il-persuni kkonċernati ma jkunu suġġetti għall-ebda pressjoni u ma jirċievux struzzjonijiet fil-qadi ta' dmirijiethom (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 133 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

234 Filwaqt li jista', ovvjament, ikun meħtieġ li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet ta' ħatra jkunu tali li ma jistgħux iqajmu, fil-ħsieb tal-partijiet fil-kawża, dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward ta' elementi esterni u n-newtralità tagħhom fir-rigward tal-interessi konfliġġenti, ladarba l-partijiet ikkonċernati jkunu nħatru, u filwaqt li huwa rilevanti, b'mod partikolari, għal dan l-għan, li l-imsemmija kundizzjonijiet u modalitajiet ikunu mfassla b'mod li jissodisfaw ir-rekwiżiti mfakkra fil-punt 226 ta' din is-sentenza (sentenza tat-2 ta' Marzu 2021, A. B. *et* (Ħatra ta' Mħallfin fil-Qorti Suprema – Rikors), C-824/18, EU:C:2021:153, punt 123 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), l-informazzjoni li tidher fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari ma turix li l-kundizzjonijiet li taħthom saru l-ħatriet tal-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali li adottaw is-sentenzi fil-kawżi prinċipali injoraw l-imsemmija rekwiżiti.

235 Ta' min jinnota, barra minn hekk, li, skont din l-istess informazzjoni, il-Kostituzzjoni Rumena tipprovdi, fl-Artikolu 142(2) tagħha, li l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali huma "maħtura għal mandat ta' disa' snin li ma jistax jiġi estiż u lanqas imġedded", u tispeċifika, fl-Artikolu 145 tagħha, li dawn l-imħallfin għandhom ikunu "indipendenti fl-eżerċizzju tal-kariga tagħhom u għandhom ikunu irremovabbli tul il-mandat". Barra minn hekk, l-Artikolu 143 tal-kostituzzjoni

imsemmija jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-ħatra tal-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali billi jeżiġi, għal dan l-għan, li dawn ikollhom "kwalifiki legali eċċellenti, livell għoli ta' kompetenza professjonali u mill-inqas 18-il sena ta' esperjenza fix-xogħol legali jew fl-edukazzjoni legali ogħla", filwaqt li l-Artikolu 144 tal-istess kostituzzjoni jistabbilixxi l-prinċipju tal-inkompatibbiltà tal-funzjoni ta' imħallef tal-Qorti Kostituzzjonali "ma' kwalunkwe kariga pubblika jew privata oħra, bl-eċċezzjoni tal-funzjonijiet pedagoġiċi ta' edukazzjoni legali ogħla".

236 Għandu jingħad ukoll, f'dan il-każ, li ċ-ċirkustanza li l-Qorti Kostituzzjonali tista' tiġi adita minn korpi li jaqgħu taħt is-setgħat eżekuttivi u leġiżlattivi hija marbuta man-natura u mal-funzjoni ta' qorti stabbilita sabiex tiddeċiedi fuq tilwim ta' natura kostituzzjonali u, waħedha u fiha nnifisha, ma tikkostitwixxix element li jagħmilha possibbli li titqiegħed f'dubju l-indipendenza tagħha fir-rigward ta' dawn is-setgħat.

237 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Kostituzzjonali ma operatx b'mod indipendenti u imparzjali fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, l-unika ċirkustanza invokata mill-qrati tar-rinviju, li l-Qorti Kostituzzjonali kienet qabżet il-kompetenzi tagħha għad-detriment tal-awtorità ġudizzjarja Rumena u tat interpretazzjoni arbitrarja tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, jekk wieħed jassumi li dan seħħ, ma hijiex tali li tistabbilixxi li l-Qorti Kostituzzjonali ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità, imfakkra fil-punti 224 sa 230 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, it-talbiet għal deċiżjoni preliminari ma fihom ebda element ieħor iddettaljat li juri li dawn is-sentenzi ngħataw f'kuntest li wassal għal dubju leġittimu dwar l-osservanza sħiħa mill-Qorti Kostituzzjonali ta' dawn ir-rekwiżiti.

238 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tar-responsabbiltà dixxiplinari li għaliha l-imħallfin ordinarji jistgħu jkunu suġġetti, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, fil-każ li jiġu injorati d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, huwa minnu li s-salvagwardja tal-indipendenza tal-qrati ma tistax, b'mod partikolari, ikollha l-konsegwenza li teskludi għal kollox il-possibbiltà li r-responsabbiltà dixxiplinari ta' imħallef, f'ċerti każijiet pjuttost eċċezzjonali, tinħoloq bħala riżultat ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji adottati minn dan tal-aħħar. Fil-fatt, tali rekwiżit ta' indipendenza huwa ċar li ma huwiex intiż biex japprova kwalunkwe aġir gravi u totalment ineskużabbli min-naħa tal-imħallfin, li, pereżempju, deliberatament u b'*mala fide*, jew minħabba negliġenza partikolarment serja u gravi, jinjoraw ir-regoli tad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni li huma suppost jiżguraw il-konformità magħhom, jew ikunu arbitrarji jew inġusti, meta jkunu mitluba, bħala depożitarji tal-funzjoni li jingħata ġudizzju, li jiddeċiedu dwar it-tilwim sottomess lilhom minn partijiet fil-kawża (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 137).

239 Madankollu, jidher essenzjali, għall-finijiet li tiġi ppreservata l-indipendenza tal-qrati u għalhekk jiġi evitat li s-sistema dixxiplinari tkun tiġi ddevjata mill-għanijiet leġittimi tagħha u użata għal finijiet ta' kontroll politiku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji jew ta' pressjoni fuq l-imħallfin, li l-fatt li deċiżjoni ġudizzjarja fiha żball possibbli fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, jew fil-kunsiderazzjoni tal-fatti u fl-evalwazzjoni tal-provi, ma jistax, waħdu, iwassal għar-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallef kkonċernat (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 138 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

240 Għaldaqstant, huwa importanti li l-applikazzjoni tar-responsabbiltà dixxiplinarja ta' imħallef bħala riżultat ta' deċiżjoni ġudizzjarja tkun limitata għal każijiet pjuttost eċċezzjonali, bħal dawk imsemmija fil-punt 238 ta' din is-sentenza, u limitata, f'dan ir-rigward, bi kriterji oġġettivi u verifikabbli, ibbażati fuq rekwiżiti tal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, kif ukoll b'garanziji

mmirati biex jiġi evitat kull riskju ta' pressjoni esterna fuq il-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u għalhekk ikun possibbli li jiġi eskluż, fil-ħsieb tal-partijiet fil-kawża, kwalunkwe dubju leġittimu dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati u n-newtralità tagħhom fir-rigward tal-interessi konfliġġenti (sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari tal-imħallfin), C-791/19, EU:C:2021:596, punt 139 u l-ġurisprudenza ċċitata).

241 F'dan il-każ, l-informazzjoni mogħtija fit-talbiet għal deċiżjoni preliminari ma turix li r-responsabbiltà dixxiplinari tal-imħallfin ta' qrati ordinarji nazzjonali minħabba n-nuqqas ta' osservanza tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, prevista fl-Artikolu 99(ș) tal-Liġi Nru 303/2004, li l-kliem tagħha ma fih l-ebda kundizzjoni oħra, hija limitata għall-każijiet kompletament eċċezzjonali msemmija fil-punt 238 ta' din is-sentenza, kuntrarjament għall-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 239 u 240 ta' din is-sentenza.

242 Minn dan isegwi li l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jorbtu lill-qrati ordinarji, sakemm id-dritt nazzjonali jiggarantixxi l-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fir-rigward b'mod partikolari tas-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi, kif jeħtiġilha minn dawn id-dispożizzjonijiet. Min-naħa l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u d-deċiżjoni msemmija għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali fejn kull nuqqas ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali mill-imħallfin nazzjonali tad-dritt ordinarju huwa ta' natura li joħloq ir-responsabbiltà dixxiplinari tagħhom.

243 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fil-kawżi fejn il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkostitwixxi implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, eżami separat tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jista' biss jikkorrobora l-konklużjoni diġà esposta fil-punt preċedenti, ma jidhirx meħtieġ għall-finijiet tar-risposta għad-domandi tal-qrati tar-rinviju u s-soluzzjoni tat-tilwim li bih huma aditi.

– *Fuq is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni*

244 Il-qrati tar-rinviju josservaw li l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, li fir-rigward tagħha huma għandhom dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni, għandha, skont l-Artikolu 147(4) tal-Kostituzzjoni Rumena, natura obbligatorja u għandha tiġi osservata mill-qrati nazzjonali, bil-konsegwenza għall-membri tagħhom li jingħataw sanzjoni dixxiplinari bis-saħħa tal-Artikolu 99(ș), tal-Liġi Nru 303/2004. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huma jridu jkunu jafu jekk il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jipprekludix tali leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali u jawtorizzax qorti nazzjonali li tħalli ġurisprudenza ta' din in-natura mhux applikata, mingħajr ma l-membri tagħha jkunu esposti għar-riskju li jkunu suġġetti għal sanzjoni dixxiplinari.

245 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-ġurisprudenza kostanti tagħha dwar it-Trattat KEE, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li t-Trattati Komunitarji, b'differenza għat-trattati internazzjonali ordinarji, stabbilixxew ordinament ġuridiku speċifiku ġdid, integrat fis-sistema legali tal-Istati Membri meta daħlu fis-seħħ it-Trattati u li jorbot lill-qrati tagħhom. Dan l-ordinament ġuridiku l-ġdid, li għall-benefiċċju tiegħu l-Istati Membri llimitaw, fl-oqsma ddefiniti mit-Trattati, id-drittijiet sovrani tagħhom u li s-suġġetti tagħhom ma humiex biss l-Istati Membri, iżda wkoll iċ-ċittadini tagħhom, għandu l-istituzzjonijiet tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Frar 1963, van Gend & Loos, 26/62, EU:C:1963:1, p. 23, u tal-15 ta' Lulju 1964, Costa, 6/64, EU:C:1964:66, p. 1158 u 1159).

246 Għalhekk, fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 1964, Costa (6/64, EU:C:1964:66, p. 1158 sa 1160), il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt Komunitarju, mifhum bħala li jinkludi l-preeminenza ta' dan id-dritt fuq id-dritt tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, hija kkonstatat li l-istabbiliment mit-Trattat KEE ta' ordinament ġuridiku tagħha, aċċettat mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' reċiproċità, għandu bħala korollarju li ma jistgħux iħallu li tipprevali miżura unilaterali sussegwenti kontra dan l-ordinament ġuridiku, u lanqas jopponu għad-dritt imnissel mit-Trattat KEE b'regoli tad-dritt nazzjonali jkunu li jkunu, mingħajr ma jtellfu lil dan id-dritt in-natura Komunitarja tiegħu u mingħajr ma jpoġġu fid-dubju l-bażi legali tal-Komunità nnifisha. Barra minn hekk, il-forza eżekuttiva tad-dritt Komunitarju ma tistax tvarja minn Stat Membru għall-ieħor favur leġiżlazzjonijiet interni sussegwenti, mingħajr ma tiġi pperikolata l-kisba tal-għanijiet tat-Trattat KEE, u lanqas tiġi pprovokata diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità pprojbita minn dan it-Trattat.

247 Fil-punt 21 tal-Opinjoni 1/91 tagħha (Ftehim ŻEE – I) tal-14 ta' Diċembru 1991 (EU:C:1991:490), il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ikkunsidrat li, għalkemm konkluż fil-forma ta' ftehim internazzjonali, it-Trattat KEE jikkostitwixxi l-karta kostituzzjonali ta' komunità ta' dritt u li l-karatteristiċi essenzjali tal-ordinament ġuridiku Komunitarju hekk ikkostitwit huma, b'mod partikolari, is-supremazija tiegħu fuq id-dritt tal-Istati Membri kif ukoll l-effett dirett ta' sensiela sħiħa ta' dispożizzjonijiet applikabbli għaċ-ċittadini tagħhom u għalihom innifishom.

248 Dawn il-karatteristiċi essenzjali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u l-importanza tar-rispett dovut lilu ġew, barra minn hekk, ikkonfermati mir-ratifika, mingħajr riżervi, tat-trattati li jemendaw it-Trattat KEE u, b'mod partikolari, tat-Trattat ta' Lisbona. Fil-fatt, meta adottat dan it-trattat, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri xtaqet tfakkar espressament, fid-Dikjarazzjoni Nru 17 tagħha dwar il-Primat, annessa mal-att finali tal-Konferenza Intergovernementali li adottat it-Trattat ta' Lisbona (ĠU 2012, C 326, p. 346), li, skont ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-Trattati u d-dritt adottat mill-Unjoni fuq il-bażi tat-Trattati jieħdu preċedenza fuq id-dritt tal-Istati Membri, fil-kundizzjonijiet iddefiniti minn din il-ġurisprudenza.

249 Għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 4(2) TUE jipprovdi li l-Unjoni tosserva l-ugwaljanza tal-Istati Membri quddiem it-Trattati. Issa, l-Unjoni tista' tosserva tali ugwaljanza biss jekk l-Istati Membri ma jkunux jistgħu, bis-saħħa tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, jinfurzaw, kontra l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, miżura unilaterali, tkun xi tkun.

250 Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, b'mod konsistenti, il-ġurisprudenza preċedenti dwar il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, prinċipju li jobbliga lill-korpi kollha fl-Istati Membri li jagħtu l-effett sħiħ tagħhom lid-diversi regoli tal-Unjoni, billi d-dritt tal-Istati Membri ma jistax jaffettwa l-effett irrikonoxxut lil dawn id-diversi regoli fuq it-territorju tal-imsemmija Stati (sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 244 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla tal-Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 156, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

251 Għalhekk, bis-saħħa tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-fatt li Stat Membru jinvoka dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, anki jekk huma ta' natura kostituzzjonali, ma jistax jippreġudika l-unità u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita sew, l-effetti marbuta mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jorbtu lill-korpi kollha ta'

Stat Membru, mingħajr, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet interni, inklużi ta' natura kostituzzjonali, ma jkunu jistgħu jkunu ta' ostakolu (sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 245 u l-ġurisprudenza ċċitata; tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla tal-Kontroll Straordinarju u tal-Affarijiet Pubbliċi tal-Qorti Suprema – Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 157, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

252 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, b'mod partikolari, li l-prinċipju ta' supremazija jimponi fuq il-qorti nazzjonali inkarigata li tapplika, fil-qafas tal-ġurisdizzjoni tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni l-obbligu, fin-nuqqas li tkun tista' tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali skont ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, li tiżgura l-effett sħiħ tar-rekwiżiti ta' dan id-dritt fit-tilwima li hija adita biha filwaqt li tħalli mhux applikati, jekk meħtieġ, fuq l-awtorità tagħha stess, kwalunkwe leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali, anki sussegwenti, li hija kuntrarja għal dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha effett dirett, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna l-eliminazzjoni minn qabel ta' din il-leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali b'mezzi leġiżlattivi jew bi kwalunkwe proċess kostituzzjonali ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 247 u 248, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punt 80).

253 Issa, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija f'dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari, għandu jitfakkar li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE kif ukoll il-punti ta' riferiment stabbiliti fl-anness tad-Deċiżjoni 2006/928 huma fformulati f'termini ċari u preċiżi u ma huma suġġetti għall-ebda kundizzjoni, biex għalhekk għandhom effett dirett (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B., C-42/17, EU:C:2017:936, punti 38 u 39, kif ukoll tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et*, C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punti 249 u 250).

254 F'dan il-kuntest, għandu jiġi speċifikat li, skont l-Artikolu 19 TUE, għalkemm huma l-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja li għandhom jiggarantixxu l-applikazzjoni sħiħa tad-dritt tal-Unjoni fl-Istati Membri kollha kif ukoll il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva li l-partijiet fil-kawża jisiltu minn dan id-dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva biex tipprovdi l-interpretazzjoni finali tal-imsemmi dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, ir-Repubblika tal-Moldova, C-741/19, EU:C:2021:655, punt 45). Issa, fl-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni, fl-aħħar mill-aħħar hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tispeċifika l-portata tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan id-dritt, b'din il-portata ma tkunx tista' tiddependi mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, u lanqas mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni adottata minn qorti nazzjonali, li ma tikkorrispondix ma' dik tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għal dan l-għan, il-proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari prevista fl-Artikolu 267 TFUE, li tikkostitwixxi l-qofol tas-sistema ġudizzjarja stabbilita mit-Trattati, tistabbilixxi djalogu bejn imħallef u ieħor bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri bl-għan li tiġi żgurata l-unità ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, biex għalhekk jiġu żgurati l-koerenza, l-effett sħiħ u l-awtonomija tiegħu kif ukoll, fl-aħħar mill-aħħar, in-natura speċifika tal-dritt stabbilit mit-Trattati (sentenzi tas-6 ta' Marzu 2018, Achmea, C-284/16, EU:C:2018:158, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2021, Consorzio Italian Management u Catania Multiservizi, C-561/19, EU:C:2021:799, punt 27).

255 F'dan il-każ, il-qrati tar-rinviju josservaw li, bis-saħħa tal-Kostituzzjoni Rumena, huma marbuta bil-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u ma jistgħux, bil-konsegwenza li l-membri tagħhom jiġu esposti għar-riskju ta' proċeduri jew sanzjonijiet dixxiplinari, iħallu din il-ġurisprudenza mhux applikata, anki jekk iqisu, fid-dawl ta' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisprudenza msemmija tmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

256 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja torbot lill-qorti nazzjonali, fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' April 2016, PFE, C-689/13, EU:C:2016:199, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

257 Għalhekk, il-qorti tar-rinviju li eżerċitat il-fakultà jew ikkonformat mal-obbligu li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE ma tistax tiġi prekluża milli tagħti, immedjatament, lid-dritt tal-Unjoni applikazzjoni konformi mad-deċiżjoni jew mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bil-konsegwenza li jitnaqqas l-effett utli ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal, 106/77, EU:C:1978:49, punt 20, u tal-5 ta' April 2016, PFE, C-689/13, EU:C:2016:199 punt 39). Għandu jingħad ukoll li s-setgħa li jsir, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li huwa meħtieġ biex titwarrab leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li tista' tikkostitwixxi ostakolu għall-effettività sħiħa tal-istandards tad-dritt tal-Unjoni hija parti integrali tal-kariga ta' mħallef tal-Unjoni li hija r-responsabbiltà tal-qorti nazzjonali inkarigata biex tapplika, fil-qafas tal-ġurisdizzjoni tagħha, ir-regoli tad-dritt tal-Unjoni, sabiex l-eżerċizzju ta' din is-setgħa jikkostitwixxi garanzija inerenti fl-indipendenza ġudizzjarja li tirriżulta mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny, C-558/18 *et* C-563/18, EU:C:2020:234, punt 59 u tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punt 91).

258 Għalhekk, ikun inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti fin-natura stess tad-dritt tal-Unjoni kwalunkwe leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li jkollha l-effett li tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni billi tiċħad lill-qorti kompetenti li tapplika dan id-dritt is-setgħa li tagħmel, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li jkun meħtieġ biex tiġi eskluża dispożizzjoni jew prattika nazzjonali li eventwalment tista' tikkostitwixxi ostaklu għall-effettività sħiħa tar-regoli tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli, C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-5 ta' April 2016, PFE, C-689/13, EU:C:2016:199, punt 41, kif ukoll tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality u Commissioner of An Garda Síochána, C-378/17, EU:C:2018:979, punt 36).

259 Issa, leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali jorbtu lill-qrati ordinarji, meta dawn tal-aħħar iqisu, fid-dawl ta' sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn is-sentenzi kostituzzjonali tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, hija ta' natura li timpedixxi lil dawn il-qrati milli jiżguraw l-effett sħiħ tar-rekwiżiti ta' dan id-dritt, effett ta' impediment li jista' jiġi msaħħaħ mill-fatt li d-dritt nazzjonali jikklassifika n-nuqqas eventwali ta' osservanza ta' din il-ġurisprudenza kostituzzjonali bħala ksur dixxiplinari.

260 F'dan il-kuntest, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 267 TFUE jipprekludi kull leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali ta' natura li tipprevjeni lill-qrati nazzjonali, skont il-każ, milli jużaw il-fakultà jew milli josservaw l-obbligu, previsti f' dan l-Artikolu 267, li jressqu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' April 2016, PFE,

C-689/13, EU:C:2016:199, punti 32 sa 34 u l-ġurisprudenza ċċitata; tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et*, (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 103, kif ukoll tat-23 ta' Novembru 2021, IS (Illegalità tad-digriet tar-rinviju), C-564/19, EU:C:2021:949, punt 93). Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 227 ta' din is-sentenza, il-fatt li l-imħallfin nazzjonali ma jkunux esposti għal proċeduri jew għal sanzjonijiet dixxiplinari talli eżerċitaw il-fakultà li jadixxu l-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 267 TFUE, li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tagħhom, jikkostitwixxi garanzija inerenti fl-indipendenza tagħhom. Bl-istess mod, fil-każ li, wara r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja, imħallef ta' qorti nazzjonali ordinarja jqis li l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, il-fatt li dan l-imħallef nazzjonali iħalli mhux applikata l-imsemmija ġurisprudenza, skont il-prinċipju ta' supremazija ta' dan id-dritt, bl-ebda mod ma jista' jkun ta' natura li joħloq ir-responsabbiltà dixxiplinari tiegħu.

261 F'dan il-każ, mill-proċess li għandha f'idejha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li nfetħu proċeduri dixxiplinari taħt l-Artikolu 99(ş) tal-Liġi Nru 303/2004 kontra ċerti mħallfin tal-qrati tar-rinviju wara t-tressiq minnhom tat-talba għal deċiżjoni preliminari tagħhom. Barra minn hekk, fil-każ li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja twassal lil dawn il-qrati biex iħallu mhux applikata l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali li tirriżulta mis-sentenzi inkwistjoni fil-kawżi prinċipali, ma jidhirx li jista' jiġi eskluż, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fil-punt 58 ta' din is-sentenza, li l-imħallfin li jikkomponu l-imsemmija qrati jkunu esposti għar-riskju li jkunu suġġetti għal sanzjonijiet dixxiplinari.

262 Minn dan isegwi li l-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn il-qrati ordinarji nazzjonali huma marbuta bis-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali u ma jistgħux, minħabba dan il-fatt u bil-konsegwenza li jikkommettu ksur dixxiplinari, iħallu mhux applikata, bl-awtorità tagħhom stess, il-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn is-sentenzi, meta jikkunsidraw li, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-ġurisprudenza tmur kontra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE jew id-Deċiżjoni 2006/928.

263 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni u t-tielet domandi fil-Kawżi C-357/19, C-379/19, C-811/19 u C-840/19 kif ukoll għall-unika domanda fil-Kawża C-547/19 għandha tkun li

– l-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali jorbtu lill-qrati ordinarji, sakemm id-dritt nazzjonali jiggarantixxi l-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fir-rigward b'mod partikolari tas-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi, kif jeħtiġilha minn dawn id-dispożizzjonijiet. Min-naħa l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u d-deċiżjoni msemmija għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali fejn kull nuqqas ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali mill-qrati nazzjonali tad-dritt ordinarju huwa ta' natura li joħloq ir-responsabbiltà dixxiplinari tagħhom;

– il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn il-qrati ordinarji nazzjonali huma marbuta b'deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali u ma jistgħux, minħabba f'hekk u bil-konsegwenza ta' ksur dixxiplinari, iħallu mhux applikati, bl-awtorità tagħhom stess, il-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn id-deċiżjonijiet, meta jikkonsidraw li, fid-dawl ta'

sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-ġurisprudenza tmur kontra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE jew id-Deċiżjoni 2006/928.

**Fuq l-ispejjeż**

264 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawżi prinċipali, in-natura ta' kwistjoni imqajma quddiem il-qrati tar-rinviju, huma dawn il-qrati li għandhom jiddeċiedu fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż inkorsi għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-partijiet imsemmija, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (l-Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verfika tal-progress fir-Rumanija sabiex jiġu indirizzati punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għandha, sakemm ma tkunx tħassret, torbot fl-intier tagħha għar-Rumanija. Il-punti ta' riferiment stabbiliti fl-anness tagħha għandhom l-għan li jiżguraw li dan l-Istat Membru jħares l-valur tal-Istat tad-dritt iddikjarat fl-Artikolu 2 TUE u għandhom natura vinkolanti għall-imsemmi Stat Membru, fis-sens li dan tal-aħħar huwa meħtieġ li jieħu l-miżuri xierqa biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, filwaqt li jitqiesu debitament, taħt il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, rapporti stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea fuq il-bażi tad-deċiżjoni msemmija, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti msemmija.**

2) **L-Artikolu 325(1) TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li saret fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, iffirmata fil-Lussemburgu fis-26 ta' Lulju 1995, kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali, skont liema s-sentenzi fi kwistjonijiet ta' korruzzjoni u ta' frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li ma jkunux ingħataw, fl-ewwel istanza, minn kulleġġi ġudikanti speċjalizzati f'din il-materja jew, fl-appell, minn kulleġġi ġudikanti li l-membri kollha tagħhom inħatru bix-xorti, huma assolutament nulli b'mod li l-kawżi ta' korruzzjoni u ta' frodi tal-VAT ikkonċernati għandhom, jekk meħtieġ wara rikors straordinarju kontra sentenzi finali, jiġu eżaminati mill-ġdid fl-ewwel u/jew fit-tieni istanza, sa fejn l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni jew ta' din il-prattika nazzjonali hija ta' natura li toħloq riskju sistemiku ta' impunità għal fatti li jikkostitwixxu reati serji ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew ta' korruzzjoni b'mod ġenerali. L-obbligu li jiġi żgurat li tali reati jkunu s-suġġett ta' sanzjonijiet kriminali ta' natura effettiva u dissważiva ma jeżentax lill-qorti tar-rinviju milli tivverifika r-rispett meħtieġ tad-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, mingħajr ma din il-qorti tkun tista' tapplika standard nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali li jinvolvi tali riskju sistemiku ta' impunità.**

3) **L-Artikolu 2 u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll id-Deċiżjoni 2006/928 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali jorbtu lill-qrati ordinarji, sakemm id-dritt nazzjonali jiggarantixxi**

**l-indipendenza tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija fir-rigward b'mod partikolari tas-setgħat leġiżlattivi u eżekuttivi, kif jeħtiġilha minn dawn id-dispożizzjonijiet. Min-naħa l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat UE u d-deċiżjoni msemmija għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali fejn kull nuqqas ta' applikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali mill-imħallfin nazzjonali tad-dritt ordinarju huwa ta' natura li joħloq ir-responsabbiltà dixxiplinari tagħhom.**

4) **Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali fejn il-qrati ordinarji nazzjonali huma marbuta b'deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali u ma jistgħux, minħabba f'hekk u bil-konsegwenza ta' ksur dixxiplinari, iħallu mhux applikati, bl-awtorità tagħhom stess, il-ġurisprudenza li tirriżulta minn dawn id-deċiżjonijiet, meta jikkonsidraw li, fid-dawl ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-ġurisprudenza tmur kontra t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, l-Artikolu 325(1) TFUE jew id-Deċiżjoni 2006/928.**

Firem